II

(Atti mhux leġiżlattivi)

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' April 2014

dwar statistika monetarja u finanzjarja

(riformulazzjoni)

(BĊE/2014/15)

(2014/810/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9) [1],

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew [2],

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn [3],

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2010/20 tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju [4],

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2007/9 [5] ġiet emendata b'mod sinifikanti. Billi għandhom isiru emendi ulterjuri, b'mod partikolari fid-dawl tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6] dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea u l-bidliet konsegwenti fir-regolamenti statistiċi relevanti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), din għandha tiġi fformulata mill-ġdid fl-interessi taċ-ċarezza.

[1] ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.
[2] ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
[3] ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.
[4] ĠU L 35, 9.2.2011, p. 31.
[5] Linja Gwida BĊE/2007/9 tal-1 ta' Awwissu 2007 fuq statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-suq (ĠU L 341, 27.12.2007, p. 1).
[6] Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

(2) Għall-kompilazzjoni ta' statistika dwar il-karta tal-bilanċ aggregata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI) għaż-żona tal-euro u għal Stati Membri individwali li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem l-"Istati Membri taż-żona tal-euro"), kif ukoll il-karta tal-bilanċ konsolidata taż-żona tal-euro tas-settur MFI u l-aggregati monetarji rilevanti taż-żona tal-euro, il-BĊE jeħtieġ ir-rapportar ta' dejta fuq il-karta tal-bilanċ tal-BĊE, u fuq il-karti tal-bilanċ relatati mas-settur MFI ta' Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro.Id-dejta għandha tiġi rrapportata mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) skont din il-Linja Gwida u bl-użu tal-input miġbur skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) [1].

(3) Sabiex jinġiebu aggregati monetarji l-BĊE jiġbor mill-BĊNi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, tagħrif statistiku dwar l-istituzzjonijiet ġiro tal-uffiċċji tal-posta (post office giro institutions - POGIs) li jirċievu depożiti mingħand residenti fiż-żona tal-euro li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji skont ir-Regolament (UE) Nru 1074/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/39) [2] u dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-gvern ċentrali skont din il-Linja Gwida.

(4) Il-BĊE jikkompila statistika dwar il-karta tal-bilanċ aggregata ta' sottogruppi tas-settur tal-MFI, u speċifikament dwar il-fondi tas-suq monetarju (MMFs) u l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Biex tiġi dderivata din l-istatistika għaż-żona tal-euro u għall-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro, il-BĊE jiġbor mill-BĊNi dejta dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-MMFs skont din il-Linja Gwida.

(5) Il-BĊNi jistgħu jittrażmettu lill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) statistika supplimentari dwar il-karta tal-bilanċ tal-MFI permezz tal-BĊE skont il-mudelli speċifikati f'din il-Linja Gwida.

(6) Sabiex jiġu analizzati aħjar l-iżvilupp fis-self tal-MFI lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji fiż-żona tal-euro u Stati Membri taż-żona tal-euro individwali, il-BĊE jitlob lill-BĊNi biex jirrapportaw, fejn tkun disponibbli, dejta dwar is-self tal-MFI lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont il-fergħa ta' attività. Ir-rekwiżiti ta' dejta huma speċifikati f'din il-Linja Gwida.

(7) Sabiex tiġi kkumplimentata l-analiżi tal-iżviluppi ta' kreditu fiż-żona tal-euro u Stati Membri taż-żona tal-euro individwali, il-BĊNi huma mitluba jipprovdu informazzjoni dwar il-linji ta' kreditu tal-MFI maqsuma skont is-settur istituzzjonali skont din il-Linja Gwida.

(8) Sabiex tiġi prodotta statistika dwar il-bażi ta' riżerva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għaż-żona tal-euro u Stati Membri individwali taż-żona tal-euro skont ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), il-BĊE jeħtieġ dejta mill-BĊNi skont din il-Linja Gwida. Il-BĊNi jipprovdu l-kontribut tagħhom permezz tad-dejta miġbura mill-istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

(9) Sabiex jidderiva statistika dwar ir-rati ta' interess applikati mill-MFIs għal depożiti u self fir-rigward ta' unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji għaż-żona tal-euro u Stati Membri individwali taż-żona tal-euro, il-BĊE jiġbor informazzjoni minn BĊNi skont din il-Linja Gwida. Il-BĊNi jipprovdu l-kontribut tagħhom permezz tad-dejta miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 1072/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/34). [3].

(10) Il-BĊE jikkompila statistika dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fondi ta' investiment (IFs) u korporazzjonijiet ta' veikoli finanzjarji involuti fit-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni ("FVCs") għaż-żona tal-euro u Stati Membri individwali taż-żona tal-euro abbażi tad-dejta pprovduta mill-BĊNi skont din il-Linja Gwida. Il-BĊNi jipprovdu l-kontribut tagħhom permezz tad-dejta miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/38) [4] u r-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/40) [5].

---

[1] Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1)

[2] Ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 1074/2013 tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar obbligi ta' rapportar statistiku għal istituzzjonijiet ġiro tal-uffiċċji tal-posta li jirċievu depożiti mingħand residenti fiż-żona tal-euro li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/39) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 94).

[3] Regolament (UE) Nru 1072/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/34) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 51).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73).

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (BĊE/2013/40) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 107).

(11) Sabiex tingħata ħarsa ġenerali lejn id-daqs u l-iżvilupp tal-ħruġ tal-flus elettroniċi, il-BĊE jitlob lill-BĊNi biex jirrapportaw tagħrif statistiku dwar l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi skont din il-Linja Gwida.

(12) Il-BĊE jżomm ir-Reġistru tad-Database tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD), repożitarju ċentrali tad-dejta ta' referenza dwar l-unitajiet istituzzjonali rilevanti għal finijiet statistiċi. RIAD taħżen, *inter alia*, il-listi tal-MFIs, IFs, FVCs u l-istituzzjonijiet rilevanti għall-istatistika tal-ħlas (payment statistics relevant institutions - PSRIs). Din il-Linja Gwida tispeċifika d-dispożizzjonijiet li jirregolaw kif il-BĊNi jirrapportaw id-dejta meħtieġa lill-BĊE.

(13) Il-BĊE jikkompila statistika dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fondi tal-pensjoni (PFs) għaż-żona tal-euro u Stati Membri taż-żona tal-euro abbażi tad-dejta pprovduta mill-BĊNi skont din il-Linja Gwida.

(14) Sabiex jikseb ħarsa ġenerali lejn intermedjarji finanzjarji oħra ħlief korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (OFIs), il-BĊE jeħtieġ li l-BĊNi jirrapportaw tagħrif statistiku dwar in-negozjanti ta' titoli u derivattivi (SDDs), korporazzjonijiet finanzjarji involuti fis-self (FCLs) u OFIs oħra skont din il-Linja Gwida. Barra minn dan, il-B~E jitlob lill-BÑi biex jirrapportaw tagħrif statistiku dwar kontropartijiet ċentrali (CCPs).

(15) Il-BĊE jikkompila statistika dwar emissjonijiet ta' titoli għaż-żona tal-euro u Stati Membri individwali taż-żona tal-euro. Il-qafas jistrieħ b'mod qawwi fuq it-tag]rif li l-BĊE jiġbor mill-BĊNi skont din il-Linja Gwida.

(16) Skont l-Artikolu (2) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, il-BĊE jikkompila il-bilanċ tal-pagamenti għaż-żona tal-euro u statistika esterna relatata u jitlob lill-Istat Membri taż-żona tal-euro biex jirrapportaw il-bilanċ nazzjonali tad-dejta tal-pagamenti. Il-valutazzjoni tal-kwalità għall-bilanċ tal-pagamenti taż-żona tal-euro u l-istatistika fuq il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali u l-mudell tar-riżervi internazzjonali għandha titwettaq skont il-Qafas tal-Kwalità tal-Istatistika tal-BĊE li fost l-oħrajn, tinkludi assigurazzjoni ta' konsistenza xierqa mal-istatistika monetarja u finanzjarja relevanti taż-żona tal-euro. ([1]).

(17) Biex tiġi kkompilata d-dejta dwat l-indikaturi finanzjarji strutturali taż-żona tal-euro, dejta bankarja kkonsolidata għall-gruppi bankarji taż-żona tal-euro u statistika dwar espożizzjonijiet ta' self settorjali u reġjonali ta' gruppi bankarji kbar taż-żona tal-euro, il-BĊE jitlob lill-BĊNi biex jirrapportaw tagħrif statistiku skont il-mudelli speċifikati f'din il-Linja Gwida.

(18) Biex jiġu analizzati l-iżviluppi fis-sistemi ta' pagament taż-żona tal-euro u jiġi mmonitorjat il-grad tagħhom ta' integrazzjoni, il-BĊE jitlob lill-BĊNi biex jirrapportaw id-dejta skont din il-Linja Gwida, li tikkumplimenta r-Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/43) ([2]),

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. ***Ġenerali***

Din il-Linja Gwida tistabbilixxi l-obbligi tal-BĊNi biex jirrapportaw statistika monetarja u finanzjarja lill-BĊE.

2. ***Skemi ta' rapportar, standards u dati ta' trażmissjoni***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw il-partiti msemmija fl-Artikoli 3 sa 26 skont l-iskemi stabbiliti fl-Anness II u skont l-istandards ta' rapportar elettroniku stabbiliti fl-Anness II. Sa Settembru ta' kull sena, il-BĊE għandu jikkomunika d-dati ta' trażmissjoni eżatti lill-BĊNi fil-forma ta' kalendarju ta' rapportar għas-sena ta' wara.

([1]) Ara l-premessa 13 tal-Linja Gwida BĊE/2011/23 tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1); ara wkoll il-premessa 5 tar-Rakkomandazzjoni BĊE/2011/24 tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU C 64, 3.3.2012, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2013 dwar l-istatistika tal-ħlasijiet (BĊE/2013/43) (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 18).

3. ***Rekwiżiti ta' rapportar ta' dejta b'lura fil-każ tal-adozzjoni tal-euro***

Fil-każijiet tal-adozzjoni tal-euro, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) Għal statistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI u l-MMF u l-istatistika fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-IF u l-FVC, il-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (minn hawn 'il quddiem l-'Istati Membri mhux taż-żona tal-euro') li jadottaw l-euro wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja Gwida għandhom jirrapportaw lill-BĊE, dejta b'lura li tkopri l-perjodi ta' referenza mill-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni, u fi kwalunkwe każ li tkopri tal-anqas it-tliet snin qabel l-adeżjoni tagħhom maż-żona tal-euro. Id-dejta għandha tiġi kkompilata mill-BĊNi bħal li kieku l-Istat Membru inkwistjoni kien parti miż-żona tal-euro matul il-perjodi ta' referenza kollha. Sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit, il-BĊNi tal-pajjiżi li jidħlu fl-Unjoni huma rrakkomandati li jimplimentaw ir-rekwiżiti ta' dawn is-settijiet ta' dejta skont il-mudelli għal Stati Membri mhux taż-żona tal-euro.

(b) Minbarra dan ir-rekwiżit ġenerali, japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-istatistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ (BSI) tal-MFI:

(i) id-data b'lura għandha tkopri wkoll it-tliet snin qabel id-dħul ta' Stat Membru fl-Unjoni, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-BĊE;

(ii) il-BĊNi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jirrapportaw pożizzjonijiet fil-konfront ta' Stati Membri li jadottaw l-euro wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja Gwida li tkopri it-tliet snin qabel it-tkabbir taż-żona tal-euro, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-BĊE. Dan il-prinċipju għandu japplika biss għal ammonti pendenti ta' kull xahar irrapportati skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Ir-rapportar huwa obbligatorju biss għal dawk l-ammonti pendenti li jaqbżu l-EUR 50 miljun u li nkella jsir fuq bażi volontarja.

(c) Għal ħruġ ta' titoli, is-serje ta' żmien trażmessa lill-BĊE għandha tibda minn Diċembru 1989 għall-ammonti pendenti, u minn Jannar 1990 għall-flussi.

(d) Għal statistika tal-pagamenti, għandhom jiġu rrapportati ħames snin ta' dejta, inkluż l-aħħar sena ta' referenza, fuq bażi tal-aqwa sforzi.

4. ***Rekwiżiti ta' rapportar ta' dejta b'lura li joriġinaw mill-introduzzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda fir-rigward tal-istatistika monetarja u finanzjarja***

(a) Dejta b'lura jew stimi trimestrali f'konformità mar-rekwiżiti tas- sistema Ewropea riveduta tal-kontijiet (minn hawn 'il quddiem 'ESA 2010') stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 549/2013 huma meħtieġa għall-istatistika BSI, IF u FVC kif speċifikat fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Anness VI għall-kompilazzjoni tal-kontijiet finanzjarji. Id-dejta għandha tiġi rrapportata lill-BĊE fuq bażi tal-aqwa sforzi kif ġej: f'Settembru 2014 għall-perjodi ta' referenza minn Q4 2012 sa Q2 2014; f'Diċembru 2014 għall-perjodu ta' referenza Q3 2014; u f'Marzu 2015 għall-perjodu ta' referenza Q4 2014.

(b) Dejta b'lura jew stimi għall-karatteristiċi ta' prijorità għolja ġodda adottati fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) kif speċifikat fit-Tabella 4 tal-Anness VI għall-perjodi ta' referenza minn Ġunju 2014 'il quddiem huma meħtieġa fuq bażi tal-aqwa sforzi sa Mejju 2015 biex jiġi evitat dewmien fil-pubblikazzjoni attwali.

(c) Dejta b'lura jew stimi għall-karatteristiċi ta' prijorità għolja ġodda li ġejjin adottati fir-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34) kif speċifikat fit-Tabella 5 tal-Anness VI għall-perjodi ta' referenza minn Ġunju 2014 'il quddiem huma meħtieġa fuq bażi tal-aqwa sforzi sa Mejju 2015.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida:

1. "'aġent ta' rapportar" u "residenti" għandhom l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

2. "Eurosistema" tfisser il-BĊNi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-BĊE;

3. "istituzzjoni ta' kreditu" għandha l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

4. "MFIs oħra" tfisser l-MFIs kollha minbarra l-banek ċentrali.

Artikolu 3

Statistika fuq il-partiti tal-karta tal-bilanċ dwar MFIs

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandhom jikkompilaw u jirrapportaw żewġ karti tal-bilanċ aggregati, it-tnejn fuq bażi grossa, skont l-iskemi stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33): waħda li tirreferi għas-subsettur tal-MFI "bank ċentrali" u oħra li tirreferi għas-subsettur "MFIs oħra".

Il-BĊNi għandhom iġibu t-tagħrif statistiku meħtieġ dwar il-karta tal-bilanċ tagħhom stess mis-sistema ta' kontabbiltà permezz ta' bridging tables iddedikati disponibbli fil-websajt tal-BĊE ([2]). It-tabelli sejrin jiġu emendati kif meħtieġ b'kooperazzjoni mal-BĊNi biex jirriflettu s-sitwazzjonijiet li jevolvu, pereżempju sabiex tiġi żgurata konsistenza mar-regoli tal-kontabilità aġġornati. Il-BĊE, għal finijiet ta' rapportar statistiku, għandu jġib id-dejta mill-karta tal-bilanċ tiegħu stess, li tikkorrispondi għad-dejta derivata mill-BĊNi mill-karti tal-bilanċ tagħhom stess.

Il-BĊNi għandhom iġibu t-tagħrif statistiku meħtieġ dwar il-karti tal-bilanċ ta' MFIs oħrajn permezz tal-aggregazzjoni tad-dejta tal-BSI miġbura minn MFIs individwali residenti ħlief għall-BĊN residenti.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikopru ammonti pendenti tal-aħħar tax-xahar u tal-aħħar tat-trimestru (stokks) dejta tal-aġġustament tal-fluss ta' kull xahar u trimestrali, u dejta ta' kull xahar u trimestrali dwar titolizzazzjoni ta' self u trasferimenti oħra ta' self. Il-karta tal-bilanċ għandha titfassal sal-aħħar jum kalendarju tax-xahar/trimestru mingħajr ma jitqiesu l-vaganzi lokali tal-bank; jekk dan ma jkunx possibbli, għandha tintuża dejta relatata mal-aħħar jum tax-xogħol, skont is-suq nazzjonali jew ir-regoli ta' kontabilità.

Il-partiti kollha huma obbligatorji; madankollu, b'referenza għaċ-ċelloli fit-Tabelli 3 u 4 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) li jikkorrispondi għall-Istati Membri mhux taż-żona tal-euro, japplikaw xi dispożizzjonijiet speċjali, kif deskritt fil-paragrafu 8. Barra minn hekk, b'referenza għar-rekwiżiti tat-Tabella 5 tal-Parti 5 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) għar-rapportar ta' self titolizzat u derikonoxxut li huwa servizzjat mill-MFIs, il-BĊNi jistgħu jestendu r-rekwiżiti ta' rapportar biex jinkludu self li ttrasferit b'mod ieħor li huwa servizzjat mill-MFIs. Sal-punt li din l-informazzjoni addizzjonali ma tiġix inkluża fir-rapportar taħt it-Tabella 5 tal-Parti 5 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) iżda hija disponibbli għall-BĊNi, id-dejta għandha tiġi inkluża fit-Tabella 4 tal-Parti 1 tal-Anness II għal din il-Linja Gwida. Sal-punt li l-informazzjoni dwar is-self titolizzat jew ittrasferit b'mod ieħor li mhuwiex servizzjat mill-MFIs hija disponibbli għall-BĊNi (eż. minn OFIs jew awżiljari finanzjarji li jaġixxu bħala servizjanti għas-self), din id-dejta għandha tiġi inkluża fit-Tabella 4 tal-Parti 1 tal-Anness II.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku dwar partiti tal-karta tal-bilanċ skont il-Parti 1 tal-Anness II.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Il-BĊE għandu jikkalkula t-tranżazzjonijiet billi jieħu d-differenza bejn l-istokks fi tmiem ix-xahar u mbagħad ineħħi l-effetti li ma joriġinawx mit-tranżazzjonijiet abbażi tal-aġġustamenti tal-fluss li ġejjin:

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) Ara 'Bridging tables bejn il-partiti tal-karta tal-bilanċ kontabilistika tal-BĊNi u l-BĊE u l-partiti li għandhom jiġu rrapportati għal finijiet statistiċi', li għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-BĊE www.ecb.europa.eu.

(i) ir-riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra, li jkopru bidliet fl-istokk tal-karta tal-bilanċ li joriġinaw minħabba bidliet fil-kompożizzjoni u l-istruttura tal-popolazzjoni tal-MFI, bidliet fil-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u l-kontropartijiet, bidliet fid-definizzjonijiet statistiċi u l-korrezzjoni (parzjali) tal-iżbalji tar-rapportar;

(ii) l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni minħabba bidliet fil-prezzijiet, li jinkludu kwalunkwe bidla fil-pożizzjoni tal-istokk minħabba impatt tal-movimenti fil-prezzijiet tal-assi u l-obbligazzjonijiet, u li jirriflettu wkoll l-impatt tat-tħassir u t-tniżżil fil-valur tas-self; u l-bidliet fir-rati ta' kambju, li jinkludu kwalunkwe bidla fil-pożizzjoni tal-istokk minħabba l-moviment tar-rata ta' kambju fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'munita barranija.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE dejta ta' kull xahar u trimestrali relatata mar-riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra u għal rivalutazzjonijiet minħabba l-bidliet fil-prezz ikkalkolati skont l-Anness IV. Il-BĊE normalment jikkalkula l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni għal bidliet fir-rati ta' kambju, għalkemm meta l-BĊNi jkunu f'pożizzjoni biex jikkompilaw aġġustamenti aktar preċiżi, dawn jistgħu wkoll jibagħtu dawn l-aġġustamenti lill-BĊE direttament.

2. ***Frekwenza ta' rapportar u skadenza***

Il-BĊNi u d-dipartiment tal-BĊE responsabbli għar-rapportar finanzjarju għandhom jirrapportaw lill-BĊE dejta ta' kull xahar sal-għeluq tal-15-il jum tax-xogħol wara l-aħħar tax-xahar li miegħu tkun relatata d-dejta, filwaqt li għandhom jirrapportaw dejta trimestrali sal-għeluq tat-28 jum ta' xogħol wara l-għeluq tat-trimestru miegħu tkun relatata d-dejta.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi jista' jkollu l-bżonn jirrivedi d-dejta li tirriferi għall-aħħar perjodu ta' qabel il-perjodu ta' referenza kurrenti. Barra minn hekk, jista' jkun hemm reviżjonijiet li jirreferu għal perjodi preċedenti, li joriġinaw minn, pereżempju, żbalji, riklassifikazzjonijiet, proċeduri ta' rapportar imtejba, eċċ. Il-BĊE jista' jipproċessa reviżjonijiet eċċezzjonali u ordinarji simultanjament jew jiddeċiedi li jipposponi l-ipproċessar ta' reviżjonijiet eċċezzjonali għal wara l-perjodu ta' produzzjoni ta' kull xahar għall-aggregati monetarji.

Il-politika ta' reviżjoni għandha tikkonforma mal-prinċipji fil-'Manwal dwar l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI'. Biex jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn il-kwalità tal-istatistika monetarja u l-istabbiltà tagħha, u biex titjieb il-konsistenza bejn l-istatistika ta' kull xahar u trimestrali, għandhom jintbagħtu reviżjonijiet eċċezzjonali għad-dejta ta' kull xahar meta tiġi sottomessa l-istatistika trimestrali. Kull meta jiġu rrapportati reviżjonijiet fid-dejta ta' kull xahar iżda l-qafas nazzjonali tal-produzzjoni tad-dejta ma jippermettix il-ġenerazzjoni ta' reviżjonijiet korrispondenti, il-BĊNi għandhom jiżguraw, fuq bażi tal-aqwa sforzi, li tinżamm il-konsistenza bejn id-dejta ta' kull xahar u trimestrali, eż. permezz ta' stimi.

4. ***Verifiki li jimmonitorjaw il-konsistenza interna tad-dejta***

Qabel ma tiġi trażmessa d-dejta lill-BĊE, il-BĊNi u d-dipartiment tal-BĊE responsabbli għar-rapportar finanzjarju għandhom jivverifikaw il-konsistenza interna tad-dejta skont il-verifiki ddefiniti u miżmuma mill-BĊE.

5. ***Żieda***

(a) Kompożizzjoni tad-"denb"

Fejn il-BĊNi jagħtu derogi lill-MMFs skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-BĊNi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjoni kumulattiva tagħhom għat-total tal-karta tal-bilanċ tal-MMF taż-żona tal-euro ma taqbiżx:

(i) 10 % f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro fejn il-kontijiet nazzjonali tal-karta tal-bilanċ ta' MMF jammontaw għal iżjed minn 15 % tal-karta tal-bilanċ ta' MMF totali taż-żona tal-euro;

(ii) 30 % fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, ħlief għal dawk fejn il-karta tal-bilanċ ta' MMF nazzjonali tammonta għal anqas minn 1 % tal-karta tal-bilanċ ta' MMF totali taż-żona tal-euro, f'liema każ ma għandha tapplika l-ebda restrizzjoni speċifika fl-allokazzjoni tal-MMFs lid-denb.

Meta BĊNi jagħtu derogi lill-MMFs skont is-ubparagrafi (i), (ii) jew (iv) tal-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-BĊNi għandhom jiżguraw li għal kull partita, il-kontribuzzjoni kkombinata tad-derogi għall-ammont totali korrispondenti fil-karta tal-bilanċ ta' MFI nazzjonali ma taqbiżx 5 %. Il-BĊNi jistgħu wkoll jagħtu derogi lill-MMFs mir-rekwiżit biex jipprovdu dejta dwar pożizzjonijiet ta' assi u obbligazzjonijiet fil-konfront tas-settur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni taż-żona tal-euro u s-settur tal-fondi ta' pensjoni b'mod separat skont is-subparagrafu (iii) tal-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Il-BĊNi għandhom jagħmlu distinzjoni bejn assi u obbligazzjonijiet fil-konfront tal-korporazzjonijiet tal-assiguazzjoni u fondi tal-pensjoni, u bejn pożizzjonijiet b'istituzzjonijiet domestiċi u istituzzjonijiet residenti fi Stati Membri taż-żona tal-euro, u jistgħu mbagħad jagħtu derogi fir-rigward ta' kull blokk li l-kontribuzzjoni tiegħu ma taqbiżx il-5 % tat-total tal-karta tal-bilanċ ta' MMF nazzjonali.

(b) Standards minimi għaż-żieda

Meta l-BĊNi jagħtu derogi lill-MFIs skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-BĊNi għandhom iżidu l-kopertura sa 100 % għal dawn l-MFIs fil-kompilazzjoni tad-dejta tal-karta tal-bilanċ tal-MFI ta' kull xahar u trimestrali rrapportata lill-BĊE. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu l-proċedura għaż-żieda tal-kopertura sa 100 %, sakemm din tissodisfa l-istandards minimi li ġejjin.

(i) Għal dejta ta' tqassim nieqsa, l-istimi għandhom jinkisbu bl-applikazzjoni ta' proporzjonijiet bbażati fuq subsett tal-popolazzjoni ta' rapportar attwali li hija kkunsidrata iktar rappreżentattiva tad-'denb' kif ġej:

— BĊNi tal-Istati Membri li l-kontribuzzjoni tagħhom lill-karta tal-bilanċ ta' MFI taż-żona tal-euro hija akbar minn 2 % għandhom jiddeterminaw dan is-subsett biex it-total tal-bilanċ totali tal-entitajiet fis-subsett ma jaqbiżx 35 % tal-karta tal-bilanċ ta' MFI aggregata nazzjonali. Dan ir-rekwiżit m'għandux japplika meta l-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet li għalihom jingħataw id-derogi huma ta' anqas minn 1 % tal-karta tal-bilanċ tal-MFI nazzjonali,

— Il-BĊNi tal-Istati Membri l-kontribuzzjoni tagħhom lill-karta tal-bilanċ ta' MFI taż-żona tal-euro aggregata totali hija ta' anqas minn 2 % huma mħeġġa li jsegwu l-istess arranġament. Madankollu, jekk ikun hemm spejjeż sinifikanti involuti, il-BĊNi f'dawn l-Istati Membri jistgħu minflok japplikaw proporzjonijiet bbażati fuq il-popolazzjoni li tirrapporta.

(ii) Fl-applikazzjoni tal-punt (i), kemm id-"denb" kif ukoll is-subsett tal-popolazzjoni attwali li tirrapporta jistgħu jinqasmu fi gruppi differenti skont ir-referenza għat-tip ta' istituzzjoni, eż. MMFs jew istituzzjonijiet ta' kreditu.

(iii) Kull meta l-kontribuzzjoni ta' MMFs li jirrapportaw biss l-assi totali tagħhom darba fis-sena taqbeż 30 % tal-karta tal-bilanċ MMF totali f'xi Stat Membru partikolari, il-BCNi għandhom iżidu d-dejta rapportata mill-MMFs u l-istituzzjonijiet ta' kreditu separatament kif ġej:

— jekk hemm kopertura biżżejjed minn MMF li huma rapportaturi sħaħ, il-karta tal-bilanċ aggregata tagħhom għandha tintuża bħala bażi għaż-żieda;

— jekk il-kopertura minn MMF li huma rapportaturi sħaħ mhijiex biżżejjed jew ma hemmx MMF li huma rapportaturi sħaħ, il-BĊNi għandhom jagħmlu karta tal-bilanċ għas-settur MMF minn sorsi alternattivi ta' dejta, tal-anqas darba fis-sena, u jużawha bħala l-bażi għaż-żieda.

(iv) Meta jkun disponibbli t-tqassim tad-dejta, imma b'dewmien akbar jew b'frekwenza aktar baxxa, id-dejta rapportata għandha tinġieb 'il quddiem fil-perjodi neqsin billi:

— tiġi ripetuta d-dejta meta r-riżultati jkunu jidhru li huma adegwati; jew

— jiġu applikati tekniki ta' stima statistika biex jitqiesu x-xejriet fid-dejta jew ix-xejriet staġonali.

(v) Proporzjonijiet jew kull kalkolu intermedju ieħor meħtieġ biex jimplimenta l-istandards minimi għaż-żieda jistgħu jinġiebu minn dejta miksuba minn awtoritajiet superviżorji meta tista' tiġi stabbilita rabta affidabbli bejn it-tqassim statistiku li għandu jiżdied u dik id-dejta.

(c) Komunikazzjoni lill-BĊE

Il-BĊNi għandhom jinfurmaw lill-BĊE dwar id-derogi li japplikaw u jipprovdu wkoll informazzjoni dwar l-elementi ewlenin tal-proċeduri ta' żieda ġodda jew il-bidliet għal dawk eżistenti jekk ikunu sinifikanti.

6. *Metodi ta' valutazzjoni u/jew regoli ta' kontabilità*

Fil-kompilazzjoni tal-karta tal-bilanċ tal-bank ċentrali, il-BĊNi u l-BĊE għandhom isegwu r-regoli tal-kontabbiltà armonizzati fil-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 kif emendata u japplikaw il-bridging tables imsemmija fl-Artikolu 3(1). B'mod partikolari:

(a) fejn il-BĊNi u l-BĊE huma meħtieġa għall-finijiet ta' kontabbilità li jirrivalutaw il-portafoll tat-titoli tagħhom fuq bażi ta' xahar u mhux ta' trimestru, dawn ir-rivalutazzjonijiet għandhom jiġu riflessi wkoll fil-karta tal-bilanċ statistika fuq bażi ta' kull xahar;

(b) għall-partiti tal-kontabilità 9.5 'pretensjonijiet oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netta)' u 10.4 'obbligazzjonijiet oħra fi ħdan l-Eurosistema (netta)', il-BĊNi għandhom jidentifikaw assi b'mod separat mill-obbligazzjonijiet u jirrapportawhom fuq bażi gross;

(c) fejn il-partita tal-kontabilità 15 "kontijiet ta' rivalutazzjoni", għandha tiġi rrapportata fuq bażi gross għall-finijiet ta' kontabilità, il-BĊNi għandhom jirrapportawha fuq bażi nett għal finijiet statistiċi.

L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) jistabbilixxi l-prinċipji ta' kontabilità rilevanti għall-finijiet ta' rapportar statistiku fir-rigward ta' 'MFIs oħra'. B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għall-prattiki tal-kontabbiltà u l-arranġamenti ta' netting l-aktar użati fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fuq bażi gross. Barra minn hekk, fir-rigward tad-depożiti u s-self, għandu jiġi rrapportat l-ammont pendenti prinċipali, eskluż l-ammonti li tniżżilhom il-valur jew li ġew imħassra. Il-BĊNi jistgħu, b'mod eċċezzjonali, jippermettu r-rapportar ta' self nett mill-provvedimenti u r-rapportar ta' self mixtri bil-prezz miftiehem meta sar l-akkwist tiegħu, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-partiti l-oħra tal-karta tal-bilanċ, u speċjalment tat-titoli miżmuma u maħruġa, huwa rrakkomandat li l-BĊNi japplikaw valutazzjoni tas-suq f'konformità mar-rekwiżiti tal-ESA 2010. Madankollu, ir-rekwiżit ġenerali stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) li l-MFIs għandhom isegwu t-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 86/635/ŻEE kif ukoll kwalunkwe standard ieħor internazzjonali applikabbli jimplika li l-prattiki ta' valutazzjoni għat-titoli u assi oħra jvarjaw. L-applikazzjoni ta' regoli ta' valutazzjoni mhux standardizzati hija għalhekk aċċettabbli sakemm il-valur fil-kotba ma jiddevjax b'mod sinifikanti mill-valur tas-suq.

7. *Noti spjegattivi*

Meta jittrażmettu dejta lill-BĊE, il-BĊNi u d-dipartiment tal-BĊE responsabbli għar-rapportar finanzjarju għandhom jipprovdu noti spjegattivi li jakkumpanjaw żviluppi speċjali relatati mal-perjodu ta' referenza l-aktar riċenti, inklużi spjegazzjonijiet li jikkonċernaw 'riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra', kif ukoll reviżjonijiet rilevanti għal perjodi preċedenti. B'mod partikolari, in-noti spjegattivi għandhom jiġu rrapportati għall-iżviluppi, 'riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra', u reviżjonijiet akbar minn EUR 5 biljuni (f'valur assolut) jew f'każijiet oħra meta jitqiesu ekonomikament sinifikanti, eż. meta l-iżviluppi fis-serje rrapportata għandhom x'jaqsmu ma' tranżanzzjonijiet kbar matul il-perjodu ta' rapportar, jew meta r-reviżjonijiet jiddeterminaw bidliet sinifikanti fl-interpretazzjoni ekonomika tal-iżviluppi aggregati. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet addizzjonali dwar id-dejta rrapportata fuq talba tal-BĊE.

In-noti għandhom jindikaw jekk l-iżviluppi sinifikanti identifikati, ir-reviżjonijiet jew ir-'riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra' li jaffettwaw is-serje rrapportata humiex finali jew għadhomx soġġetti għal investigazzjoni.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw in-noti spjegattivi preferibbilment meta ssir it-trażmissjoni tad-dejta u fi kwalunkwe każ qabel l-għeluq tal-produzzjoni tad-dejta.

Il-BĊE għandu jaħżen b'mod ċentrali n-noti spjegattivi li jaslu mill-BĊNi għall-monitoraġġ tad-dejta u l-finijiet ta' kjarifika tal-istatistika. Il-BĊE għandu jittratta l-informazzjoni pprovduta fin-noti b'rispett xieraq għar-reġim ta' kunfidenzjalità applikabbli.

8. ***Dispożizzjonijiet speċjali relatati mat-Tabelli 3 u 4 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33)***

Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li ma jitolbux lill-MFIs jirrapportaw b'mod sħiħ fir-rigward taċ-ċelloli fit-Tabelli 3 u 4 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) li jikkorrispondi għal Stati Membri mhux taż-żona tal-euro, jekk iċ-ċifri miġbura f'livell aktar aggregat jkunu insinifikanti. Il-BĊNi għandhom jirrevedu f'intervalli regolari, u tal-anqas darba f'sena, jekk dawn id-dispożizzjonijiet jibqgħux japplikaw. Meta jagħtu dawn id-derogi, il-BĊNi għandhom jirrapportaw stimi trimestrali dderivati skont il-kriterji li ġejjin:

(a) iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi tad-dejta rrapportata mill-MFIs fi frekwenza aktar baxxa; din id-dejta għandha tinġieb 'il quddiem fil-perjodu/perjodi nieqes/nieqsa billi tiġi ripetuta jew jiġu applikati tekniki statistiċi xierqa biex jirriflettu kwalunkwe xejra fid-dejta jew il-mudell staġjonali;

(b) iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' data rrapportata mill-MFIs fuq bażi aktar aggregata, jew fuq bażi ta' tqassim speċifiku li l-BĊNi jikkunsidraw li jagħmlu sens;

(c) iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' dejta trimestrali miġbura minn MFIs kbar responsabbli għal minn l-anqas 80 % tan-negozju mal-pajjiżi li japplikaw għalihom l-eżenzjoni ta' rapportar;

(d) iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' sorsi ta' dejta alternattivi bħall-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS) jew fuq il-bażi tad-dejta tal-bilanċ ta' pagamenti, wara kwalunkwe aġġustament meħtieġ minħabba kunċetti u definizzjonijiet differenti użati f'dawn is-sorsi alternattivi meta mqabbla ma' dawk użati fl-istatistika monetarja u finanzjarja; jew

(e) iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' dejta għall-pajjiżi li japplikaw għalihom l-eżenzjoni tar-rapportar, irrapportati b'mod trimestrali minn MFIs bħala total uniku.

Artikolu 4

Konsistenza tal-monitoraġġ bejn il-karta tal-bilanċ statistiku tal-BĊN u l-karta tal-bilanċ tal-kontabilità tiegħu

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ***

Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jissorveljaw il-konsistenza bejn il-karta tal-bilanċ aggregata tal-aħħar tax-xahar rispettiva tagħhom għal finijiet ta' statistika kif irrapportat skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u l-partiti ta' kontabilità tagħhom għad-dikjarazzjoni finanzjarja ta' kull ġimgħa tal-Eurosistema skont il-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20, kif emendata.

2. ***Frekwenza ta' rapportar u skadenza***

Il-BĊNi għandhom iwettqu verifiki fuq kull partita ta' dejta ta' kull xahar skont il-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I. Il-verifiki għandhom jiġu trażmessi lill-BĊE bid-dejta trimestrali korrispondenti u l-istess skadenza kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) għal dejta trimestrali.

Fil-perjodi tar-rapportar meta d-dati tal-karta tal-bilanċ aggregrata tagħhom tal-aħħar tax-xahar tal-Eurosistema għal finijiet statistiċi u l-partiti ta' kontabilità kif irrapportati fl-istqarrija finanzjarja ta' kull ġimgħa tal-Eurosistema ma jaqblux, il-BĊNi jistgħu jqabblu d-dejta statistika mal-karta tal-bilanċ ta' kuljum magħmula għall-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar. Bħala l-kumpilatur tal-karta tal-bilanċ tiegħu stess, il-BĊE għandu jsegwi l-istess proċedura.

3. *Monitoraġġ tal-BĊE*

Il-BĊE għandu jimmonitorja r-riżultati tal-verifiki ta' konsistenza u jista' jitlob lill-BĊNi jieħdu azzjoni fuq id-diskrepanzi rilevanti.

Artikolu 5

Statistika dwar il-flus elettroniċi

(a) ***Rekwiżiti ta' rapportar statistiku ta' kull xahar jew trimestrali dwar flus elettroniċi maħruġa minn MFIs li ma ngħatawx deroga taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33)***

1. Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar

Il-BĊE, f'kooperazzjoni mal-BĊNi, għandu jidentifika u jirreġistra fuq bażi annwali l-karatteristiċi tal-iskemi tal-flus elettroniċi użati fl-Unjoni, id-disponibbiltà tat-tagħrif statistiku kkonċernat u l-metodi ta' kompilazzjoni użati b'rabta miegħu. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku dwar flus elettroniċi maħruġa mill-MFIs kollha li ma jkunux ingħataw deroga taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), skont il-lista ta' partiti fit-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida.

2. Frekwenza ta' rapportar u skadenza

Għandha tiġi rapportata dejta ta' kull xahar lill-BĊE flimkien mat-trażmissjoni ta' dejta ta' kull xahar tal-istatistika tal-partiti tal-karta ta' bilanċ, kif speċifikat fl-Artikolu 3(2). Fin-nuqqas tad-dejta, il-BĊNi għandhom jużaw stimi jew dejta provviżorja fejn possibbli.

(b) ***Rekwiżiti ta' rapportar statistiku annwali dwar flus elettroniċi maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi kollha li ma humiex istituzzjonijiet ta' kreditu jew minn MFIs mogħtija deroga taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33)***

1. Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar

Dan ir-rapportar għandu jkopri l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja fil-forma ta' ħruġ ta' flus elettroniċi, li b'hekk jissodisfaw id-definizzjoni ta' MFI, u istituzzjonijiet ta' flus elettoniċi li mhumiex prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja bil-ħruġ ta' flus elettroniċi, li b'hekk ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' MFI. Dan ir-rapportar għandu jinkludi wkoll rapportar minn MFIs żgħar li jkunu ngħataw deroga taħt l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2003/33), irrispettivament minn jekk humiex istituzzjonijiet ta' kreditu.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku skont il-lista ta' partiti fit-Tabella 2 tal-Parti 2 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida. Id-dejta tal-emittenti tal-flus elettroniċi li ma tissodisfax id-definizzjoni ta' MFI u li għalhekk ma hijiex soġġetta għal rekwiżiti ta' rapportar statistiku regolari tal-BSI għandha tiġi rrapportata, sa fejn il-BĊNi jistgħu jiksbuha mingħand l-awtoritajiet superviżorji rispettivi tagħhom jew sorsi oħrajn xierqa.

2. Frekwenza tar-rapportar u skadenza

Is-serje għandha tiġi rrapportata ta' kull sena lill-BĊE, sal-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar li jsegwi t-tmiem tal-perjodu ta' referenza. Fin-nuqqas tad-dejta, il-BĊNi għandhom jużaw stimi jew dejta provviżorja fejn possibbli.

Artikolu 6

Statistika dwar il-POGIs u l-gvern ċentrali

1. *Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar*

(a) Ġenerali

Il-BĊNi jiġbru tagħrif statistiku dwar il-POGIs skont ir-Regolament (UE) Nru 1074/2013 (BĊE/2013/39). Ir-rekwiżiti jkopru l-obbligazzjonijiet monetarji fil-konfront tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji taż-żona tal-euro, jiġifieri sostituzzjonijiet għal obbligazzjonijiet ta' depożiti ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, u investimenti fi flus kontanti u titoli maħruġa minn MFIs taż-żona tal-euro. Din id-dejta għandha tiġi rrapportata mill-BĊNi lill-BĊE skont Parti 3 tal-Anness II.

Il-BĊNi għandhom ikopru wkoll obbligazzjonijiet monetarji tal-gvern ċentrali u investimenti fi flus kontanti u titoli maħruġa mill-MFIs taż-żona tal-euro fir-rapportar taħt il-Parti 3 tal-Anness II. Fuq bażi *de minimis*, dawn il-partiti ma għandhomx jiġu rrapportati fejn dawn l-assi u obbligazzjonijiet ma jeżistux jew huma insinifikanti.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Id-dejta tal-aġġustamenti tal-fluss għandha tiġi rrapportata skont l-Artikolu 3(1)(b).

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Is-serje għandha tiġi rrapportata fuq bażi ta' kull xahar u bl-istess tempestività speċifikata fl-Artikolu 3(2) għall-istatistika ta' kull xahar BSI.

Artikolu 7

Partiti tal-memorandum

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

(a) Ġenerali

Sa fejn hija disponibbli d-dejta, inkluż fuq il-bażi tal-aħjar stima, il-BĊNi għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku ulterjuri skont il-lista ta' partiti tal-memorandum stipulata fil-Parti 4 tal-Anness II bħala suppliment għal u bl-istess frekwenza u tempestività bħall-istatistika BSI speċifikata fl-Artikolu 3(2). Il-BĊE, f'kooperazzjoni mal-BĊNi, għandu jidentifika u jirreġistra d-disponibbiltà tat-tagħrif statistiku kkonċernat u l-metodi ta' kompilazzjoni relatati miegħu. Dawn il-partiti tal-memorandum jirrappreżentaw l-informazzjoni meħtieġa għall-kompilazzjoni tal-aggregati monetarji taż-żona tal-euro, l-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI u kontijiet finanzjarji tal-unjoni monetarja, u għandhom prijorità għolja, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fit-tabelli. Soġġett għall-ftehim bejn il-BĊE u l-BĊN, il-partiti relatati mal-qsim tat-titoli ta' dejn tal-MFI maħruġa mir-residenza tad-detentur fit-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Parti 4 tal-Anness II ma għandhomx bżonn jiġu rrapportati mill-BĊNi fejn jintużaw sorsi ta' dejta alternattivi mill-BĊE.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Dejta tal-fluss tista' tiġi pprovduta sakemm ikun hemm ftehim bilaterali bejn il-BĊE u l-BĊN rilevanti. Id-dejta tal-aġġustamenti tal-fluss għandha tiġi rrapportata skont l-Artikolu 3(1)(b).

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Is-serje għandha tiġi rrapportata ta' kull xahar għall-partiti msemmija fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Parti 4 tal-Anness II u ta' kull trimestru għall-partiti msemmija fit-Taqsima 3 tal-Parti 4 tal-Anness II u bl-istess tempestività bħall-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI ta' kull xahar u trimestrali obbligatorja rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

3. ***Metodi ta' valutazzjoni u/jew regoli ta' kontabilità***

Partiti tal-memorandum meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jiġu rrapportati billi jiġu segwiti l-istess regoli ta' valutazzjoni u ta' kontabbiltà li japplikaw għad-dejta rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

Artikolu 8

Statistika dwar il-bażi ta' riżerva

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Statistika ta' kull xahar dwar il-bażi ta' riżerva aggregata, imqassma skont it-tip ta' obbligazzjoni, għandha tiġi kkalkolata bħala stokks tal-aħħar tax-xahar skont ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) u bil-kategoriji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Dejta meħtieġa għall-produzzjoni ta' din l-istatistika skont il-Parti 5 tal-Anness II għandha tinġieb mid-dejta mibgħuta lill-BĊNi mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma suġġetti għar-rekwiżiti ta' riżerva minima.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

L-istatistika tal-bażi ta' riżerva għandha tinkludi sitt serje ta' ħin għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'referenza għaċ-ċifri tal-istokks tal-aħħar tax-xahar li għandhom jiġu trażmessi lill-BĊE ta' kull xahar, sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol tal-BĊN li jippreċedi l-bidu tal-perjodu ta' żamma ta' riżer' va, permezz tas-sistema tal-iskambju ta' dejta tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). Istituzzjonijiet ta' kreditu fid-denb għandhom jirrapportaw lill-BĊNi tqassim limitat fuq bażi trimestrali. Għal dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu fid-denb, għandha tintuża statistika simplifikata tal-bażi ta' riżerva għat-tliet perjodi ta' żamma ta' riżerva. Il-BĊNi għandhom jużaw id-dejta trimestrali tal-bażi ta' riżerva mill-istituzzjonijiet tad-denb għaċ-ċifri ta' kull xahar irrapportati lill-BĊE fit-tliet trażmissjonijiet tad-dejta wara r-rilaxx tagħhom.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Reviżjonijiet mill-istituzzjonijiet tar-rapportar lill-bażi ta' riżerva u/jew rekwiżiti ta' riżerva li saru wara li jkun beda l-perjodu ta' żamma ma jistgħux iwasslu għal reviżjonijiet fl-istatistika fuq il-bażi ta' riżerva u fuq ir-rekwiżiti ta' riżerva.

Artikolu 9

L-istatistika tal-makroproporzjon

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊE għandu jimmonitorja fuq bażi ta' kull xahar, bl-użu ta' tagħrif statistiku tal-aħħar tax-xahar li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jibagħtu lill-BĊNi skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-preċiżjoni tat-tnaqqis standardizzat kurrenti mill-bażi ta' riżerva li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu japplikaw għall-ammont pendenti tat-titoli ta' debitu tagħhom maħruġa b'maturità miftehma ta' sa sentejn. Il-BĊNi għandhom jikkompilaw l-aggregati meħtieġa skont il-Parti 6 tal-Anness II u jirrapportawhom lill-BĊE.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Is-serje ta' tliet darbiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirreferu għaċ-ċifri tal-istokks tal-aħħar tax-xahar, għandhom jiġu trażmessi lill-BĊE ta' kull xahar, sa mhux aktar tard mill-aħħar jum tax-xogħol tal-BĊN li jippreċedi l-bidu tal-perjodu ta' żamma.

Dawn is-serje għandhom jiġu trażmessi anki jekk l-partiti tal-karta tal-bilanċ relatati ma japplikawx fl-Istat Membru rilevanti.

Artikolu 10

Statistika tal-karta tal-bilanċ tal-MMF

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

(a) Ġ e n e r a l i

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE dejta tal-partiti tal-karta tal-bilanċ għas-settur MMF skont it-Tabelli 1 u 2 tal-Parti 7 tal-Anness II. Id-dejta tintuża mill-BĊE biex jikkompila kemm l-istatistika tal-MMF kif ukoll il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Billi d-dejta fuq is-settur kollu tal-MFI hija diġà rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu japplikaw biss għall-MMFs. Għalkemm f'xi Stati Membri numru żgħir ta' istituzzjonijiet huma kklassifikati bħala MFI, dawn l-istituzzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati insinifikanti minn perspettiva kwantitattiva.

(b) A ġ ġ u s t a m e n t i t a l - f l u s s

Dejta tar-riklassifikazzjoni u tal-aġġustamenti fir-rivalutazzjoni kif imsemmija fit-Tabella 2 tal-Parti 7 tal-Anness II għandha tiġi rrapportata skont l-Artikolu 3(1)(b), wara li tiġi kkunsidrata kull deroga mogħtija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Fejn ir-rapportar tal-aġġustamenti fir-rivalutazzjoni huwa soġġett għal deroga mogħtija mill-BĊNi lill-MMFs skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-BĊNi għandhom jirrapportaw id-dejta fuq il-bażi tal-aqwa sforz għal partiti li fir-rigward tagħhom l-aġġustamenti fir-rivalutazzjoni jistgħu jkunu sinifikanti.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Id-dejta għandha tiġi rrapportata fuq bażi trimestrali fi żmien 28 jum tax-xogħol mill-aħħar tal-perjodu ta' referenza.

3. ***Żieda***

Id-dejta rrapportata fir-rigward tal-karta tal-bilanċ tal-MMFs għandha tkopri 100 % tal-istituzzjonijiet ikklassifikati f'dan is-settur. Fejn il-kopertura tar-rapportar attwali hija ta' anqas minn 100 % minħabba "cutting-off-the-tail", il-BĊNi għandhom iżidu d-dejta pprovduta skont l-Artikolu 3(5) biex tiġi assigurata kopertura ta' 100 %.

4. ***Politika ta' reviżjoni***

Reviżjonijiet fid-dejta MMF għandhom ikunu konsistenti ma' dejta MFI oħra tal-aħħar tat-trimestru korrispondenti. F'każ li t-trażmissjoni ta' dejta MMF ġdida jew riveduta timplika tibdil lid-dejta għall-perjodu ta' referenza MFI ieħor korrispondenti, għandhom jiġu trażmessi wkoll reviżjonijiet meħtieġa għal dejta MFI oħra.

Artikolu 11

Indikaturi finanzjarji strutturali

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandu jirrapporta dejta dwar indikaturi finanzjarji strutturali oħra skont il-Parti 8 tal-Anness II.

Il-BĊNi għandhom jipprovdu dejta fir-rigward tal-indikaturi speċifikati fil-Parti 8 tal-Anness II skont ir-regoli kunċettwali u metodoloġiċi stipulati fih. Għandhom jiġu segwiti l-prinċipji statistiċi adottati għall-kompilazzjoni tal-istatistika BSI, jiġifieri:

(i) id-dejta għandha tiġi aggregata, mhux ikkonsolidata;

(ii) il-prinċipju tar-residenza għandu jsegwi "l-metodu tal-pajjiż ospitanti";

(iii) id-dejta tal-karta tal-bilanċ għandha tiġi rrapportata fuq bażi grossa.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Id-dejta tal-aġġustamenti tal-fluss għandha tiġi rrapportata skont l-Artikolu 3(1)(b).

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Id-dejta għall-kalkolazzjoni tal-indikaturi finanzjarji strutturali dwar istituzzjonijiet ta' kreditu għandha tiġi rrapportata sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena b'referenza għas-sena ta qabel. L-indikatur "numru ta' impjegati ta' CIs" għandu jiġi pprovdut, jekk ikun possibbli, sal-aħħar ta' Mejju ta' kull sena b'referenza għas-sena ta' qabel.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin meta jirrevedu d-dejta rapportata:

(a) matul it-trażmissjonijiet kollha regolari tad-dejta ta' kull sena, flimkien mad-dejta tal-aħħar sena, ir-reviżjonijiet ordinarji għad-dejta tas-sena ta' qabel u r-reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom jintbagħtu kif meħtieġ;

(b) reviżjonijiet eċċezzjonali li jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-dejta jistgħu jintbagħtu matul is-sena.

4. ***Żieda***

Id-dejta miġbura għandha tkopri 100 % tal-istituzzjonijiet iddefiniti bħala istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Fejn il-kopertura tar-rapportar attwali hija ta' anqas minn 100 %, il-BĊNi għandhom iżidu d-dejta fornita skont l-Artikolu 3(5) biex tiġi assigurata kopertura ta' 100 %.

5. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE kull devjazzjoni mid-definizzjonijiet u r-regoli hawn fuq imsemmija sabiex ikun jista' jsir il-monitoraġġ tal-prattika nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti spjegattivi li jispjegaw ir-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti.

Artikolu 12

Dejta bankarja kkonsolidata

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw dejta bankarja kkonsolidata skont il-Parti 9 tal-Anness II u għandhom isegwu r-regoli kunċettwali u metodoloġiċi stabbiliti hemmhekk meta jipprovdu tali dejta.

Id-dejta bankarja kkonsolidata għandha tiġi rrapportata permezz ta' approċċ għal żmien qasir skont l-istandards ta' rapportar FINREP/COREP stabbiliti mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

Sabiex tiġi assigurata l-kopertura massima possibbli, għandha tinġabar dejta dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, kif iddefinit fil-liġijiet nazzjonali.

Id-dejta għandha tiġi kkonsolidata fuq bażi transkonfinali u transsettorjali, fejn 'transkonfinali' tirreferi għal fergħat u sussidjarji ta' 'banek domestiċi' li jinsabu barra s-suq domestiku u inklużi fid-dejta rrapportata mill-istituzzjoni prinċipali, u 'transsettorjali' tinkludi l-fergħat u s-sussidjarji tal-banek klassifikabbli bħala istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Il-kumpanji tal-assigurazzjoni ma għandhomx jiġu inklużi fil-konsolidazzjoni.

Għandha tiġi rrapportata dejta bankarja kkonsolidata b'mod separat għal:

— gruppi bankarji domestiċi żgħar u istituzzjonijiet ta' kreditu awtonomi,

— gruppi bankarji domestiċi ta' daqs medju u istituzzjonijiet ta' kreditu awtonomi,

— gruppi bankarji domestiċi kbar u istituzzjonijiet ta' kreditu awtonomi,

— sussidjarji kkontrollati mill-barranin (mhux tal-Unjoni Ewropea),

— fergħat ikkontrollati mill-barranin (mhux tal-Unjoni Ewropea),

— sussidjarji kkontrollati mill-barranin (Unjoni Ewropea),

— fergħat ikkontrollati mill-barranin (Unjoni Ewropea).

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-banek għandhom ikunu kklassifikati bħala gruppi bankarji kbar jew istituzzjonijiet ta' kreditu awtonomi jekk l-assi tagħhom huma akbar minn 0,5 % tal-assi kkonsolidati totali tal-banek tal-Unjoni Ewropea; bħala banek ta' daqs medju jekk l-assi tagħhom huma bejn 0,5 % u 0,005 % ta' dawn l-assi kkonsolidati totali; u bħala banek żgħar jekk l-assi tagħhom huma taħt 0,005 % ta' dawn l-assi kkonsolidati totali.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Id-dejta bankarja kkonsolidata għandha tiġi rrapportata darbtejn f'sena. Sett ta' dejta sħiħ għandu jiġi rrapportat għad-dejta ta' tmiem is-sena. L-ewwel sottomissjoni ta' din id-dejta annwali, li għandha ssir sa' nofs April tas-sena ta' wara, għandha tinkludi l-partiti indikati b'* fil-Parti 9 tal-Anness II. Is-sett ta' dejta annwali sħiħ għandu jiġi rrapportat sa nofs Mejju.

Għandu jiġi rrapportat sett ta' dejta ffukat fuq sett ristrett ta' partiti b'data ta' referenza bħala l-aħħar ta' Ġunju sa nofs Ottubru tal-istess sena. Is-serje għandha tiġi rrapportata skont il-Parti 9 tal-Anness II.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Ir-reviżjonijiet tad-dejta rrapportata għandhom isiru skont il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) matul it-trażmissjonijiet kollha regolari tad-dejta annwali u ta' kull sentejn, flimkien mal-aħħar sena, ir-reviżjonijiet ordinarji għad-dejta tas-sena preċedenti u r-reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom jintbagħtu meta meħtieġ;

(b) fejn isiru reviżjonijiet sinifikanti, għandhom jiġu pprovduti noti spjegattivi lill-BĊE.

4. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE kull devjazzjoni mid-definizzjonijiet u r-regoli ta' hawn fuq biex ikun jista' jsir il-monitoraġġ tal-prattika nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti spjegattivi li jagħtu r-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti.

Artikolu 13

Statistika bankarja kkonsolidata internazzjonali
(skoperturi ta' self settorjali u reġjonali ta' gruppi bankarji domestiċi kbar)

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw klejms internazzjonali kkonsolidati ta' uffiċċji domestiċi ta' bank ta' gruppi bankarji kbar ta' proprjetà domestika ta' uffiċċji tal-bank domestiċi kif iddefinit fl-Artikolu 12, imqassma skont il-maturita, l-istrument, ir-reġjun ġeografiku ta' min jissellef u s-settur ta' min jissellef, kif irrapportat fl-istatistika bankarja kkonsidata internazzjonali tal-BIS.

Id-dejta għandha tiġi rrapportata b'tali mod li tikkoinċidi mar-rapportar trimestrali tad-dejta aggregata lill-BIS għall-istatistika bankarja kkonsolidata internazzjonali. Id-dejta għandha tiġi rrapportata lill-BĊE skont l-iskema ta' rapportar użata biex tittrażmetti dejta aggregata lill-BIS. Il-BĊNi għandhom jaggregaw il-prospetti individwali tal-gruppi bankarji rilevanti.

Ir-rapportar huwa limitat għal dawk il-BĊNi li jirrapportaw statistika bankarja kkonsolidata internazzjonali tal-BIS u li fil-pajjiżi tagħhom jinsabu l-kwartieri ġenerali tal-gruppi bankarji l-kbar.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw dejta trimestrali lill-BĊE sa mhux aktar b'ġimgħatejn dewmien mid-data tal-iskadenza tar-rapportar formali tal-BIS.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Ir-reviżjoniijiet tad-dejta rrapportata għandhom jiġu allinjati ma' dawk irrapportati lill-BIS.

4. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE kull devjazzjoni minn dawn ir-regoli biex jippermettu monitoraġġ tal-prattika nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti spjegattivi li jagħtu r-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti.

Artikolu 14

Dejta għall-finijiet tal-FMI

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi statutorji tal-BĊNi fil-konfront tal-FMI, il-BĊNi jistgħu jittrażmettu statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ supplimentari tal-MFI lill-FMI permezz tal-BĊE skont l-arranġamenti tekniċi li ġejjin.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Il-partiti tal-karta tal-bilanċ tal-MFI skont il-Parti 10 tal-Anness III għandhom jiġu trażmessi mill-BĊNi lill-BĊE fil-qafas ta' trażmissjoni regolari ta' kull xahar tad-dejta BSI. Il-frekwenza u l-tempestività tat-trażmissjonijiet ta' dejta għandha tikkoinċidi ma' dawk tar-rapportar regolari tad-dejta BSI lill-BĊE, skont l-Artikolu 3(2).

Artikolu 15

Statistika dwar l-OFIs (esklużi l-FVCs)

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

(a) Ġ e n e r a l i

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw it-tagħrif statistiku dwar l-OFIs (eskluż l-FVCs) skont il-Parti 11 tal-Anness II. Id-dejta għandha tiġi trażmessa b'mod separat għas-subkategoriji ta' OFIs: (i) SDDs; (ii) FCLs; u (iii) OFIs oħra.

Id-dejta relatata mal-OFIs għandha tiġi trażmessa fuq il-bażi tad-dejta disponibbli attwalment fil-livell nazzjonali. Fejn ma tkunx disponibbli dejta attwali jew ma tkunx tista' tiġi pproċessata, għandhom jiġu pprovduti stimi nazzjonali. Meta jeżisti l-fenomenu ekonomiku sottostanti imma ma jkunx immonitorjat statistikament u għalhekk l-estimi nazzjonali ma jistgħux jingħataw, il-BĊNi jistgħu jagħżlu jew li ma jirrapportawx is-serje tal-ħin jew jirrapportawha bħala nieqsa. Għalhekk kull serje ta' ħin mhux irrapportata għandha b'hekk tiġi interpretata bħala "dejta li teżisti imma mhux miġbura" u l-BĊE jista' jagħmel assunzjonijiet u estimi għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-aggregati taż-żona tal-euro. Il-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza għandha tinkludi t-tipi kollha ta' OFIs (ħlief FVCs) residenti fl-Istati Membri taż-żona tal-euro: istituzzjonijiet li jinsabu fit-territorju, inkluż sussidjarji tal-kumpaniji parent li jinsabu barra minn dak it-territorju; u fergħat residenti ta' istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju parent barra dak it-territorju.

Għandhom jingħataw dawn l-indikaturi ewlenin u l-informazzjoni supplimentari:

— indikaturi ewlenin li għandhom jiġu trażmessi għall-kompilazzjoni tal-aggregati taż-żona tal-euro: l-Istati Membri taż-żona tal-euro kollha għandhom jittrażmettu din id-dejta ddettaljata meta tkun disponibbli dejta attwali. Meta ma tkunx disponibbli din id-dejta attwali għat-tqassim meħtieġ jew għall-frekwenza, tempestività jew firxa fiż-żmien miftehma, għandhom jingħataw estimi jekk ikun fattibbli,

— l-informazzjoni supplimentari li għandha tiġi trażmessa bħala "partiti tal-memo": din id-dejta għandha tiġi trażmessa mill-pajjiżi li hija disponibbli għalihom din l-informazzjoni.

(b) A ġ ġ u s t a m e n t i t a l - f l u s s

Dejta tal-aġġustament tal-fluss tista' tiġi rrapportata fil-każ ta' waqfien sinifikanti f'ishma jew meta jkun hemm riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra. B'mod partikolari, tista' tingħata dejta tal-aġġustament tal-fluss, fuq bażi tal-aqwa sforzi, minħabba r-riklassifikazzjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-qafas ESA 2010.

Aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni għandhom jiġu rrapportati skont l-Artikolu 3(1)(b).

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Il-frekwenza tar-rapportar lill-BĊE għandha tkun trimestrali. L-istatistika OFI għandha tiġi trażmessa lill-BĊE sa mhux aktar tard mill-aħħar jum kalendarju tat-tielet xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza, jew fil-jum tax-xogħol ta' qabel tal-BĊN jekk l-aħħar jum kalendarju mhuwiex jum tax-xogħol għall-BĊN. Id-dati eżatti tat-trażmissjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-BĊNi bil-quddiem fil-forma ta' kalendarju tar-rapportar ipprovdut mill-BĊE sa Settembru ta' kull sena.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi jista' jkollhom bżonn li jirrivedu dejta trażmessa matul it-trimestru ta' qabel. Barra minn dan, jista' jkun hemm ukoll reviżjonijiet għad-dejta fuq trimestri oħrajn.

Għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) meta jkun hemm trażmissjonijiet ta' dejta trimestrali regolari, flimkien mad-dejta tal-aħħar trimestru, jistgħu jintbagħatu r-reviżjonijiet "ordinarji" biss, jiġifieri reviżjonijiet tad-dejta trażmessi fit-trimestru ta' qabel;

(b) ir-reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom ikunu limitati u rrapportati f'data differenti mid-data tar-rapportar regolari. Reviżjonijiet żgħar storiċi ta' rutina lid-dejta għandhom jintbagħtu biss fuq bażi annwali, flimkien mat-trażmissjoni tad-dejta għar-raba' trimestu;

(c) reviżjonijiet eċċezzjonali li jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-dejta jistgħu jintbagħtu matul is-sena barra ċ-ċikli ta' produzzjoni regolari.

4. ***Metodi ta' valutazzjoni u/jew regoli ta' kontabilità***

Ir-regoli tal-kontabilità segwiti mill-OFIs fit-tħejjija tal-kontijiet tagħhom għandhom jikkonformaw mat-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 86/635/KEE u kull standard internazzjonali ieħor applikabbli. Mingħajr preġudizzju għall-prattiki tal-kontabbiltà li jipprevalu fl-Istati Membri, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fuq bażi gross għal skopijiet statistiċi. Il-metodi ta' valutazzjoni huma indikati fil-kategoriji rilevanti.

5. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jipprovdu noti spjegattivi lill-BĊE skont it-Taqsima 3 tal-Parti 11 tal-Anness II. Il-BĊNi għandhom jipprovdu noti spjegattivi għal reviżjonijiet sinifikanti.

Artikolu 16

Statistika dwar ħruġ ta' titoli

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku li jkopri t-titoli kollha maħruġa mir-residenti taż-żona tal-euro fi kwalunkwe valuta, kemm domestika kif ukoll internazzjonali, skont il-Parti 12 tal-Anness II.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Il-frekwenza tar-rapportar lill-BĊE għandha tkun ta' kull xahar. L-istatistika ta' ħruġ ta' titoli għandha tiġi trażmessa lill-BĊE sa mhux aktar tard minn ħames ġimgħat wara l-aħħar tax-xahar li għalih tirreferi d-dejta. Il-BĊE għandu jikkomunika d-dati eżatti tat-trażmissjoni lill-BĊNi bil-quddiem f'forma ta' kalendarju ta' rapportar.

3. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jipprovdu noti spjegattivi lill-BĊE kif stipulat fit-Taqsima 3 tal-Parti 12 tal-Anness II.

Artikolu 17

Statistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Għall-finijiet tal-istatistika tar-rata tal-imgħax tal-MFI (MIR), il-BĊNi għandhom jirrapportaw statistika aggregata nazzjonali ta' kull xahar relatata mal-ammonti pendenti u negozju ġdid kif speċifikat fl-Appendiċijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku nazzjonali aggregat ta' kull xahar dwar in-negozju l-ġdid kif speċifikat fil-Parti 13 tal-Anness II.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Dan it-tagħrif statistiku għandu jiġi rrapportat skont il-kalendarju annwali stabbilit mill-BĊE u kkomunikat lill-BĊNi sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena.

3. ***Derogi***

Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi fir-rigward tar-rapportar kemm taż-żewġ rati ta' imgħax applikati kif ukoll għall-volumi ta' negozju ta' self kollaterizzat/iggarantit lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji, indikaturi 62 sa 85 inklużi fit-Tabelli 3 u 4 tal-Appendiċi 2, tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). Dawn jistgħu jingħataw jekk il-volum ta' negozju aggregat nazzjonali tal-partita korrispondenti (indikaturi 37 sa 54) li jkopri s-self kollu jirrappreżenta anqas minn 10 % tal-volum ta' negozju nazzjonali aggregat tas-somma tas-self kollu fl-istess kategorija tad-daqs u anqas minn 2 % tal-volum tan-negozju għall-istess daqs u l-istess perjodu inizjali tal-kategorija ta' iffissar tar-rata ta' imgħax fil-livell taż-żona tal-euro. Jekk jingħataw derogi, dawn il-limiti għandhom jiġu vverifikati fuq bażi annwali.

4. ***Għażla tal-popolazzjoni tar-rapportar u żieda***

Fejn il-kopertura attwali tar-rapportar MIR attwali hija ta' anqas minn 100 % minħabba l-użu tal-kampjunar, il-BĊNi għandhom jagħżlu u jżommu l-kampjun u jżidu d-dejta tal-volum ta' negozju ġdid biex jiżguraw kopertura ta' 100 %, kif speċifikat fil-Parti 14 tal-Anness II. Jekk tingħata deroga prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34) jew fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, id-dejta rrapportata fuq bażi trimestrali għandha tinġieb 'il quddiem fil-perjodi ta' xhur nieqsa billi jiġu applikati tekniki ta' stima statistika biex jitqiesu x-xejriet fid-dejta u l-mudelli staġjonali.

5. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi jista' jkollhom bżonn jirrevedu l-valuri tax-xahar ta' referenza preċedenti. Jista' jkun hemm ukoll ir-reviżjonijiet li jirriżultaw minn, pereżempju, żbalji, riklassifikazzjonijiet, proċeduri ta' rapportar imtejba eċċ, applikati għal dejta qabel tax-xahar ta' referenza preċedenti.

Huma għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) meta l-BĊNi jirrevedu d-dejta għall-perjodu qabel ix-xahar ta' referenza preċedenti, huma għandhom jibagħtu noti spjegattivi lill-BĊE;

(b) il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll noti spjegattivi għal reviżjonijiet sinifikanti;

(c) fit-trażmissjoni tad-dejta riveduta, il-BĊNi għandhom jikkunsidraw il-tempestività stabbilita tar-rapportar regolari tal-istatistika tal-MIR. Reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom jiġu rrapportati barra mill-perjodi ta' produzzjoni ta' kull xahar.

Artikolu 18

Statistika tal-pagamenti

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE, informazzjoni dwar statistika tal-pagamenti skont l-Anness III għar-Regolament *(UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43)* u l-Parti 16 tal-Anness II għal din il-Linja Gwida. Din għandha tinkludi, fost l-oħrajn, dan li ġej:

(a) dejta dwar in-numru ta' istituzzjonijiet, il-kontijiet ta' pagament, il-kards ta' pagament, it-terminals, il-parteċipanti fis-sistemi ta' pagament u l-partiti tal-karti tal-bilanċ magħżula għandhom jiġu rapportati għall-partiti kollha fit-Tabelli 1, 2, 3 u 6 fl-Anness III ta' dan ir-Regolament u t-Tabelli 1, 2, u 5 fil-Parti 16 tal-Anness II. Tali dejta dwar stokks għandhom jirreferu għal ċifri ta' tmiem il-perjodu, ħlief għall-partita fit-Tabella 1 tal-Parti 16 tal-Anness II li għandha tirreferi għall-"medja għall-aħħar perjodu ta' manteniment tar-riżerva";

(b) dejta dwar tranżazzjonijiet ta' pagamenti skont l-istrument, terminal u/jew sistema, inkluża fit-Tabelli 4, 5, u 7 fl-Anness III tar-Regolament u t-Tabelli 3, 4, 6 u 7 fil-Parti 16 tal-Anness II għandha tiġi rrapportata bħal flussi gross, jiġifieri totali, għall-perjodu.

2. ***Frekwenza tar-rapportar u skadenza***

Is-serje għandhom jiġu rrapportati fuq bażi annwali lill-BĊE, sa tmiem Mejju ta' kull sena b'referenza għas-sena kalendarja preċedenti. L-indikaturi fir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43) għandhom jiġu rrapportati fuq bażi annwali. Id-dejta addizzjonali mitluba fil-Parti 16 tal-Anness II tista' tiġi rrapportata fuq bażi ta' kull xahar, trimestrali jew annwali, skont l-ispeċifikazzjoni fit-tabella rilevanti.

Għat-tabelli f'din il-Linja Gwida, u fin-nuqqas ta' dejta attwali, il-BĊNi għandhom jew jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-aġenti tar-rapportar rilevanti jew jużaw stimi jew dejta provviżorja. Il-metodoloġija għal dawn l-istimi għandha tiġi ddefinita minn kull BĊN, skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-pajjiż. Fejn ikun rilevanti, il-BĊNi għandhom jipprovdu noti spjegattivi biex jiċċaraw l-approċċ użat.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin meta jirrevedu d-dejta rapportata:

(a) matul it-trażmissjonijiet kollha regolari tad-dejta ta' kull sena, flimkien mal-aħħar perjodu, ir-reviżjonijiet ordinarji għad-dejta tas-sena ta' qabel u r-reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom jintbagħtu kif meħtieġ;

(b) reviżjonijiet eċċezzjonali, li jtejbu b'mod sinifikanti, il-kwalità tad-dejta, jistgħu jiġu trażmessi matul is-sena, wara l-approvazzjoni mill-BĊE.

4. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jipprovdu noti spjegattivi lill-BĊE, fejn jispjegaw id-devjazzjonijiet mir-rekwiżiti ta' rapportar u inter-ruzzjonijiet strutturali fid-dettall, inkluż l-impatt fuq id-dejta.

Artikolu 19

Statistika fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-IFs

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

(a) Ġ e n e r a l i

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet IF skont il-Parti 17 tal-Anness II għal kull wieħed mis-subsetturi li ġejjin, li huma kklassifikati min-natura tal-investiment: fondi ta' ekwità, fondi ta' bonds, fondi mħallta, fondi ta' proprjetà immobbli, fondi ħeġġ, u fondi oħra. Kull wieħed minn dawn is-subsetturi għandu jinqasam aktar f'fondi mingħajr limiti u fondi b'limitu jiġifieri skont it-tip ta' IF. Għall-fini tal-IFs maqsuma skont in-natura tal-investiment, il-fondi ta' investiment li jinvestu b'mod prinċipali fl-ishma jew l-unitajiet ta' investimenti (jiġifieri fondi ta' fondi) għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kategorija ta' fondi li jinvestu prinċipalment fihom.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikopru l-istokks ta' tmiem ix-xahar u ta' tmiem it-trimestru, l-aġġustamenti fil-flussi ta' kull xahar u trimestrali kif ukoll informazzjoni ta' kull xahar dwar ħruġ/bejgħ ġdid ta' tifdijiet ta' ishma/unitajiet ta' fondi ta' investiment.

L-istokks ta' tmiem ix-xahar kollha u l- aġġustament tal-flussi ta' kull xahar għandhom jiġu rrapportati wkoll għall-fondi nnegozjati tal-iskambju tas-sottosettur (ETFs), bħala pożizzjoni "ta' liema" mill-"fondi totali".

Sa fejn tkun disponibbli d-dejta, inkluż fuq bażi tal-aqwa stima, l-istokks ta' tmiem it-trimestru u l-aġġustament tal-flussi trimestrali għandhom ukoll jiġu rrapportati għall-fondi tal-ekwità privata tas-sottosettur (inkluż fondi ta' kapital ta' riskju) bħala pożizzjoni "ta' liema" mill-"fondi totali".

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE, dejta separata dwar aġġustamenti fir-rivalutazzjonijiet minħabba l-bidliet fil-prezz u r-rata ta' kambju u l-aġġustamenti fir-riklassifikazzjonijiet, ara wkoll il-Parti 17 tal-Anness II u skont l-Anness IV.

Tranżazzjonijiet finanzjarji, u għalhekk aġġustamenti, għandhom jinġiebu skont l-ESA 2010, u tali derivazzjoni għandha tissejjaħ bħala l-"metodu ESA 2010". Il-BĊNi jistgħu jiddevjaw mill-ESA 2010 minħabba prattiki nazzjonali diverġenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38). Fejn tkun disponibbli informazzjoni dwar l-istokks titolu b'titolu (s-b-s), jistgħu jinġiebu aġġustamenti ta' rivalutazzjoni skont metodu komuni tal-Eurosistema, jiġifieri l-metodu ta' derivazzjoni tal-fluss msemmi fil-Parti 4 tal-Anness IV.

(c) Ishma tal-portatur

Jekk id-dejta fuq l-ishma tal-portatur irrapportata minn IFs, MFIs u/jew OFIs skont l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) għadha mhijiex lesta jew disponibbli, il-BĊNi għandhom jipprovdu dejta fuq l-ishma tal-portatur fuq bażi tal-aħjar stima skont it-tqassim ġeografiku u settorjali fit-Tabella 1 tal-Parti 17 tal-Anness II.

(d) Qasma tas-settur tal-kontropartijiet "korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni" f'żewġ setturi tal- kontroparti: "korporazzjonijiet tal-assiguazzjoni" u "fondi tal-pensjoni"

Sa fejn id-dejta hija disponibbli, inkluż fuq bażi tal-aqwa stima, u mhux ikkunsidrata insinifikanti, il-BĊNi għandhom jirrapportaw informazzjoni separata fuq is-setturi tal- kontroparti korporazzjonijiet tal-assiguazzjoni u fondi tal-pensjoni tal-kontropartijiet fuq bażi trimestrali, skont it-Tabella 1 tal-Parti 17 tal-Anness II.

(e) ETFs maqsuma f'ETFs sintetiċi u fiżiċi

Stokks ta' tmiem ix-xahar u aġġustament tal-fluss ta' kull xahar għandhom ikunu meħtieġa għal ETFs maqsuma f'ETFs sintetiċi u fiżiċi malli tkun disponibbli definizzjoni xierqa għal dan it-tqassim mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Il-BĊE għandu jivverifika b'mod regolari għal tali definizzjoni u, meta jkun xieraq, joħroġ l-iskemi ta' rapportar meħtieġa.

2. *Frekwenza ta' rapportar u skadenza*

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE, id-dejta tal-IF ta' kull xahar u trimestrali sal-għeluq tan-negozju fit-28 jum tax-xogħol wara t-tmien tax-xahar/trimestru li għandha x'taqsam id-dejta.

3. *Politika ta' reviżjoni*

Ir-regoli ġenerali għandhom japplikaw għar-reviżjonijiet tad-dejta ta' kull xahar u trimestrali:

(a) ir-reviżjonijiet għandhom isiru biex dejta trimestrali u ta' kull xahar ikunu konsistenti ma' xulxin;

(b) matul il-perjodi ta' produzzjoni regolari, jiġifieri mit-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar/trimestu ta' referenza sal-jum li d-dejta tinbagħat lura lill-BĊNi, il-BĊNi jistgħu jirrivedu d-dejta li tirrferi għat-trimestu ta' referenza ta' qabel, lix-xahrejn ta' qabel, kif ukoll għax-xhur wara t-trimestru ta' referenza ta' qabel;

(c) barra l-perjodi ta' produzzjoni regolari, il-BĊNi jistgħu jirrevedu wkoll dejta li tirreferi għall-perjodi ta' referenza qabel ix-xahrejn li jippreċedu t-trimestu ta' referenza ta' qabel, fost l-oħrajn f'każ ta' żbalji, riklassifikazzjonijiet jew proċeduri ta' rapportar imtejba.

4. ***Derogi u żieda***

Biex tiġi żgurata l-kwalità tal-istatistika tal-IF taż-żona tal-euro, fejn il-BĊNi jagħtu derogi lill-IFs iż-żgħar skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38), dawn għandhom iżidu sa kopertura ta' 100 % għal dawn l-IFs fil-kompilazzjoni tad-dejta IF ta' kull xahar u trimestrali rrapportata lill-BĊE.

Il-BĊNi jistgħu jagħżlu l-proċedura għaż-żieda tal-kopertura sa 100 %, sakemm jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin:

(a) għal dejta ta' tqassim nieqsa, l-istimi għandhom jinġiebu mill-applikazzjoni tal-proporzjonijiet ibbażati fuq is-sottosettur tal-fond ta' investiment korrispondenti, eż. jekk bond b'limitu jaqa' fl-aħħar u jingabru biss ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment, it-tqassim nieqes għandu jinġieb bl-applikazzjoni tal-istruttura tal-kategorija ta' fondi ta' bonds mingħajr limiti;

(b) l-ebda sottosettur ta' fond ta' investiment, eż. fondi ta' proprjetà immobbli mingħajr limiti, fondi ta' proprjetà immobbli b'limitu, eċċ. ma huwa kompletament eskluż.

Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38), jistgħu jingħataw derogi lill-IFs li minħabba regoli ta' kontabbiltà nazzjonali jivvalutaw l-assi tagħhom fi frekwenza anqas minn dik trimestrali. Minkejja din id-deroga, id-dejta IF ta' kull xahar u trimestrali rrapportata mill-BĊNi lill-BĊE għandha tinkludi dejjem dejta li għandha x'taqsam ma' dawn l-IFs.

5. ***Derivazzjoni ta' dejta aggregata***

Il-BĊNi għandhom iġibu d-dejta aggregata dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet trimestrali tas-subsetturi IF skont it-Tabella 1 tal-Parti 17 tal-Anness II:

(a) Għal titoli b'kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament, il-BĊNi għandhom jimmarkaw l-informazzjoni pprovduta fuq bażi s-b-s mal-informazzjoni miġjuba mid-Database tat-Titoli Ċentralizzat (CSDB) jew mid-databases ta' referenza ewlenin. L-informazzjoni s-b-s indikata għandha tintuża għall-kompilazzjoni tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet f'euro u biex jingab it-tqassim meħtieġ għal kull titolu individwali tal-IF. Jekk l-identifikaturi tat-titolu ma jinstabux fis-CSDB, jew l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu kkompilati l-assi u l-obbligazzjonijiet f'konformità mat-Tabella 1 tal-Parti 17 tal-Anness II ma tkunx disponibbli, il-BĊNi għandhom jestimaw id-dejta nieqsa. Il-BĊNi jistgħu jiġbru wkoll informazzjoni s-b-s fuq titoli mingħajr kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament bl-użu ta' identifikaturi tas-sigurtà interna tal-BĊN.

(b) Il-BĊNi għandhom jaggregaw id-dejta fuq titoli li jiġu minn (a) u jżiduhom mal-informazzjoni rrapportata għat-titoli mingħajr kodiċijiet ta' identifikazzjoni pubblikament disponibbli biex jipproduċu aggregati għal: (i) titoli tad-dejn maqsuma skont il-maturità; il-munita u l-kontroparti; (ii) ishma ta' fondi ta' investiment u ekwità, maqsuma skont l-istrument u l-kontroparti; u (iii) ishma/unitajiet IF totali maħruġa.

(c) Il-BĊNi għandhom iġibu l-informazzjoni statistika meħtieġa fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-IF billi jżidu d-dejta fuq titoli dderivati skont (b) u l-assi u l-obbligazzjonijiet li mhumiex titoli miġbura minn IFs individwali residenti.

(d) Il-BĊNi għandhom jaggregaw l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-IFs residenti fi Stat Membru u li jappartjenu għall-istess sottosettur.

Dan japplika wkoll meta l-BĊNi jiġbru dejta fuq assi u obbligazzjonijiet tal-IF fuq bażi ta' kull xahar skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38).

6. ***Stima ta' dejta ta' kull xahar***

Skont l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/38), il-BĊNi għandhom jiġbru dejta dwar ishma/unitajiet tal-IF maħruġa fuq bażi ta' kull xahar. Għal xhur ta' referenza li m'humiex xhur tal-aħħar tat-trimestru, il-BĊNi għandhom jistmaw l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-IF minbarra ishma/unitajiet ta' fondi ta' investiment maħruġin fuq il-bażi tad-dejta ta' kull xahar u trimestrali miġbura sakemm id-dejta ma tkunx miġbura fuq bażi ta' kull xahar kif stabbilit fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38).

Meta jkun possibbli, il-BĊNi għandhom jagħmlu stimi fil-livell tal-fond individwali. Alternattivament, BĊN jista' jagħmel stimi skond is-sub-settur IF jew jista' jitlob lill-BĊE biex jagħmel l-istimi. F'dan l-aħħar każ il-BĊE jista' jitlob informazzjoni addizzjonali bħad-data fond b'fond jew titolu b'titolu (s-b-s).

7. ***Metodi ta' valutazzjoni u/jew regoli ta' kontabilità***

Ir-regoli ta' valutazzjoni u/jew kontabbiltà fir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) għandhom japplikaw ukoll meta l-BĊNi jirrapportaw dejta IF lill-BĊE. Iżda, għall-partiti li huma suġġetti għal imgħax akkumulat għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) "titoli ta' dejn" jinkludu imgħax akkumulat;

(b) "klejms ta' depożitu u self" u "depożiti u self irċevuti" jeskludu imgħax akkumulat li huma rreġistrati taħt assi/obbligazzjonijiet rimanenti.

8. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti spjegattivi li jagħtu r-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti. Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE b'noti spjegattivi dwar l-aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll noti spjegattivi dwar ir-reviżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 19(3)(ċ).

9. ***Rapportar ta' grupp***

Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊEC/2013/38), il-BĊNi jistgħu jippermettu lill-IFs li jirrapportaw l-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom bħala grupp, iżda dan għandu jwassal għal riżultati li huma simili għar-rapportar fond b'fond. IFs li jirrapportaw bħala grupp għandhom jappartjenu lill-istess subsettur; per eżempju, fondi ta' proprjetà immobbli closed-end jew fondi ta' proprjetà immobbli open-end.

Artikolu 20

Statistika dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jikkumpilaw u jirrappurtaw informazzjoni statistika aggregata u separata dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs skont il-Parti 18 tal-Anness II. Għandha tiġi sottomessa dejta għall-erba' sottokategoriji li ġejjin: (a) FVCs involuti f'titolizzazzjoni tradizzjonali; (b) FVCs involuti f'titolizzazzjoni sintetika; (c) FVCs involuti f'titolizzazzjoni marbuta mal-assigurazzjoni; u (d) FVCs oħrajn.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikopru dejta dwar ammonti dovuti, tranżazzjonijiet finanzjarji u tħassir/tniżżil fil-valur mogħtija kull trimestru.

Il-BĊNi jistgħu jippreżentaw lill-BĊE id-dejta meħtieġa dwar it-tħassir/tniżżil fil-valur fuq il-bażi tal-aħjar sforz.

2. ***Frekwenza ta' rappurtar u skadenza***

Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw lill-BĊE id-dejta dwar l-ammonti dovuti tal-FVC, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u tħassir/tniżżil fil-valur kull trimestru sa tmiem in-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu hija relatata d-dejta.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għar-reviżjoni ta' dejta trimestrali:

(a) matul il-perijodi regolari ta' produzzjoni, jiġifieri mit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru ta' referenza sal-jum qabel dak il-jum li fih id-dejta tintbagħat lill-BĊNi, il-BĊNi jistgħu jirrevedu d-dejta li tirreferi għat-trimestru ta' referenza ta' qabel;

(b) barra l-perijodi regolari ta' produzzjoni, il-BĊNi jistgħu jirrevedu wkoll id-dejta li tirreferi għall-perijodi ta' referenza qabel it-trimestru ta' referenza ta' qabel, *inter alia*, fil-każ ta' żbalji, riklassifikazzjonijiet jew proċeduri ta' rapportar imtejba;

(c) reviżjonijiet ta' dejta rrappurtati skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) dwar self oriġinat u sservisjat minn MFIs taż-żona tal-euro, għandhom jiddaħħlu, fejn rilevanti, fl-istatistika tal-FVC skont il-paragrafi (a) u (b).

4. ***Metodi ta' kompilazzjojni***

Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-istatistika li minnhom l-FVCs huma eżenti skont l-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40), il-BĊNi wara li jikkonsultaw il-BĊE, għandhom jiddeċiedu fuq il-metodu l-aktar xieraq biex jikkumpilaw id-dejta dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs, skont l-organizzazzjoni tas-swieq rilevanti u d-disponibbiltà ta' informazzjoni rilevanti oħra statistika, pubblika jew superviżorja.

5. ***Sorsi ta' dejta u standards tal-kwalità tad-dejta***

Jekk il-BĊNi jiksbu dejta dwar assi u obbligazzjonijiet ta' FVCs minn sorsi oħrajn ta' dejta statistika, minn sorsi pubbliċi bħal rapporti ta' qabel il-bejgħ jew rapporti għall-investituri, jew minn sorsi ta' dejta superviżorja, għandhom japplikaw l-istandards tal-kwalità tad-dejta deskritti hawn isfel.

Dejta li tkun identifikata bħala anchor series fil-Parti 18 ta' din il-Linja Gwida għandha tkun soġġetta għal standards għolja ta' kwalità, paragunabbli ma' dawk għal dejta direttament irrappurtata minn FVCs skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40). Dejta li tkun identifikata bħala non-anchor series fil-Parti 18 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida tista' tiġi stmata skont standards ta' kwalità inqas strinġenti, eż. bl-użu ta' interpolazzjonijiet u estrapolazzjonijiet meta d-dejta tingħabar minn sorsi pubbliċi jew superviżorji fi frekwenza aktar baxxa milli kull trimestru, u b'tempestività itwal mit-28 jum ta' xogħol wara l-perijodu ta' referenza.

Jekk dejta ma tkunx irrapportata direttament minn FVCs skont l-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40), il-kwalità tad-dejta għandha tkun issorveljata mill-BĊNi fuq il-bażi tal-informazzjoni li tkun disponibbli mill-istqarrijiet finanzjarji annwali. L-eżitu tal-kontrolli ta' kwalità għandu jiġi pprovdut mill-BĊNi lill-BĊE sal-aħħar ta' Settembru kull sena, jew l-aktar malajr minn hemm 'il quddiem, skont il-prattiċi legali nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru ta' residenza tal-FVC. Jekk il-kontroverifiki bejn id-dejta miksuba fuq bażi trimestrali u l-istqarrijiet finanzjarji annwali juru li ma jkunux intlaħqu standards għolja ta' kwalità, il-BĊNi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li d-dejta tissodisfa l-istandards ta' kwalità meħtieġa, inkluż il-possibbiltà ta' ġbir dirett ta' dejta skont ir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40).

Jekk il-BĊNi jiksbu dejta dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs minn sorsi ta' dejta superviżorji, il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn is-sorsi huma allinjati biżżejjed mal-kunċetti statistiċi u d-definizzjonijiet skont ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-FVC. L-istess għandu japplika għad-dejta miksuba minn sorsi oħra ta' dejta statistika.

Jekk is-CSDB jew database oħra tat-titoli jintuża bħala sors tad-dejta għal dejta dwar il-ħruġ ta' titoli ta' dejn ta' FVC, il-BĊNi għandhom jimmonitorjaw il-kopertura u l-kwalità tad-dejta fuq bażi annwali. L-eżitu tal-kontrolli tal-kwalità għandu jiġi pprovdut mill-BĊNi lill-BĊE sa tmiem Frar kull sena billi tittieħed, bħala referenza, id-data ta' tmiem Diċembru tas-sena preċedenti. Jekk l-indikaturi tal-kopertura u tal-kwalità juru li ma jkunux intlaħqu standards għolja ta' kwalità, il-BĊNi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jintlaħaqu l-istandards meħtieġ ta' kwalità, inkluża l-possibbiltà ta' ġbir dirett ta' dejta skont ir-Regolament (KE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40).

6. ***Self oriġinat u sservisjat minn MFIs taż-żona tal-euro u skambju ta' informazzjoni transkonfinali***

Kull BĊN għandu jiskambja dejta dwar self titolizzat li jkun oriġinat u sservisjat minn MFIs domestiċi għal FVCs residenti fi Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro bl-aggregazzjoni tas-self isservisjat separatament għal kull Stat Membru fejn l-FVCs ikunu residenti, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u t-Tabella 3 tal-Parti 18 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida.

Il-BĊE għandu jipprovdi, b'mod konformi mal-atti legali applikabbli li jipproteġu d-dejta kunfidenzjali, il-gateway teknika għall-iskambju ta' informazzjoni transkonfinali. Il-BĊNi għandhom jittrasmettu din l-informazzjoni lill-BĊE sat-23 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta. Il-BĊE għandu jiddistribwixxi mill-ġdid id-dejta lill-BĊNi ikkonċernati fl-24 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta.

Il-BĊNi li huma nvoluti fl-iskambju tad-dejta għal titolizzazzjonijiet eżistenti għandhom jikkjarifikaw kull mistoqsijiet pendenti u kwistjonijiet ta' koordinazzjoni fuq bażi bilaterali u, jekk meħtieġ, jiskambjaw informazzjoni rilevanti. Jekk ikun hemm titolizzazzjonijiet ġodda, il-BĊNi rilevanti jistgħu jistaqsu lill-BĊE biex jaġixxi bħala koordinatur.

Jekk jiġu sodisfatti l-obbligi msemmija hawn fuq, il-BĊNi ikunu jistgħu, b'mod konformi mal-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40), jikkumpilaw il-parti tad-dejta tal-FVC relatata mal-ammonti pendenti u t-transazzjonijiet finanzjarji ta' self titolizzat li jkun oriġinat minn MFIs taż-żona tal-euro u fejn l-MFIs ikomplu jisservisjaw is-self titolizzat minn dejta miġbura minn MFIs skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) minflok ma jiġbru dik id-dejta direttament mingħand l-FVCs.

7. ***Derogi u żieda***

Jekk il-BĊNi jikkumpilaw dejta dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs direttament minn FVCs, u fejn rilevanti, fuq il-bażi tad-dejta irrappurtata minn MFIs skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), jagħtu derogi lil FVCs taħt l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40), il-BĊNi għandhom iżidu l-kopertura sa 100 % għall-FVCs kollha meta jikkumpilaw dejta dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet trimestrali tal-FVCs irrappurtata lill-BĊE għal ammonti dovuti, tranżazzjonijiet finanzjarji u tħassir/tniżżil fil-valur.

Jekk il-BĊNi jikkumpilaw dejta dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs minn sorsi oħra statistiċi, pubbliċi u/jew superviżorji, huma jistgħu jibbażaw il-kompilazzjoni tagħhom fuq kampjun ta' FVCs sakemm dawn l-FVCs jammontaw għal ta' lanqas 95 % tal-ammont totali dovut ta' assi tal-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza tal-FVC fi Sl-Istat Membru relevanti kif irrappreżentat fil-lista ta' FVCs. Il-BĊNi għandhom iżidu l-kopertura sa 100 % meta jikkumpilaw id-dejta trimestrali dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs irrappurtata lill-BĊE għal ammonti dovuti, tranżazzjonijiet finanzjarji u tħassir/tniżżil fil-valur.

8. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti ta' spjega lill-BĊE fejn jagħtu r-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti kif ukoll għal kull reviżjoni magħmula skont l-Artikolu 20(3)(b).

Artikolu 21

Statistika fuq self MFI lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont il-fergħa ta' attività

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE, meta jkunu disponibbli, dejta fuq self MFI lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji domestiċi, u self MFI lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji ta' Stati Membri parteċipanti mqassmin skont il-fergħa ta' attività wara l-klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni (NACE Rev.2), skont il-Parti 19 tal-Anness II.

2. ***Frekwenza ta' rapportar u skadenza***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw id-dejta lill-BĊE fuq bażi trimestrali sal-ħin tat-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol fit-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw reviżjonijiet skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) flimkien ma' kull trażmissjoni ta' dejta regolari, għandhom jintbagħtu meta meħtieġa reviżjonijiet għall-perijodi ta' referenza ta' qabel;

(b) reviżjonijiet eċċezzjonali li jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-dejta jistgħu jintbagħtu malli jkunu disponibbli.

4. ***Noti spjegattivi***

Il-BCNi għandhom jirrapportaw lill-BĊN kull tibdil sinjifikattiv fid-definizzjonijiet nazzjonali u klassifikazzjonijiet użati u għandhom jissottomettu noti spjegattivi li jispjegaw ir-raġunijiet għal reviżjonijiet sinifikanti, fejn applikabbli. Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar riklassifikazzjonijiet ewlenin fis-settur MFI u, jekk disponibbli, riklassifikazzjonijiet ewlenin ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji fit-tqassim ta' NACE Rev.2 trażmessi.

Artikolu 22

Statistiċi dwar linji ta' kreditu tal-MFI

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jikkompilaw u jirrapportaw informazzjoni statistika aggregata dwar linji ta' kreditu MFI mogħtija lil residenti oħrajn mhux domestiċi taż-żona tal-euro, mqassma skont is-settur istituzzjonali, b'mod konformi mal-Parti 20 tal-Anness II.

Il-linji ta' kreditu tal-MFI għandu jkollhom l-istess tifsira bħal 'faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbuda', ikklassifikati bħala 'riskju medju', 'riskju medju/baxx' u 'riskju baxx', kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Il-BĊNi għandhom japplikaw din id-definizzjoni fuq bażi tal-aħjar sforz u kull meta tkun tapplika definizzjoni nazzjonali differenti għal linji ta' kreditu huma jistgħu jirrapportaw billi jużaw id-definizzjoni nazzjonali, iżda għandhom jimmiraw li jarmonizzaw il-kumpilazzjoni ta' dejta ta' linji ta' kreditu tal-MFI sabiex itejbu l-kumparabbiltà bejn pajjiż u ieħor fuq medda ta' żmien aktar twil.

Il-BĊNi għandhom jikkalkulaw it-tqassim settorjali u jibagħtuhom lill-BĊE. Jekk dawn it-tqassim settorjali ma jinġabrux fuq livell nazzjonali, il-BĊNi jistgħu jew jitolbu dik l-informazzjoni addizzjonali mingħand aġenti li jirrapportaw, jew inkella jistgħu jistmaw it-tqassim settorjali billi jużaw informazzjoni disponibbli fuq livell nazzjonali minn sorsi oħrajn.

Il-BĊNi jistgħu jippreżentaw lill-BĊE dejta dwar riklassifikazzjonijiet statistiċi fuq il-bażi tal-aħjar sforz.

2. ***Frekwenza ta' rapportar u skadenza***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw id-dejta lill-BĊE fuq bażi trimestrali. L-ammonti pendenti trimestrali u d-dejta dwar aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni għandhom jintbagħtu lill-BĊE sal-ħin tat-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol fit-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu huma relatati.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw reviżjonijiet skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) flimkien ma' kull trażmissjoni regolari ta' dejta, għandhom jintbagħtu reviżjonijiet għat-trimestru ta' referenza preċedenti fejn dan ikun meħtieġ;

(b) reviżjonijiet eċċezzjonali li jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-dejta jistgħu jintbagħtu malli jkunu disponibbli.

4. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti ta' spjega lill-BĊE fejn jagħtu r-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti.

Artikolu 23

Statistika dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' CCPs

1. ***Kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jikkumpilaw u jirrappurtaw informazzjoni statistika aggregata u separata dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' FVCs skont il-Parti 21 tal-Anness II.

Għall-finijiet ta' dan ir-rapportar statistiku, is-CCPs huma dawk l-entitajiet identifikati bħala kontropartijiet ċentrali mill-ESMA u li huma "intermedjarji finanzjarji oħrajn, ħlief għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni" jew "awżiljari finanzjarji" (S.126) kif speċifikat fil-klassifikazzjoni ta' setturi istituzzjonali stipulata fil-Kapitolu 23 ta' ESA 2010.

CCPs identifikati mill-ESMA li huma kklassifikati fi ħdan is-settur istituzzjonali ESA 2010 "istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (monetary financial institutions - MFIs)" m'għandhomx jiffurmaw parti minn dan ir-rapportar statistiku.

2. ***Livell minimu għal rapportar obbligatorju***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw id-dejta lill-BĊE fuq bażi obbligatorja b'referenza għal-livelli minimi li ġejjin:

(a) għal ċelloli relatati ma' ftehim ta' xiri mill-ġdid, identifikati bl-ittri "R" fil-Parti 21 tal-Anness II, ir-rapportar obbligatorju japplika jekk l-ammont pendenti fuq il-karta tal-bilanċ ta' kull waħda minn dawn iċ-ċelloli jkun jaqbeż EUR 10 biljun, bl-eċċezzjoni ta' dawk iċ-ċelloli li jirreferu għal pożizzjonijiet fil-konfront ta' MFIs.

Jekk il-livell minimu jintlaħaq minn ċellola waħda jew aktar iddenominata bħala "NR", iċ-ċelloli kollha ddenominati bħala "R" għandhom jiġu rrapportati, irrispettivament mill-valur attwali tal-karta tal-bilanċ tagħhom;

(b) għal ċelloli mhux relatati ma' ftehim ta' xiri mill-ġdid, identifikati bl-ittri "NR" fil-Parti 21 tal-Anness II, ir-rapportar obbligatorju japplika jew jekk ikun meħtieġ taħt (a) jew jekk l-ammont pendenti fuq il-karta tal-bilanċ ta' xi waħda minn dawn iċ-ċelloli jkun jaqbeż EUR 10 biljun.

Jekk il-livell minimu jintlaħaq minn ċellola waħda jew aktar, iċ-ċelloli kollha ddenominati bħala "NR" għandhom jiġu rrapportati, irrispettivament mill-valur attwali tal-karta tal-bilanċ tagħhom.

Jekk l-ebda wieħed mil-livelli minimi (a) jew (b) ma jintlaħaq, il-BĊNi għandhom jissottomettu dejta lill-BĊE fuq il-karti tal-bilanċ tas-CCP fuq bażi volontarja. Jekk il-BĊNi jagħżlu li ma jirrapportawx fuq bażi volontarja, huma għandhom jimmonitorjaw jekk dawn il-livelli minimi jintlaħqux ta' mill-inqas fuq bażi annwali.

3. ***Frekwenza ta' rapportar u skadenza***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw id-dejta lill-BĊE fuq bażi trimestrali. L-ammonti pendenti trimestrali u d-dejta dwar l-aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni għandhom jintbagħtu lill-BĊE sal-ħin tat-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol fit-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta.

4. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw reviżjonijiet skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) flimkien ma' kull trażmissjoni regolari ta' dejta, għandhom jintbagħtu reviżjonijiet għat-trimestru ta' referenza preċedenti fejn dan ikun meħtieġ;

(b) reviżjonijiet eċċezzjonali li jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-dejta jistgħu jintbagħtu malli jkunu disponibbli.

5. ***Noti spjegattivi***

Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti ta' spjega lill-BĊE fejn jagħtu r-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti.

Artikolu 24

Reġistrazzjoni ta' dejta ta' referenza dwar l-unitajiet istituzzjonali rilevanti għal finijiet statistiċi

1. ***Post uniku għall-ħżin tad-dejta ta' referenza***

Il-BĊNi għandhom jikkomunikaw u jżommu kull dejta ta' referenza li tiddeskrivi unitajiet istituzzjonali jew unitajiet legali, li huma meħtieġa għal skopijiet statistiċi permezz tar-"Register of Institutions and Affiliates Databases" (RIAD), ir-respożitorju ċentrlai li jżomm attributi dwar unitajiet organizzattivi individwali kif ukoll id-diversi tipi ta' relazzjonijiet bejniethom li, *inter alia*, jippermettu d-derivazzjoni ta' strutturi tal-grupp b'referenza għal definizzjonijiet differenti.

RIAD jippermetti l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar attribut individwali pprovdut minn aktar minn sors wieħed. Jekk applikabbli, il-BĊNi b'hekk ikollhom jaqblu dwar il-metodu speċifiku li jrid jiġi applikat fir-RIAD sabiex tinkiseb il-verżjoni "awtorevoli" ta' dejta ta' referenza minn sorsi ta' dejta "kandidati" multipli nazzjonali.

Ir-rekwiżiti speċifiċi dwar il-provvediment ta' dejta għal settijiet individwali ta' korporazzjonijiet (finanzjarji) huma deskritti fl-Artikolu 25 u fl-Anness V.

2. ***Ġestjoni tal-identifikaturi f'RIAD***

L-unitajiet organizzattivi kollha rreġistrati f'RIAD jistgħu jżommu identifikaturi multipli. Il-BĊNi għandhom ikunu responsabbli biex jassenjaw u jimmaniġġjaw l-identifikatur prinċipali, imsejjaħ "kodiċi RIAD", sabiex b'hekk jiġi żgurat skambju ta' dejta mhux ambigwu bejn RIAD u kull sistema (lokali) oħra li tibgħat/tirċievi.

RIAD tista' tassenja wkoll lil entitajiet individwali kull kodiċi nazzjonali jew supranazzjonali ("aliases"), li preferibbilment għandhom isegwu standards disponibbli.

3. ***Azzjonijiet korporattivi***

Sabiex tiġi mmaniġġjata d-dejta ta' referenza ta' entità, il-BĊNi l-ewwel għandhom joħolqu dik id-dejta f'RIAD. Sussegwentement il-BĊNi għandhom jimmaniġġjaw il-bidliet demografiċi kollha, bħall-bidu tal-attivitajiet, aġġornament ta' attributi individwali kif ukoll l-għeluq tal-entità, billi jirrapportaw valuri ta' attributi ġodda u/jew jadattaw il-medda ta' validità tal-valuri. (Tħassir attwali huwa antiċipat biss fil-każ eċċezzjonali tal-inklużjoni żbaljata ta' entità).

Jeħtieġ li l-BĊNi jiddeskrivu l-fużjonijiet (jew inkellha d-diviżjonijiet) ta' unitajiet permezz ta' sett komplut ta' azzjonijiet kororattivi, bħal għeluq, modifika u/jew ħolqien ta' unità waħda jew aktar.

Bidliet fis-settur tal-ESA, eż. ir-riallokazzjoni ta' entità waħda mil-lista tal-MFI għal dik tal-IF, għandhom jiġu rrapportati permezz tal-aġġornament tal-valur u l-medda tal-validità fl-attribut "settur ESA".

4. ***Standards ta' trażmissjoni***

Qabel it-trażmissjoni tal-aġġornamenti tal-lista lill-BĊE, il-BĊNi għandhom iwettqu verifiki ta' validazzjoni li jaqblu mal-ispeċifikazzjonijiet rilevanti ta' skambju tad-dejta. Meta jintużaw proċeduri ta' input, il-BĊNi għandhom iżommu sett adegwat ta' kontrolli biex jimminimizzaw żbalji operattvi u jiżguraw il-preċiżjoni u l-konsistenza tal-aġġornamenti rrapportati permezz ta' RIAD.

F'każ ta' falliment ta' RIAD, il-BĊNi għandhom jittrasmettu aġġornamenti bl-email lil dan l-indirizz: RIAD-Support@ecb.europa.eu.

Il-BĊNi jistgħu jużaw is-sett tal-ittri nazzjonali tagħhom, bil-kundizzjoni li huma jużaw l-alfabett Ruman. Huma għandhom jużaw Unicode (UTF-8) biex juru b'mod korrett is-settijiet kollha tal-ittri speċjali meta jirċievu informazzjoni mill-BĊE permezz ta' RIAD.

5. ***Konferma ta' akkwist u żball***

Meta jiġu rċevuti dawn l-aġġornamenti, il-BĊE għandu jwettaq minnufih verifiki biex jivvalida l-preċiżjoni formali u l-konsistenza interna tal-informazzjoni pprovduta.

Il-BĊE għandu jibgħat lura minnufih lill-BĊNi: (a) konferma tal-akkwist li tkun tinkludi informazzjoni sommarja dwar l-aġġornamenti li ġew ipproċessati u implimentati b'suċċess fid-dataset relevanti; u/jew (b) konferma ta' żball li jkun fiha informazzjoni dettaljata dwar l-aġġornamenti u l-verifiki ta' validazzjoni li jkunu fallew.

Malli jirċievu konferma li jkun sar żball, il-BĊNi għandhom jieħdu azzjoni immedjata biex jittrasmettu l-informazzjoni kkoreġuta. Jekk l-informazjoni korretta tiddependi fuq aġġornamenti mibgħuta minn BĊNi oħrajn matul ix-xahar ta' qabel u għalhekk m'hijiex disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE, il-BĊNi għandhom jikkuntatjaw lill-BĊE b'dettalji speċifiċi tal-informazzjoni meħtieġa.

6. ***Kunfidenzjalità***

Il-BĊNi għandhom jiddikjaraw l-istatus ta' kunfidenzjalità ta' kull attribut li jiddeskrivi unità organizzattiva billi jagħżlu wieħed minn tliet valuri predefiniti:"F" tfisser ħielsa, jiġifieri mhux kunfidenzjali; "N" tfisser li l-attribut tad-dejta jista' jiġi rilaxxat biss għall-użu tas-SEBĊ u istituzzjonijiet assoċjati li għalihom ikun hemm memorandum ta' ftehim fis-seħħ, jiġifieri mhux għal rilaxx estern; jew "C" għal informazzjoni statistika kunfidenzjali.

Artikolu 25

Lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji miżmuma għal skopijiet ta' statistika

1. ***Tipi ta' listi li għandhom jinżammu u jiġu ppubblikati***

Sabiex tkun tista' tiġi stabbilita u miżmuma l-lista ta' MFIs għal skopijiet ta' statistika, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-varjabbli speċifikati fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness V għandhom jinġabru f'RIAD fl-intervalli speċifikati. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw kwalunkwe aġġornament ta' dawn il-varjabbli mingħajr dewmien, b'mod partikolari meta istituzzjoni tingħaqad mas-settur MFI, jiġifieri fil-każ ta' stabbiliment ta' MFI bħala riżultat ta' fuqżjoni, stabbiliment ta' entitajiet legali ġodda bħala riżultat ta' diviżjoni ta' MFI eżistenti, stabbiliment ta' MFI ġdida, jew bidla fl-istatus ta' non-MFI preċedenti b'tali mod li ssir MFI, jew meta MFI eżistenti titlaq mis-settur MFI, jiġifieri fil-każ ta' involviment ta' MFI f'fużjoni, xiri ta' MFI minn istituzzjoni oħra, diviżjoni ta' MFI f'entitajiet legali separati, bidla fl-istatus ta' MFI b'mod li ssir non-MFI, jew likwidazzjoni ta' MFI.

			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin	29	AAR/NDER, ammont

1. Għall-finijiet tal-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI, self ġdid lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji jinkludi s-self kollu minbarra self li jdur u overdrafts u debitu b'kards ta' kreditu, kif iddefinit fl-Anness I għar-Regolament (UE) (Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). Rata miftiehma annwalizzata (AAR) jew rata effettiva ddefinita b'mod ristrett (NDER) hija rrapportata għall-kategoriji kollha inklużi fit-Tabella. Ir-rappurtar tal-AAR/NDER huwa akkumpanjat mill-volumi tan-negozju ġodda. L-indikaturi 24 sa 29 huma kkalkulati abbażi tal-partiti 37 sa 54 fl-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). Ir-rati tal-imgħax huma kkalkolati bħala medji ppeżati tal-partiti korrispondenti fl-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34) filwaqt li volumi ta' negozju ġdid għandhom ikunu s-somma tal-partiti korrispondenti fl-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34).

Tabella 2

Self li jdur u overdrafts u kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż tal-kard tal-kreditu

	Settur	Tip ta' strument	Indikatur ġdid tan-negozju	Obbligu ta' rapportar
Self f'EUR	Lil unitajiet domestiċi	Self li jdur u overdrafts u kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż tal-kard tal-kreditu	86	AAR/NDER, ammont
	Lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Self li jdur u overdrafts u kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż tal-kard tal-kreditu	87	AAR/NDER, ammont

2. Għall-finijiet tal-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI, is-self li jdur u l-overdrafts u kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż tal-kard tal-kreditu għandhom l-istess tifsira kif iddefinit fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), irrispettivament mill-perjodu inizjali tagħhom tal-iffissar tar-rata tal-imgħax. Penali fuq overdrafts applikati bħala komponent ta' imposti oħra, eż. fil-forma ta' tariffi speċjali, mhumiex koperti mill-AAR kif iddefinit fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). AAR jew NDER hija rrappurtata għal-kategoriji inklużi fit-Tabella 2. Ir-rappurtar tal-AAR/NDER huwa akkumpanjat mill-volumi tan-negozju ġdid.

3. F'każ ta' self li jdur u overdrafts u kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż tal-kard tal-kreditu, il-kunċett ta' volumi ta' negozju ġdid huwa ekwivalenti għal ammonti pendenti. L-indikaturi 86 u 87 huma kalkulati abbażi tal-partiti 12, 23, 32 u 36 fl-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), u l-ammonti pendenti rappurtati għall-kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż tal-kard tal-kreditu u self li jdur u overdrafts skont Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Ir-rati ta' imgħax huma kkalkolati bħala medji ppeżati tal-partiti korrispondenti fl-Appendiċi 2 għall-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), billi tintuża rata ta' imgħax ta' żero għall-kreditu tal-karta tal-kreditu ta' konvenjenza. L-indikaturi 86 u 87 huma intiżi biex jipprovdu kontinwità mal-indikaturi 12 u 23 ("overdrafts") kif iddefinit qabel fir-Regolament (KE) Nru 63/2002 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/18) ([1]), jiġifieri qabel l-emendi tagħhom bir-Regolament (KE) Nru 290/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2009/7) ([2]).

Tabella 3:

Rati ta' imgħax fuq self innegozjat mill-ġdid għall-unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji

	Settur	Tip ta' strument	Maturita' oriġinali, perijodu ta' notifika, perijodu inizjali tal-iffissar tar-rata tal-imgħax	Indikatur ġdid tan-negozju	Obbligu ta' rapportar
Self innegozjat mill-ġdid f'EUR	Lil unitajiet domestiċi	Għall-konsum	total	88	AAR/NDER
		Għal xiri ta' dar	total	89	AAR/NDER
		Għal skopijiet oħra	total	90	AAR/NDER
	Lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji		total	91	AAR/NDER

4. Għall-finijiet tal-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI, is-self innegozjat mill-ġdid lill-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jinkludi s-self kollu lil negozju ġdid, minbarra self li jdur u overdrafts u debitu ta' karti tal-kreditu, li jkunu ngħataw iżda jkun għadhom ma tħallsux lura fiż-żmien meta ġew innegozjati mill-ġdid. Fir-rigward ta' self ittrasferit minn istituzzjoni oħra, l-innegozjar mill-ġdid jirreferi għal self lil negozju ġdid li jkun ingħata mill-istituzzjoni li qed tbiegħ jew tgħaddi s-self. AAR jew NDER biss tiġi rrapportata għall-kategoriji inklużi fit-Tabella 3 abbażi tal-aqwa sforz minbarra l-volumi mitluba skont ir-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34).

([1]) Regolament (KE) Nru 63/2002 tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-20 ta' Diċembru, 2001, dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal familji u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2001/18) (ĠU L L 10, 12.1.2002, p. 24).

([2]) Regolament (KE) Nru 290/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal- 1 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 63/2002 (BĊE/2001/18) dwar l-istatistika fir-rigward tar-rati tal-imgħax applikati mill-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self fil-konfront ta' households u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2009/7) (ĠU L 94, 8.4.2009, p. 75).

PARTI 14

Għażla tal-popolazzjoni attwali tar-rapportar u ż-żamma tal-kampjun għall-istatistika dwar ir-rata tal-imgħax tal-MFI

Taqsima 1: Għażla tal-popolazzjoni attwali tar-rapportar

1. **Proċedura ta' għażla ġenerali**

1. Il-BĊNi japplikaw il-proċedura illustrata fil-figura ta' hawn taħt biex jagħżlu l-aġenti ta' rapportar għall-ġbir tal-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI skont ir-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). Din il-proċedura hija ddefinita kif ġej:



2. **Ċensiment jew kampjun**

2. Kull NCB jagħżel l-aġenti tar-rapportar tiegħu minn fost l-MFIs, minbarra l-banek ċentrali u l-MMFs fil-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza li tkun residenti fl-istess Stat Membru taż-żona euro bħall-BĊN.

3. Sabiex jintgħażlu l-aġenti ta' rapportar, il-BĊNi għandhom jew japplikaw ċensiment jew isegwu approċċ ta' teħid ta' kampjuni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin.

4. Fil-każ ta' ċensiment, il-BĊN jitlob lil kull MFI residenti fil-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza biex tirrapporta l-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI. Il-varjabbli li għandhom jinġabru permezz taċ-ċensiment huma r-rati ta' imgħax u l-ammonti ta' negozju ġdid u r-rati ta' imgħax fuq l-ammonti pendenti.

5. Fil-kaz ta' kampjun, hija biss għażla ta' MFIs fil-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza li tintalab biex tirrapporta. Il-varjabbli li għandhom jiġu stmati permezz tal-kampjun huma r-rati ta' imgħax u l-ammonti ta' negozju ġdid u r-rati ta' imgħax fuq ammonti pendenti. Dawn jissejħu varjabbli ta' kampjunaġġ. Sabiex jitnaqqas ir-riskju li r-riżultati ta' stħarriġ ta' kampjunaġġ jitbegħdu mill-valuri veri (mhux magħrufa) fil-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza, il-kampjun għandu jitfassal b'mod li jkun rappreżentattiv tal-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza. Għall-fini ta' statistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI, kampjun huwa kkunsidrat rappreżentattiv jekk il-karatteristiċi kollha li huma rilevanti għal statistika dwar rata ta' imgħax tal-MFI u inerenti fil-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza huma riflessi wkoll fil-kampjun. Sabiex isir il-kampjun tal-bidu, NCBs jistgħu jużaw approssimazzjonijiet u mudelli tajbin biex jipproduċu l-iskema ta' kampjunaġġ ukoll jekk id-dejta sottostanti, miksuba minn għejun eżistenti, ma tkunx taqbel perfettament mad-definizzjonijiet tar-Regolament ir-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34).

3. **Stratifikazzjoni tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza**

6. Sabiex jiġi żgurat li l-kampjun huwa rappreżentattiv, kull BĊN li jagħżel l-approċċ ta' kampjunar għall-istatistika tar-rata ta' imgħax MFI għandu jistratifika b'mod xieraq il-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza qabel l-għażla ta' xi aġent ta' rapportar. Stratifikazzjoni tfisser li l-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza N terġa' tinqasam f'subpopolazzjonijiet jew strata N_1, N_2, N_3 … N_L. Dawn is-subdiviżjonijiet jew strata m'għandhomx jidħlu f'xulxin, u flimkien għandhom jagħmlu l-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza:

$$N_1 + N_2 + N_3 + \ldots + N_L = N$$

7. Il-BĊN jiddefinixxu l-kriterji ta' stratifikazzjoni li jippermettu s-subdiviżjoni tal-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza fi strati omoġenji. L-istrati jitqiesu omoġeniċi jekk is-somma tad-differenzi ġewwa l-istrat tal-varjabbli fil-kampjun huwa sostanzjalment aktar baxx mid-differenza totali fil-popolazzjoni attwali sħiħa ta' rappurtar ([1]). Il-kriterji ta' stratifikazzjoni huma marbutin mal-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI, jiġifieri hemm relazzjoni bejn il-kriterji ta' stratifikazzjoni u r-rati ta' imgħax u l-ammonti li għandhom jiġu stmati mill-kampjun.

8. Kull NCB li jagħżel il-metodu tal-kampjunaġġ għandu jidentifika mill-inqas kriterju wieħed ta' stratifikazzjoni biex ikun assigurat li l-kampjun ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet oħra ikun rappreżentattiv ta' l-Istat Membru parteċipanti u li jkun hemm żbalji mill-inqas fil-kampjunaġġ. Idealment il-BĊNi jiddefinixxu l-ġerarkija ta' kriterji ta' stratifikazzjoni. Dawn għandhom iqisu ċirkostanzi nazzjonali u għalhekk għandhom ikunu speċifiċi dwar kull Stat Membru taż-żona tal-euro.

9. L-għażla ta' l-aġenti tar-rapportar għandha ssir fil-forma ta' kampjunaġġ fi stadju wieħed wara li l-istrata kollha jkunu ġew iddefiniti. Huwa f'dan l-istadju biss li aġenti tar-rapportar jintgħażlu mill-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza. Ma tistax issir għażla intermedja.

4. **Allokazzjoni tal-kampjun fost l-istrata u l-għażla tal-aġenti tar-rapportar**

10. Wara li jagħtu tifsira ta' l-istrata nazzjonali skond il-paragrafi 66 u 7 u 7d-daqs tal-kampjun nazzjonali "n" skond il-paragrafu 10, BĊNi li jagħżlu l-metodu tal-kampjunaġġ għandhom jagħmlu l-kampjun billi jagħżlu l-aġenti tar-rapportar attwali minn kull stratum. Id-daqs kollu tal-kampjun nazzjonali "n" għandu jkun l-għadd tal-qisien tal-kampjuni n_1, n_2, n_3, …, n_L għal kull stratum:

$$n_1 + n_2 + n_3 + \ldots + n_L = n.$$

11. Kull BĊN jagħżel l-allokazzjoni l-aktar xierqa tad-daqs tal-kampjun nazzjonali n fost l-istrati. Għalhekk għal kull stratum, il-BĊNi jiddefinixxu kemm jintagħżlu aġenti ta' rapportar n_h mit-total tal-MFIs, N_h. Ir-rata ta' kampjunaġġ n_h/N_h għal kull stratum h tippermetti l-istima tal-varjanza ta' kull stratum. Dan jimplika li jintgħażlu tal-anqas żewġ aġenti ta' rapportar minn kull stratum.

([1]) jiġifieri s-somma tal-varjanzi ġewwa l-istrat iddefinita bħala $\sum_h \sum_{i \in h} \frac{1}{n}(x_i - \bar{x}_h)^2$ għandha tkun sostanzjalment aktar baxxa mill-varjanza totali tal-popolazzjoni ta' rapportar iddefinita bħala $\sum_{i=1}^{n} \frac{1}{n}(x_i - \bar{x})^2$, fejn h jindika kull stratum, x_i ir-rata *ta' imgħax għall-istituzzjoni i,* $\bar{x}_h$ *ir-rata* ta' imgħax medja sempliċi tal-istrat h, n in-numru totali ta' istituzzjonijiet fil-kampjun u$\bar{x}$ *il-medja* sempliċi tar-rati ta' imgħax tal-istituzzjonijiet kollha fil-kampjun.

12. Sabiex jintgħażlu l-aġenti ta' rapportar attwali f'kull stratum, il-BĊNi jinkludu l-istituzzjonijiet kollha fl-istratum, iwettqu kampjunar każwali jew jagħżlu l-akbar istituzzjonijiet għal kull stratum. Fil-każ ta' kampjun każwali, it-tfassil każwali tal-istituzzjonijiet f'kull stratum jitwettaq bl-istess probabbiltà għall-istituzzjonijiet kollha jew bi probabbiltà proporzjonali għad-daqs tal-istituzzjoni. BĊNi li jużaw kampjunaġġ każwali jew għażla tal-akbar istituzzjoni jistgħu jagħżlu li jinkludu l-istituzzjonijiet kollha għal xi strata.

13. Informazzjoni fuq id-daqs ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni oħra fil-popolazzjoni potenzjali tar-rappurtaġġ tista' tinkiseb fuq livell nazzjonali mill-istatistika tal-karta tal-bilanċ ta' MFI miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Il-BNĊi għandhom jużaw depożiti u self iddenominati fl-euro fil-konfront tal-unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji residenti fi Stati Membri taż-żona tal-euro, li hija dik il-parti tal-karta tal-bilanċ li hija rilevanti għall-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI, jew indikatur mill-qrib.

14. L-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI għandha tkun bbażata fuq għażla mingħajr sostituzzjoni, jiġifieri kull MFI fil-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza jista' jintgħażel darba biss.

15. Jekk BĊN jiddeċiedi fuq ċensiment tal-MFIs kollha fi strat, il-BĊN jista' jieħu kampjun f'dak l-istratum fil-livell tal-fergħat. Il-prekondizzjoni hija li l-BĊN ikollu lista sħiħa ta' fergħat li jkopru n-negozju kollu tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u oħrajn fl-istrat, u jkollu dejta xierqa sabiex ikun jista' jivvaluta l-varjanza tar-rati ta' imgħax fuq negozju ġdid fil-konfront tal-unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji fil-fergħat kollha. Għall-għażla u l-manteniment tal-fergħat, japplikaw l-obbligi kollha stabbiliti f'dan l-Anness. Il-fergħat magħżula jsiru aġenti ta' rappurtar kunċettwali suġġetti għall-obbligi kollha ta' rappurtar stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). Din il-proċedura hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' kull MFI li għaliha jappartjenu l-fergħat, biex ikunu aġenti tar-rapportar.

5. **Daqs minimu tal-kampjun nazzjonali**

16. Id-daqs tal-kampjun nazzjonali minimu huwa ddefinit b'mod differenti skont jekk il-BĊN japplikax il-kampjuni każwali jew jagħżilx l-akbar istituzzjonijiet għal kull stratum.

17. Jekk BĊN japplika kampjunar każwali fl-għażla tal-istituzzjonijiet ta' rapportar attwali, id-daqs minimu tal-kampjun nazzjonali għandu jkun tali li l-iżball każwali massimu għar-rati ta' imgħax fuq negozju ġdid bħala medja fuq il-kategoriji ta' strumenti kollha ma jaqbiżx l-10 punti ta' bażi f'livell ta' kunfidenza ta' 90 % [1].

18. L-iżball massimu każwali huwa ddefinit bħala $D = z_{\alpha/2} * \sqrt{\mathrm{var}(\hat{\theta})} \approx z_{\alpha/2} * \sqrt{\hat{\mathrm{var}}(\hat{\theta})}$, b'D bħala l-iżball massimu każwali, $z_{\alpha/2}$ bħala l-fattur ikkalkolat mid-distribuzzjoni normali jew kwalunkwe distribuzzjoni xierqa skont l-istruttura tad-dejta (eż. id-distribuzzjoni-t), meta wieħed jassumi livell ta' kunfidenza 1-α, fejn $\mathrm{var}_{\hat{\theta}}$ hija l-varjanza tal-istimatur tal-parametruϑ, u $\hat{\mathrm{var}}\theta$ hija l-varjanza stmata tal-istimatur tal-parametruϑ.

19. Jekk BĊN jagħżel l-akbar istituzzjoni għal kull strat, il-kwalità tal-kampjun għandha tkun ibbażata fuq kejl ta' żball assolut medju (MAE) sintetiku. L-MAE sintetiku attwali ma għandux jaqbeż il-limitu ta' MAE b'varjazzjoni fiż-żmien li jassumi żball ta' 10 punti ta' bażi f'kull stratum u indikatur.

20. L-MAE_S sintetiċi għal stimatur partikolari $\hat{\theta}$ f'perjodu partikolari għandhom jiġu ddefiniti bħala:

$$MAE_S(\hat{\theta}) = \sum_c \frac{MAE(\hat{\theta}_c) * B_c}{\sum_k B_k} * \frac{1}{(i_{c1} + (1/(1 + i_{c1}))}$$

bi:

$MAE_S\ (\hat{\theta})$ bħala l-MAE sintetiku

---
(1) Il-BĊNi jistgħu jittraduċu direttament il-kejl assolut tal' 10 punti bai f'livell ta' kunfidenza ta' 90 % f'miżura relattiva f'termini tal-koeffiċjenti tal-varjazzjoni massima aċċettabbli tal-istimatur.

B_c, B_k bħala l-volum f'kategorija ta' rata ta' imgħax ta' MFI partikolari

i_{c1} bħala l-medja tar-rata ta' imgħax fil-kategorija c

$MAE(\hat{\theta}_c) = \frac{(\sum_j |error(\hat{\theta}_j)| * (B_{j0} + B_{j1})}{B}$ bħala l-MAE għal kategorija ta' rata ta' imgħax tal-MFI abbażi tal-istimatur $\hat{\theta}_j$

B_{j0} bħala l-volum li jikkorrispondi għan-nuqqas ta' rapportar attwali fi stratum partikolari j

B_{j1} bħala l-volum li jikkorrispondi għar-rapportar attwali fi stratum partikolari j. Jekk jiġi applikat kampjunarB_{j1} dan jirreferi għall-volumi miżjuda. Il-proċess ta' żieda huwa deskritt aktar fit-Taqsima 4.

B bħala l-volum totali għall-istrata kollha, jiġifieri s-somma ta'B_{j0} u B_{j1} fl-istrata kollha

$error(\hat{\theta}_j) = (i_{j1} * B_{j1} + \hat{\theta}_{j0} * B_{j0}) / (B_{j1} + B_{j0}) - i_{j1}$ bħala l-istima tal-iżball totali fi stratum j

i_{j1} Bħala l-medja tar-rata ta' imgħax ppeżata li tikkorrispondi għar-rapportar attwali fi stratum partikolari j

$\hat{\theta}_{j0}$ peress li l-valur tal-istimatur $\hat{\theta}$ għas-sottostrat take-none tal-istratum j.

Fil-każ ta' kopertura mingħajr volum f'wieħed mill-istrata rrapportati, għandha tintuża l-medja $\hat{\theta}$ tal-istratum l-ieħor biex jiġi evitat MAE ugwali għal żero.

$\hat{\theta}$ peress li l-medja tal-ewwel ewwel u t-tielet kwartili fi ħdan l-istratum, li huma ddefiniti bħala r-rata tal-imgħax irrapportati għall-kategorija tar-rata ta' imgħax tal-MFI għal liema 25 % (u 75 % rispettivament) tar-rati ta' imgħax irrapportati huma aktar baxxi minn dak in-numru. L-ewwel u t-tielet kwartili huma kkalkolati billi jiġi ppeżat preċedentement il-volum f'dik il-kategorija mill-istituzzjonijiet fl-istratum. Għalhekk, il-medja bejn iż-żewġ stimaturi tal-MAE - l-ewwel u t-tielet kwartili - tintuża bħala stima għall-parametru $\hat{\theta}$ ([1]).

21. L-iżball każwali massimu u l-MAE sintetiku huma kkalkolati b'mod separat għan-negozju u l-ammonti pendenti. Għan-negozju l-ġdid, l-iżball massimu każwali u l-MAE sintetiku għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-indikaturi 1 sa 11, 13 sa 22, u 24 sa 29 kif deskritt fl-Appendiċi 2 għall-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34). Għall-ammonti pendenti, l-iżball massimu każwali u l-MAE sintetiku għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-indikaturi 1 sa 14 kif deskritt fl-Appendiċi 1 għall-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34).

22. Id-daqs tal-kampjun nazzjonali minimu jirreferi kemm għall-kampjun inizjali massimu u għall-kampjun minimu wara l-manteniment kif iddefinit fit-taqsima li jmiss dwar il-manutenzjoni tal-kampjun tal-popolazzjoni attwali ta' rapportar. Minħabba l-fużjonijiet u dawk li jitilqu, il-kampjun jista' maż-żmien jiċkien fid- daqs sal-perjodu ta' manutenzjoni li jmiss.

23. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu aktar aġenti ta' rapportar milli ddefinit bħala d-daqs tal-kampjun nazzjonali minimu, b'mod partikolari fejn ikun meħtieġ biex tiżdied ir-rappreżentattività tal-kampjun nazzjonali fid-dawl tal-istruttura tas-sistema finanzjarja nazzjonali.

([1]) Wieħed għandu jinnota li t-Tabelli 1 u 2 fid-dokument tal-istatistika tal-BĊE bl-isem “Miżuri ta' kwalità f'kampjunar mhux każwali”, disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu, tenfasizza r-riżultati tal-MAE sintentiku għall-istimaturi tal-ewwel u t-tielet kwartili applikati f'kull pajjiż.

24. Għandu jkun hemm konsistenza bejn in-numru ta' MFIs fil-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza u d-daqs minimu tal-kampjun. Il-BĊNi jistgħu jippermettu lill-MFIs li huma residenti fi ħdan Stat Membru uniku taż-żona tal-euro u inklużi b'mod individwali fil-lista tal-MFIs kif stabbilit u aġġornat skont il-prinċipji ta' klassifikazzjoni stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) biex jirrapportaw l-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI flimkien bħala grupp. Il-grupp isir aġent ta' rapportar nozzjonali. Dan ifisser li l-grupp jirrapporta l-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI bħallikieku kien MFI, jiġifieri jirrapporta medja ta' rata ta' imgħax waħda għal kull kategorija ta' strumenti li jkopri l-grupp kollu minflok rata waħda għal kull MFI inkluż fil-lista tal-MFIs. Fl-istess ħin, l-MFIs fl-istess grupp xorta jitqiesu bħala istituzzjonijiet individwali fil-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza u fil-kampjun.

Taqsima 2: Manutenzjoni tal-kampjun tal-popolazzjoni li tirrapporta attwali

6. **Manutenzjoni tal-kampjun maż-żmien**

25. Il-BĊNi li jagħżlu l-approċċ tal-kampjunar għandhom jiżguraw li l-kampjun jibqa' rappreżentattiv maż-żmien.

26. Il-BĊNi għandhom għalhekk jivverifikaw ir-rappreżentattività tal-kampjun tagħhom tal-anqas darba f'sena. Jekk hemm bidliet sinifikanti fil-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza, dawn għandhom jiġu riflessi fil-kampjun wara din il-verifika annwali.

27. F'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin, il-BĊNi għandhom iwettqu reviżjoni regolari tal-kampjun, filwaqt li jqisu dawk li jissieħbu fil-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza, dawk li jitilqu mill-popolazzjoni li tirrapporta attwali, u bidliet oħra fil-karatteristiċi tal-aġenti ta' rapportar, u japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5 fuq id-daqs tal-kampjun nazzjonali minimu. Ir-reviżjoni regolari tal-kampjun sejra tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-popolazzjoni li tirrapporta attwali kif inkluż fit-Taqsima 1, abbażi tad-dejta ta' kull xahar li tikkorrispondi għat-tmiem ta' kull trimestru fis-sena meta ssir ir-reviżjoni. Madankollu, il-BĊNi jistgħu jivverifikaw u jaġġornaw il-kampjun tagħhom b'mod aktar frekwenti.

28. Maż-żmien, il-kampjun sejjer jiġi aġġustat biex iqis dawk li jissieħbu fil-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza sabiex jibqa' rappreżentattiv tal-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza. Il-BĊNi għandhom għalhekk jieħdu kampjun n_b mill-popolazzjoni ta' dawk kollha li jissieħbu N_b. L-għażla komplementari tal-istituzzjonijiet li jissieħbu$_b$ fost in-numru totali ta' dawk li jissieħbu N_b tissejjaħ kampjunar inkrimentali maż-żmien.

29. Maż-żmien, il-kampjun ser jiġi aġġustat biex iqis dawk li jitilqu mill-popolazzjoni ta' referenza u ta' rapportar attwali. M'hemm bżonn ta' ebda aġġustament jekk in-numru ta' dawk li jitilqu mill-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza N_d huwa proporzjonat għan-numru ta' dawk li jitilqu mill-kampjun n_d (każ 1). Jekk l-istituzzjonijiet iħallu l-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza u mhumiex fil-kampjun, il-kampjun isir ikbar b'rabta mad-daqs tal-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza (każ 2). Jekk relattivament aktar istituzzjonijiet jitilqu mill-kampjun milli mill-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza, il-kampjun isir żgħir wisq maż-żmien u jista' ma jibqax rappreżentattiv (każ 3). Fil-każijiet 2 u 3, jekk jintuża kampjunar każwali għall-għażla tal-istituzzjonijiet ta' rapportar attwali, il-piżijiet li għandha kull istituzzjoni fil-kampjun għandu jiġi aġġustat permezz ta' metodu statistiku stabbilit derivat mit-teorija ta' kampjunar. Il-piż li għandu kull aġent ta' rapportar huwa l-invers tal-probabbiltà tiegħu li jintgħażel u għalhekk il-fattur ta' espansjoni. Fil-każ 2, fejn il-kampjun huwa relattivament akbar għall-popolazzjoni, ma jittieħed ebda aġent ta' rapportar mill-kampjun. Fil-każ 3, jekk jintgħażlu l-akbar istituzzjonijiet, il-kampjun jiġi aġġustat billi jintgħażlu l-istituzzjonijiet addizzjonali skont id-daqs tagħhom.

30. Maż-żmien, il-kampjun sejjer jiġi aġġustat biex iqis il-bidliet fil-karatteristiċi tal-aġenti ta' rapportar. Dawn il-bidliet jistgħu jseħħu minħabba fużjonijiet, diviżjonijiet, tkabbir tal-istituzzjonijiet, eċċ. Xi aġenti ta' rapportar jistgħu jibdlu l-istratum. Bħal fil-każijiet 2 u 3 għal min jitlaq, il-kampjun jiġi aġġustat permezz ta' metodu statistiku stabbilit derivat mit-teorija tal-kampjunar. Probabbiltajiet ta' għażla ġodda u għalhekk piżijiet huma allokati fejn il-BĊNi jwettqu kampjunar każwali.

Taqsima 3: Kwistjonijiet ta' kampjunar ulterjuri

7. **Konsistenza**

31. Sabiex tintlaħaq konsistenza bejn l-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI dwar l-ammonti pendenti li jagħmlu referenza għad-depożiti u għas-self u dwar negozju ġdid li jagħmel referenza għad-depożiti u għas-self, il-BĊNi li jagħżlu l-approċċ ta' kampjunar għandhom jużaw l-istess aġenti ta' rapportar biex jiġbru din l-istatistika. Il-BĊNi jistgħu jużaw l-approċċ ta' kampjunar għal sottosett ta' statistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI u ċensiment għall-bqija. Madankollu, ma jistgħux jużaw żewġ kampjuni differenti jew aktar.

8. **Innovazzjoni finanzjarja**

32. Fil-proċedura tal-kampjunar, il-BĊNi ma għandhomx bżonn ikopru kull prodott li jeżisti fil-livell nazzjonali. Madankollu, ma jistgħux jeskludu kategorija ta' strumenti sħaħ abbażi tar-raġunijiet li l-ammonti involuti huma żgħar ħafna. Għalhekk, jekk kategorija ta' strumenti tiġi offruta biss minn istituzzjoni waħda, allura din l-istituzzjoni għandha tiġi inkluża fil-kampjun. Jekk ma kinitx teżisti kategorija ta' strumenti fi Stat Membru taż-żona tal-euro fiż-żmien meta sar it-teħid inizjali tal-kampjun, iżda tiġi introdotta minn istituzzjoni minn hemm 'il quddiem, din l-istituzzjoni għandha tiġi inkluża fil-kampjun meta tkun sejra ssir il-verifika tar-rappreżentattività li jmiss. Jekk jinħoloq prodott ġdid, l-istituzzjonijiet fil-kampjun għandhom ikopruh fir-rapport li jmiss, peress li l-aġenti ta' rapportar kollha huma meħtieġa li jirrapportaw dwar kull prodott tagħhom.

Taqsima 4: Rati ta' imgħax medji ppeżati nazzjonali u volumi ta' negozju nazzjonali totali

33. Il-BĊNi jirċievu rati ta' imgħax medji ppeżati u ammonti relatati tan-negozju minn kull aġent ta' rapportar residenti attwali tagħhom u jikkalkolaw ir-rati ta' imgħax medji ppeżati nazzjonali għal kull kategorija ta' strumenti abbażi tal-volumi tan-negozju ngrossati għal kull stratum. Id-dejta hija rrapportata lill-BĊE.

34. Fejn huwa applikat il-kampjunar każwali, l-istimatur tar-rata ta' imgħax fil-livelli tal-istratum u dak nazzjonali għandu jkun konsistenti mal-proċedura ta' kampjunar, kampjun każwali sempliċi jew mal-probabbiltà proporzjonali għad-daqs użat, u dan jimplika li jintużaw ammonti ngrossati għall-ippeżar tar-rati ta' imgħax.

35. Fejn jintgħażlu l-akbar istituzzjonijiet, l-istimatur tar-rati għandu jaggrega r-rati fl-istituzzjonijiet kollha fl-istess stratum bl-ippeżar tal-ammonti rrapportati, u l-aggregazzjonijiet fl-istrata kollha għandhom isiru billi jiġu applikati l-volumi ngrossati f'kull stratum.

36. Għal kull waħda mill-kategoriji tal-istrumenti fuq l-ammonti pendenti, jiġifieri indikaturi 1 sa 26 fl-Appendiċi 1 għall-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), il-BĊNi jipprovdu rata ta' imgħax medja ppeżata nazzjonali.

37. Għal kull waħda mill-kategoriji tal-istrumenti fuq negozju ġdid, jiġifieri indikatari 1 sa 23 u 30 sa 85 fl-Appendiċi 2 għall-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), il-BĊNi jipprovdu medja ta' rata ta' imgħax nazzjonali. Barra minn hekk, għal kull wieħed mill-indikaturi 2 sa 4, 8 sa 11, 13 sa 22, 33 sa 35 u 37 sa 85 fl-Appendiċi 2 għall-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), il-BĊNi jipprovdu l-ammont tan-negozju l-ġdid imwettaq fil-livelli nazzjonali f'kull kategorija ta' strumenti matul ix-xahar ta' referenza. għall-kategoriji tal-istrumenti li jagħmlu referenza għal self innegozjat mill-ġdid lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (indikaturi 88 sa 91 fl-Appendiċi 2 għall-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), hija meħtieġa biss informazzjoni dwar il-volumi, u informazzjoni dwar ir-rati ta' imgħax tinġabar fuq il-bażi tal-aqwa sforzi. L-ammonti ta' negozju ġodda jirreferu għat-total tal-popolazzjoni, jiġifieri għall-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza kollha u, b'mod simili għall-volumi ta' negozju l-ġodda l-oħra, din il-figura hija stmata permezz tal-proċedura ta' ngrossar illustrata fil-paragrafi 38 sa 40.

38. Jekk jintuża kampjunar każwali jew l-għażla tal-istituzzjonijiet il-kbar biex jintgħażlu l-aġenti ta' rapportar, jintużaw fatturi ta' espansjoni għall-ingrossar tal-volumi ta' negozju. L-ingrossar huwa applikat fil-livell tal-istratum.

39. Jekk jintuża l-approċċ ta' kampjunar każwali, il-fatturi ta' espansjoni huma ddefiniti bħala l-maqlub tal-probabbiltajiet ta' għażla π_i, jiġifieri $1/\pi_i$. L-ammont stmat tan-negozju l-ġdid għat-total tal-popolazzjoni B jiġi mbagħad ikkalkolat permezz tal-formula ġenerika li ġejja:

$$B = \sum_{i \in s} \frac{B_i}{\pi_i}$$

fejn:

B hija l-volum ta' negozju totali

B_i hija l-ammont ta' negozju ġdid tal-istituzzjoni $_i$

π_i hija l-probabbiltà tal-istituzzjoni li tagħżel $_i$

40. Jekk tintuża l-għażla tal-approċċ tal-akbar istituzzjoni, il-fatturi ta' espansjoni għal kull stratum *j* huma ddefiniti bħala l-maqlub tal-proporzjon tal-kopertura tal-istratum permezz tal-formula li ġejja:

$$EF_j = \frac{\hat{B}_j}{\sum_{i=1}^{N_{j1}} \hat{B}_{ij}} = \frac{\sum_{i=1}^{N_{j1}+N_{j0}} \hat{B}_{ij}}{\sum_{i=1}^{N_{j1}} \hat{B}_{ij}} = \frac{\sum_{i=1}^{N_{j1}} \hat{B}_{ij} + \sum_{i=N_{j1}+1}^{N_{j0}} \hat{B}_{ij}}{\sum_{i=1}^{N_{j1}} \hat{B}_{ij}}$$

fejn:

$\hat{B}_j$ hija l-volum totali fi ħdan stratum *j*

$\hat{B}_{ij}$ hija l-volum f'kull stratum *j* għall-istituzzjoni *i*

N_{j0} hija n-numru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li ma tteħidx kampjun tagħhom fl-istratum *j*

N_{j1} hija n-numru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li ttieħed kampjun tagħhom fl-istratum *j*.

41. Fatturi ta' espansjoni EF_j kif iddefinit fil-paragrafu 40 fir-rigward ta' negozju ġdid huma kkalkolati billi jiġu sostitwiti volumi ġodda bl-ammonti pendenti relatati. Il-volum miżjudtal-istratum j, imbagħad jiġi kkalkolat bħala l-fattur ta' espansjoni għall-istratum j immoltiplikat mill-volum irrapportat għall-istratum j.

42. Il-BĊNi jipprovdu r-rati ta' imgħax tal-MFI fuq ammonti pendenti u fuq negozju ġdid lill-BĊE għal sa erba' postijiet deċimali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-BĊNi fuq il-livell ta' preċiżjoni li jixtiequ japplikaw fil-ġbir tad-dejta. Ir-riżultati ppubbikati ma fihomx aktar minn żewġ postijiet deċimali.

43. Il-BĊNi jiddokumentaw kwalunkwe arranġament regolatorju (u l-bidliet fihom) li jaffettwaw l-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI fin-noti metodoloġiċi li huma pprovduti mad-dejta nazzjonali.

44. Il-BĊNi li jagħżlu approċċ ta' kampjunar għall-għażla tal-aġenti ta' rapportar jipprovdu stima tar-rata ta' kampjunar għall-kampjun inizjali. Hija pprovduta stima ġdida wara kull manutenzjoni tal-kampjun.

PARTI 15

Trattament ta' prodotti speċifiċi għal statistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI

1. It-trattament tal-prodotti ddefiniti fil-paragrafi li ġejjin għandu jintuża bħala referenza għall-prodotti b'karatteristiċi simili.

2. Depożitu jew self step-up (step-down) huwa depożitu jew self b'maturità fiss li tiġi applikata għalih rata ta' imgħax li tiżdied (tonqos) minn sena għal sena b'numru stabbilit minn qabel ta' punti perċentwali. Depożiti step-up (step-down) huma strumeni b'rati ta' imgħax fissi matul il-maturità kollha. Ir-rata ta' imgħax għall-maturità kollha tad-depożitu jew is-self u t-termini u l-kundizzjonijiet l-oħra hija maqbula minn qabel fiż-żmien t_0 meta jiġi ffirmat il-kuntratt. Eżempju ta' depożitu step-up huwa depożitu b'maturità maqbula ta' erba' snin, li jirċievu 5 % interess fl-ewwel sena, 7 % fit-tieni, 9 % fit-tielet u 13 % fir-raba'. L-AAR dwar negozju ġdid, li huwa kopert fiż-żmien t_0 fl-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI, huwa l-medja ġeometrika tal-fatturi 1 + ir-rata ta' imgħax". F'konformità mal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), il-BĊNi jistgħu jitolbu lill-aġenti ta' rapportar biex jimplimentaw l-NDER għal dan it-tip ta' prodott. L-AAR dwar l-ammonti pendenti li huwa kopert miż-żmien $_0$ sa t_3 hija r-rata applikata mill-aġent ta' rapportar fiż-żmien meta jsir il-kalkolu tar-rata ta' imgħax tal-MFI, permezz tal-eżempju ta' depożitu b'maturità maqbula ta' erba' snin, 5 % fiż-żmien t_0, 7 % fiż-żmien t_1, 9 % fiż-żmien t_2 u 13 % fiż-żmien t_3.

3. Għall-fini tal-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI, is-self li jittieħed bħala parti mil-linji ta' kreditu, għandhom l-istess tifsira kif iddefinit u kklassifikat fil-Parti 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). L-ammonti pendenti biss, jiġifieri l-ammonti miġbuda u li għadhom ma tħallsux fil-kuntest tal-linja ta' kreditu huma koperti bħala negozju ġdid u riflessi fl-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI skont il-paragrafu 16 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). L-ammonti disponibbli permezz ta' linja ta' kreditu li ma nġibdux jew diġà tħallsu lura mhumiex ikkunsidrati, kemm bħala negozju ġdid kif ukoll ammonti pendenti.

4. Kuntratt ġeneriku jippermetti lill-klijent jieħu self fuq diversi tipi ta' kontijiet ta' self sa ċertu ammont massimu billi japplika għall-kontijiet ta' self kollha. Fiż-żmien tal-ftehim dwar kuntratt ġeneriku, il-forma li sejjer jieħu s-self u/jew id-dejta fejn sejjer jittieħed is-self u/jew ir-rata ta' imgħax mhumiex speċifikati, iżda jista' jintlaħaq qbil dwar medda ta' possibbiltajiet. Tali kuntratt ġeneriku mhuwiex kopert minn statistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI. Madankollu, hekk kif jittieħed self taħt kuntratt ġeneriku, dan huwa kopert taħt il-partita korrispondenti fl-istatistika dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI, kemm f'ammonti ta' negozju ġodda kif ukoll pendenti.

5. Jistgħu jeżistu depożiti tat-tfaddil b'rata ta' imgħax bażika flimkien ma' primjum ta' fedeltà u/jew primjum. Fiż-żmien meta jsir id-depożitu, mhuwiex ċert jekk il-primjum hux sejjer jitħallas jew le. Il-pagament jiddependi fuq l-attitudni futura mhux magħrufa lejn it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi jew il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Bħala regola, tali fiduċja jew tkabbir fil-primjums mhumiex inklużi fl-AAR fuq negozju ġdid. L-AAR dwar l-ammonti pendenti dejjem ikopri r-rati applikati mill-aġent ta' rapportar meta jsir il-kalkolu tar-rati ta' imgħax tal-MFI. Għalhekk, jekk tingħata tali fiduċja jew primjum ta' tkabbir mill-aġent ta' rapportar, dan huwa rifless fl-istatistika dwar l-ammonti pendenti.

6. Is-self jista' jiġi offrut lil unitajiet domestiċi jew korporazzjonijiet mhux finanzjarji b'kuntratti derivattivi assoċjati, jiġifieri swap/massimu/minimu, eċċ ta' rata ta' imgħax. Bħala regola, tali kuntratti ta' derivattivi assoċjati mhumiex inklużi fl-AAR dwar negozju ġdid. L-AAR dwar l-ammonti pendenti dejjem ikopri r-rati applikati mill-aġent ta' rapportar fiż-żmien meta jiġu kkalkolati r-rati ta' imgħax tal-MFI. Għalhekk, jekk tali kuntratt ta' derivattivi huwa eżerċitat u l-aġent ta' rapportar jaġġusta r-rata ta' imgħax imposta lill-unitajiet domestiċi jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja, dan huwa rifless fl-istatistika dwar l-ammonti pendenti.

7. Jistgħu jiġu offruti depożiti li jinkludu żewġ komponenti: depożitu b'maturità maqbula li tiġi applikata għalih rata ta' imgħax u derivattiv inkorporat b'ritorn li huwa marbut mal-prestazzjoni ta' indiċi ta' kambju jew rata ta' kambju bilaterali ddefinit, soġġett għal ritorn iggarantit minimu ta' 0 %. Il-maturità taż-żewġ komponenti tista' tkun l-istess jew tkun differenti. L-AAR dwar negozju ġdid ikopri r-rata ta' imgħax għad-depożitu b'maturità maqbula, peress li jirrifletti l-ftehim bejn id-depożitarju u l-aġent ta' rapportar u huwa magħruf meta jitpoġġew il-flus. Ir-ritorn fuq il-komponent l-ieħor tad-depożitu, marbut mal-prestazzjoni ta' indiċi ta' kambju jew rata ta' kambju bilaterali, huwa

magħruf biss *ex post* meta l-prodott jimmatura u għalhekk ma jistax jiġi kopert mir-rata ta' negozju l-ġdida. Għalhekk, huwa kopert biss ir-ritorn minimu ggarantit (ġeneralment 0 %). L-AAR dwar l-ammonti pendenti dejjem ikopri r-rata ta' imgħax applikata mill-aġent ta' rapportar meta jiġu kkalkolati r-rati ta' imgħax tal-MFI. Sal-jum tal-maturità, hija inkluża r-rata fuq id-depożitu b'maturità maqbula kif ukoll ir-ritorn minimu ggarantit fuq id-depożitu li fih id-derivattiv inkorporat. Fil-maturità biss, ir-rati ta' imgħax tal-MFI fuq l-ammonti pendenti jirriflettu l-AAR li jitħallas mil-aġent ta' rapportar.

8. Id-depożiti b'maturità ta' aktar minn sentejn kif iddefinit fil-Parti 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 10171/2013 (BĊE/2013/33) jista' jkollhom kontijiet ta' tfaddil tal-pensjonijiet. Il-parti ewlenija tal-kontijiet tat-tfaddil tal-pensjoni tista' titpoġġa' f'titoli u r-rata ta' imgħax f'kontijiet li jiddependu fuq ir-rendiment tat-titoli sottostanti. Il-parti li jifdal tal-kontijiet tat-tfaddil tal-pensjonijiet jistgħu jinżammu bħala flus kontanti u r-rata ta' imgħax iddeterminata mill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijet oħra bl-istess mod bħal depożiti oħra. Meta jsir id-depożitu, ir-ritorn totali lill-unità domestika mill-kont tat-tfaddil tal-pensjoni għadu mhux magħruf u jista' jkun ukoll negattiv. Barra minn hekk, meta jsir id-depożitu, jintlaħaq qbil dwar ir-rata ta' imgħax bejn l-unitajiet domestiċi u l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet oħrajn li tapplika biss għall-parti tad-depożiti; dan ma japplikax għall-parti investita fit-titoli. Għalhekk, hija biss il-parti ta' depożiti li mhijiex investita fit-titoli li hija koperta mill-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI. L-AAR dwar in-negozju l-ġdid li huwa rrapportat huwa r-rata maqbula bejn l-unitajiet domestiċi u l-aġent ta' rapportar għall-parti tad-depożiti meta jsir id-depożitu. L-AAR dwar l-ammonti pendenti huwa r-rata applikata mill-aġent ta' rapportar lill-parti tad-depożiti tal-kontijiet tat-tfaddil tal-pensjoni fiż-żmien tal-kalkolu tar-rata ta' imgħax tal-MFI.

9. Il-pjanijiet ta' tfaddil għas-self lill-unitajiet domestiċi huma skemi ta' tfaddil fit-tul li jistgħu jipprovdu redditu baxx, wara ċertu perjodu ta' tfaddil, jagħtu lill-unitajiet domestiċi jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja d-dritt għal self lill-unitajiet domestiċi b'rata bi skont. F'konformità mal-Parti 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), dawn il-pjanijiet ta' tfaddil ikklassifikati taħt depożiti b'maturità maqbula fuq sentejn sakemm jintużaw bħala depożitu. Malli jiġu ttrasformati f'self, dawn jiġu kklassifikati bħala self lill-unitajiet domestiċi għax-xiri ta' djar. L-aġenti ta' rapportar jirrapportaw bħala negozju tad-depożiti, ir-rata ta' imgħax li jintlaħaq qbil dwarha meta jsir id-depożitu inizjali. L-ammont korrispondenti ta' negozju ġdid huwa l-ammont ta' flus li jkun tpoġġa. Iż-żieda ta' dan l-ammont fuq id-depożitu matul iż-żmien hija koperta biss minn ammonti pendenti. Fiż-żmien meta d-depożitu jiġi ttrasformat f'self, dan is-self il-ġdid jiġi rreġistrati bħala negozju ta' self ġdid. Ir-rata ta' imgħax hija r-rata bi skont li qiegħda tiġi offruta mill-aġenzija ta' rapportar. Il-piż tal-ammont totali tas-self li qiegħed jingħata lill-unità domestika jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja.

10. F'konformità mal-Parti 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), id-depożiti li jitpoġġew skont il-pjan Franċiż għall-unitajiet domestiċi rregolat *plan d'épargne-logement* (PEL) huma kklassifikati bħala depożiti b'maturità maqbula ta' aktar minn sentejn. Il-gvern jirregola l-kundizzjonijiet li jirregolaw dawn il-PELs u jistabbilixxi r-rata ta' imgħax, li tibqa' l-istess matul il-maturità kollha tad-depożitu, jiġifieri kull "ġenerazzjoni" ta' PELs għandha l-istess rata ta' imgħax marbuta magħha. Il-PELs jinżammu għal tal-anqas erba' snin u kull sena l-klijent jiddepożita ammont minimu stabbilit minn qabel iżda jista' jżid il-pagamenti fi kwalunkwe żmien matul il-kors tal-iskema. L-aġenti ta' rapportar jirrapportaw bħala negozju ġdid, id-depożitu inizjali fil-ftuħ ta' PEL ġdid. L-ammont ta' flus li jitpoġġa fil-bidu fil-PEL jista' jkun baxx ħafna, u dan ifisser li l-piż li jkollha r-rata ta' negozju l-ġdida ikun ukoll relattivament baxx. Dan l-approċċ jiżgura li r-rata ta' negozju l-ġdida dejjem tirrifletti l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ġenerazzjoni attwali ta' PELs. Bidliet fir-rata ta' imgħax applikati għal PELs ġodda huma riflessi fir-rata ta' negozju l-ġdida. Ir-reazzjoni tal-klijenti f'termini ta' bidla fil-portafoll minn depożiti għal żmien twil oħra għal PELs li diġà jeżistu mhijiex riflessa fir-rati ta' negozju l-ġodda iżda biss fir-rati fuq l-ammonti pendenti. Fi tmiem il-perjodu ta' erba' snin, il-klijent jista' jitlob self b'rata bi skont jew iġedded il-kuntratt. Peress li t-tiġdid tal-PEL jitwettaq b'mod awtomatiku mingħajr ebda involviment attiv min-naħa tal-klijent, u peress li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt inkluż ir-rata ta' imgħax mhumiex innegozjati mill-ġdid, f'konformità mal-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34), dan it-tiġdid ma jitqisx negozju ġdid. Mat-tiġdid tal-kuntratt, il-klijent jista' jagħmel depożiti oħra, sakemm l-ammont pendenti ma jaqbiżx massimu ddefinit u l-kuntratt ma jaqbiżx perjodu massimu ta' snin ta' maturità. Jekk jintlaħaq l-limitu jew il-maturità massimu, il-kuntatt jiġi ffriżat. L-unità domestika jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja jżommu d-drittijiet ta' self u xorta jingħataw interess bil-kundizzjonijiet li jkunu jeżistu meta jinfetaħ il-PEL, sakemm il-flus jitħallew fil-ktieb tal-bank. Il-gvern jagħti sussidju f'termini ta' ħlas ta' interessi bħala żieda mar-rata ta' imgħax offruta mill-kreditu jew istituzzjoni oħra. F'konformità mal-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1072/2014 (BĊE/2013/34), hija indikata biss il-parti tal-pagament ta' interess offruta mill-istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni oħra fl-istatistiku dwar ir-rata ta' imgħax tal-MFI. Is-sussidju tal-gvern, li jitħallas permezz iżda mhux mill-istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni oħra, huwa injorat.

11. Ir-rati ta' imgħax negattivi fuq id-depożiti għandhom jiġu inklużi fir-rati ta' imgħax tal-MFI pprovduti li tali rati mhumiex eċċezzjonali filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-suq.

PARTI 16

Statistika tal-pagamenti

Taqsima 1. Rekwiżiti ta' rapportar

Minbarra l-indikaturi speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43), u kif iddikjarat fl-Artikolu 18(1) ta' din il-Linja Gwida, il-BĊNi jirrapportaw informazzjoni addizzjonali meħtieġa skont it-Tabelli 1 sa 7, Din l-informazzjoni hija suġġetta għall-istess tempestività bħalma hu speċifikat għall-indikatur f'dan ir-Regolament. Għal dawk l-indikaturi għal liema mhijiex ipprovduta definizzjoni fir-Regolament, hija inkluża definizzjoni fit-tabella rilevanti.

L-informazzjoni meħtieġa taħt it-tabelli tar-Regolament u ta' din il-Linja Gwida għandha tiġi rrapportata irrispettivament mill-eżistenza attwali tal-fenomenu sottostanti u anki meta jkunu żero. "NC" bi status ta' osservazzjoni M jintuża biex jindika li l-fenomenu ma jeżistix. Għal partiti tal-memorandum, jekk id-dejta, l-istimi jew id-dejta provviżorja attwali ma tistax tiġi pprovduta, il-BĊNi jirrapportaw NC bi status ta' osservazzjoni L.

Tabella 1

Mezzi ta' saldu

Tmiem tal-perjodu sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor; valur f'miljuni ta' EUR

	Valur	Frekwenza
Mezz ta' saldu użat minn dawk li mhumiex MFIs		
Obbligazzjonijiet tal-BĊN		
Depożiti mil-lum għall-għada denominati f'euro		
tal-gvernijiet ċentrali domestiċi	Ġeo 0	M
ta' gvernijiet ċentrali oħra tal-Istati Membri taż-żona tal-euro	Ġeo 0	M
tal-bqija tad-dinja, ħlief il-banek	Ġeo 0	M
Depożiti mil-lum għall-għada denominati f'muniti oħra		
tal-gvernijiet ċentrali domestiċi	Ġeo 0	M
ta' gvernijiet ċentrali oħra tal-Istati Membri taż-żona tal-euro	Ġeo 0	M
tal-bqija tad-dinja, ħlief il-banek	Ġeo 0	M
Obbligazzjonijiet ta' MFIs oħra		
Depożiti mil-lum għall-għada denominati f'euro		
tal-gvernijiet ċentrali domestiċi	Ġeo 0	M
ta' gvernijiet ċentrali oħra tal-Istati Membri taż-żona tal-euro	Ġeo 0	M
tal-bqija tad-dinja, ħlief il-banek	Ġeo 0	M
Depożiti mil-lum għall-għada denominati f'muniti oħra		
tal-gvernijiet ċentrali domestiċi	Ġeo 0	M
ta' gvernijiet ċentrali oħra tal-Istati Membri taż-żona tal-euro	Ġeo 0	M
tal-bqija tad-dinja, ħlief il-banek	Ġeo 0	M
Mezz ta' saldu użat mill-istituzzjonijiet ta' kreditu		
Depożiti mil-lum għall-għada f'euro miżmuma f'istituzzjonijiet tal-kreditu oħra	Ġeo 0	Q
Self fl-istess jum f'euro mill-bank ċentrali (medja għall-aħħar perjodu ta' manutenzjoni tar-riżerva)	Ġeo 0	A

Mezz ta' saldu użat minn dawk li mhumiex MFIs - assi jew dikjarazzjonijiet ta' assi li jistgħu jintużaw minn dawk li mhumiex MFIs għall-pagamenti.

Depożiti mil-lum għall-għada - kif iddefinit fil-"Kategoriji tal-istrumenti" fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

Huma inklużi l-kontijiet kollha, irrispettivament mill-munita li huma denominati fiha, għalhekk, id-"depożiti mil-lum għall-għada denominati f'muniti oħra" huma sottokategorija ta' "depożiti mil-lum għall-għada".

Depożiti mil-lum għall-għada denominati f'muniti oħra - valur tad-depożiti mil-lum għall-għada miżmum minn dawk li mhumiex MFIs f'muniti oħra.

Mezz ta' saldu użat mill-istituzzjonijiet ta' kreditu - assi jew dikjarazzjonijiet ta' assi li jistgħu jintużaw minn istituzzjonijiet ta' kreditu għall-pagamenti.

Self fl-istess jum f'euro mill-bank ċentrali (medja għall-aħħar perjodu ta' manutenzjoni tar-riżerva) - valur totali estiż mill-bank ċentrali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u rimborżat fi ħdan perjodu ta' anqas minn jum ta' negozju wieħed. Din hija l-medja tal-valur massimu ta' kuljum tal-pożizzjonijiet tal-overdrafts simultanji u attwali fl-istess jum jew ġbid mill-faċilitajiet ta' kreditu fl-istess jum matul il-jum għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha flimkien. Fil-medja jitqiesu l-jiem kollha fil-perjodu ta' manutenzjoni, inkluż tmiem il-ġimgħa u l-vaganzi tal-bank.

Tabella 2

Istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' pagament lil dawk li mhuwiex MFIs

Tmiem tal-perjodu; unitajiet oriġinali sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor; valur f'miljuni ta' EUR

	Numru	Valur	Frekwenza
Bank ċentrali			
Numru ta' uffiċċji	Ġeo 0	—	A
Numru ta' depożiti mil-lum għall-għada (eluf)	Ġeo 0	—	A
Istituzzjonijiet ta' kreditu			
li minnhom:			
Istituzzjonijiet ta' kreditu legalment inkorporati fil-pajjiż ta' rapportar			
Numru ta' uffiċċji	Ġeo 0	—	A
Numru ta' istituzzjonijiet	Ġeo 0		A
Valur tad-depożiti mil-lum għall-għada miżmuma minn dawk li mhumiex MFIs f'muniti oħra.	—	Ġeo 0	Q
Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu bbażati fiż-żona tal-euro			
Numru ta' uffiċċji	Ġeo 0	—	A
Numru ta' istituzzjonijiet	Ġeo 0		A
Valur tad-depożiti mil-lum għall-għada miżmuma minn dawk li mhumiex MFIs f'muniti oħra.	—	Ġeo 0	Q
Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu bbażati fiż-ŻEE barra miż-żona tal-euro			
Numru ta' uffiċċji	Ġeo 0	—	A
Numru ta' istituzzjonijiet	Ġeo 0		A
Valur tad-depożiti mil-lum għall-għada miżmuma minn dawk li mhumiex MFIs f'muniti oħra.	—	Ġeo 0	Q
Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux ibbażati fiż-ŻEE			
Numru ta' uffiċċji	Ġeo 0	—	A
Numru ta' istituzzjonijiet	Ġeo 0		A

	Numru	Valur	Frekwenza
Valur tad-depożiti mil-lum għall-għada miżmuma minn dawk li mhumiex MFIs f'muniti oħra.	—	Ġeo 0	Q
Istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi			
Numru ta' istituzzjonijiet	Ġeo 0	—	A
Fornituri tas-servizzi ta' pagament oħra			
Numru ta' istituzzjonijiet	Ġeo 0	—	A
Numru ta' uffiċċji	Ġeo 0	—	A
Numru tad-depożiti mil-lum għall-għada miżmuma minn dawk li mhumiex MFIs f'muniti oħra (eluf)	Ġeo 0	—	A
Valur tad-depożiti mil-lum għall-għada miżmuma minn dawk li mhumiex MFIs		Ġeo 0	Q
Partiti tal-memo:			
Għadd totali ta' istituzzjonijiet ta' ħlas li joperaw fil-pajjiż fuq bażi transkonfinali	Ġeo 0		A
li minnhom:			
☐ numru ta' istituzzjonijiet ta' ħlas li jipprovdu servizzi permezz ta' fergħa stabbilita		Ġeo 0	A
☐ numru ta' istituzzjonijiet ta' ħlas li jipprovdu servizzi permezz ta' aġent		Ġeo 0	A
☐ numru ta' istituzzjonijiet ta' ħlas li jipprovdu servizzi la jistabbilixxu fergħa u lanqas permezz ta' aġent		Ġeo 0	A

It-Tabella 2 tikkumplimenta t-Tabella 1 tar-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43).

Numru ta' istituzzjonijiet - tinkludi l-istituzzjonijiet legalment indipendenti li joperaw fil-pajjiż ta' rapportar. Kull istituzzjonijiet tingħadd darba, irrispettivament min-numru ta' uffiċċji li jkolllha fil-pajjiż.

Numru ta' uffiċċji - numru ta' postijiet ta' negozju fil-pajjiż ta' rapportar. Kull post ta' negozju li huma stabbilit fl-istess pajjiż ta' rapportar jingħadd b'mod separat. Huma inklużi biss dawk l-uffiċċji (irrispettivament mid-daqs u siegħat operattivi) li jipprovdu servizzi ta' ħlas b'ikklerjar u saldu mingħajr flus kontanti, filwaqt li l-uffiċċji mobbli mhumiex inklużi. L-uffiċċju prinċipali tal-istituzzjoni jitqies bħala uffiċċju jekk ikun joffri servizzi ta' ħlas bi kklerjar u saldu mingħajr flus kontanti.

									10	L_CP_SECTOR	Settur tal-kontro-parti CBS	AN1	CL_L_SECTOR	Settur tal-kontroparti CBS
									11	L_CP_COUNTRY	Qasam tal-kontro-parti CBS	AN2	CL_BIS_IF_REF_A-REA	Kodiċi tal-qasam ta' referenza għal BIS-IFS
8	**6**		**8**		7	**8**	**8**	**8**		COUNT_AREA	Qasam tal-kontro-parti	AN2	CL_AREA_EE	Lista ta' kodiċijiet tal-qasam
		7								AMOUNT_CAT	Kategorija tal-ammont	AN1	CL_AMO-UNT_CAT	Lista ta' kodiċijiet tal-kategorija Ammont
9		8	**9**			**9**	**9**	**9**		BS_COUNT_SECTOR	Settur tal-kontro-parti tal-karta tal-bilanċ	AN..7	BS_COUNT_SEC-TOR	Lista tal-kodiċijiet tas-settur tal-kontroparti tal-karta tal-bilanċ
					8					COUNT_SECTOR	Settur tal-kontro-parti	AN2	CL_PS_COUNT_S-ECTOR	Settur ta' riċeviment/ksib tas-sistema ta' ħlas u saldu

		Definizzjoni tal-istruttura tad-dejta (DSD)								Kunċett	Isem ta' kunċett	Valur	Lista ta' kodiċijiet	Isem tal-lista ta' kodiċijiet
BSI	SSI	MIR	OFI	SEC	PSS	IVF	FVC	CBD	CBS (1)	(identifikatur)		format (2)		
ORDNI TA' DIMENSJONI FL-ISPJEGA										DIMENSJONIJIET				
							10			FVC_ORI_SECTOR	Settur oriġinatur tal-korporazzjonijiet li huma veikoli finanzjarji	AN2	FVC_ORI_SEC-TOR	Lista ta' kodiċijiet tas-settur oriġinatur tal-korporazzjonijiet li huma veikoli finanzjarji
10	**7**	**9**	**10**	**7**	**9**	**10**	**11**	**10**		CURRENCY_TRANS	Munita tat-tran-żazzjoni	AN3	CL_CURRENCY	Lista ta' kodiċijiet tal-munita
	8		**11**	**8**	**10**	**11**		**11**		SERIES_DENOM	Denominazzjonijiet tas-serje jew kalkolu speċjali	AN1	CL_SERIES_DE-NOM	Denominazzjonijiet tas-serje jew lista ta' kodiċijiet tal-kalkolu speċjali
11							**12**			BS_SUFFIX	Suffiss tal-karta tal-bilanċ	AN..3	CL_BS_SUFFIX	Lista ta' kodiċijiet tas-suffiss tal-karta tal-bilanċ
				9						SEC_SUFFIX	Suffiss tas-serje f'kuntest tat-titoli	AN1	CL_SEC_SUFFIX	Lista ta' kodiċijiet tas-suffiss tat-titoli
		10								IR_BUS_COV	Kopertura tan-negozju tar-rati ta' imgħax	AN1	CL_IR_BUS_COV	Lista ta' kodiċijiet ta' kopertura tan-negozju tar-rati ta' imgħax

(1) L-istruttura tal-kodiċijiet u d-DSD tal-Istatistika Bankarja Konsolidata Internazzjonali huma komuni għall-pajjiżi ta' rapportar kollha u għandha tkun l-istess bħal dik użata biex tirrapporta d-dejta korrispondenti lill-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS) (www.bis.org/statistics/dsd_cbs.pdf).

(2) Dan jindika n-numru ta' ittri/numri permessi għal kull element tal-listi ta' kodiċijiet (eż. AN.7 tfisser sekwenza alfanumerika twila sa 7 karattri, AN1 tfisser karattru alfanumeriku wieħed).

Frekwenza. Din id-dimensjoni tindika l-frekwenza tas-serje ta' żmien irrapportata. Ir-rekwiżiti ta' skambju tad-dejta speċifiċi huma kif ġejjin.

— għal 'ECB_OFI1' DSD: meta d-dejta nazzjonali tkun disponibbli biss fi frekwenza aktar baxxa, jiġifieri kull sentejn jew kull sena, il-BĊNi jistmaw id-dejta trimestrali. Madankollu, meta l-istimi trimesterali ma jkunux fattibbli, id-dejta tiġi pprovduta bħala serje ta' żmien trimestrali, jiġifieri d-dejta annwali tiġi pprovduta bħala ssssQ4 u d-dejta ta' kull sentejn tiġi pprovduta bħala ssssQ2 u ssssQ4 bit-trimestri li jifdal jew ma jiġux irrapportati jew jiġu rrapportati bħala nieqsa bl-istatus ta' osservazzjoni 'L'.

— għal 'ECB_SEC1' DSD: jekk id-dejta ta' kull xahar meħtieġa ma tkunx disponibbli u ma jistgħu jsiru ebda stimi, allura tista' tintbagħat dejta trimestrali jew annwali.

Qasam ta' referenza. Din id-dimensjoni għandha x'taqsam mal-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni ta' rapportar. Fid-DSD 'ECB_SEC1', tindika l-pajjiż ta' residenza tas-settur ta' emissjoni ([1]).

Indikatur tal-aġġustamenti. Din id-dimensjoni tindika jekk huwiex applikat aġġustament tal-istaġun u/jew aġġustament tal-jum tax-xogħol.

Tqassim tas-settur ta' referenza tal-karta tal-bilanċ. Din id-dimensjoni tirreferi għas-settur ta' rapportar skont it-tqassim iddefinit fil-lista ta' kodiċijiet assoċjati.

Tqassim tas-settur ta' referenza. Din id-dimensjoni tindika s-settur ta' referenza għall-indikaturi finanzjarji settorjali (fid-DSD 'ECB_SSI1').

Settur li joħroġ it-titoli. Din id-dimensjoni tirreferi għas-settur tal-emittenti tat-titoli (fid-DSD 'ECB_SEC1').

Tip ta' informazzjoni PSS. Din id-dimensjoni tirrappreżenta t-tip ġenerali ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kuntest tad-DSD 'ECB_PSS1'.

Strument PSS. Din id-dimensjoni, użata fid-DSD 'ECB_PSS1', tindika t-tip partikolari ta' strument/apparat użat għat-tranżazzjonijiet ta' ħlas, eż. kards b'funzjoni ta' flus kontanti jew trasferimenti ta' kreditu, eċċ.

Punt ta' dħul PSS. Din id-dimensjoni hija marbuta mat-tip ta' terminal jew sistema li permezz tiegħu saret it-tranżazzjoni ta' pagamenti sottostanti. Għall-korrispondenza tas-sistemi ta' ħlas u l-valuri tal-kodiċi tal-punt ta' dħul tal-PSS, ara l-Parti 16 tal-Anness II.

Tip ta' dejta PSS. Fil-kuntest PSS, din id-dimensjoni tagħti l-unità ta' kejl għall-osservazzjoni, jiġifieri jekk għandux jiġi rrapportat numru jew valur għall-partita (eż. numru ta' tranżazzjonijiet għal kull kard, il-valur tat-tranżazzjonijiet għal kull kard, eċċ.).

Settur ta' rapportar ta' intermedjarji finanzjarji oħra. Din id-dimensjoni tindika s-settur tal-istituzzjoni ta' rapportar fi ħdan is-settur OFI.

Settur ta' rapportar tal-fondi ta' investiment. Din id-dimensjoni tindika s-settur tal-istituzzjoni ta' rapportar fi ħdan is-settur IF.

Settur ta' rapportar tal-korporazzjonijiet li huma veikoli finanzjarji. Din id-dimensjoni tindika s-settur tal-istituzzjoni ta' rapportar fi ħdan is-settur FVC.

Tqassim tas-settur ta' referenza CBD. Din id-dimensjoni tindika s-sjieda u t-tip ta' istituzzjoni ta' rapportar (istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi versus sussidjarji jew fergħat ikkontrollati mill-barranin).

([1]) Għall-BĊNi, il-pajjiż ta' residenza tas-settur ta' emissjoni huwa l-pajjiż ta' residenza tal-BĊN.

Daqs tas-settur CBD. Din id-dimensjoni tindika d-daqs tal-istituzzjoni ta' rapportar fir-rigward tal-assi totali tagħha. Japplika biss għall-istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi.

Indikatur finanzjarju strutturali. Din id-dimensjoni hija speċifika għal 'ECB_SSI1' DSD u tirrappreżenta t-tip ta' indikatur finanzjarju strutturali.

Paritita tal-karta tal-bilanċ. Din id-dimensjoni tindika l-partita tal-karta tal-bilanċ tal-MFI kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

Partita tal-karta tal-bilanċ ta' intermedjarji finanzarji oħra. Din id-dimensjoni tindika partita tal-karta tal-bilanċ OFI. L-OFIs jikkonċentraw fuq attivitajiet finanzjarji differenti skont it-tip ta' istituzzjoni, u mhux il-partiti tal-karta tal-bilanċ kollha japplikaw għat-tipi ta' intermedjarji kollha. Għalhekk, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-karti tal-bilanċ huma komuni għat-tipi kollha ta' intermedjarji finanzarji oħra, "assi oħra" u "obbligazzjonijiet oħra" jista' jkollhom definizzjonijiet differenti għal tipi differenti ta' intermedjarji. Fuq in-naħa tal-assi, huma adottati żewġ definizzjonijiet differenti għall-partita "assi oħra": (a) għal negozjaturi tat-titoli u d-derivattivi (SDDs), din il-partita tinkludi self; u (b) għal korporazzjonijiet finanzjarji involuti fis-self (FCLs), il-partita tinkludi depożiti, flus kontanti, ishma ta' fondi ta' investiment, assi fissi u derivattivi finanzjarji. Fir-rigward tal-partita "obbligazzjonijiet oħra": (a) għal SDDs, din il-partita teskludi titoli ta' dejn, kapital u riżervi u derivattivi finanzjarji; u (b) għal FCLs, din il-partita tinkludi derivattivi finanzjarji.

Partita ta' titoli. Din id-dimensjoni tirreferi għall-partiti meħuda mil-lista tal-partiti stabbiliti għall-kontijiet finanzjarji tal-unjoni monetarja (MUFA) f'konformità mal-kunċetti tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet. Tintuża biss għad-DSD 'ECB_SEC1'.

Assi u obbligazzjonijiet tal-fondi ta' investiment. Din id-dimensjoni għandha x'taqsam mal-partita tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-IF kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38).

Assi u obbligazzjonijiet tal-korporazzjonijiet li huma veikoli finanzjarji. Din id-dimensjoni għandha x'taqsam mal-partita tal-assi l-obbligazzjonijiet kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40).

Partita ta' dejta bankarja konsolidata. Id-dimensjoni tindika l-partita tal-iskema ta' rapportar CBD li għandha tiġi rapportata (mid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-banek, il-karta tal-bilanċ u r-rapporti tal-adegwatezza tal-kapital).

Maturità oriġinali. Għad-DSDs ta' 'ECB_BSI1', 'ECB_FVC1', 'ECB_IVF1', 'ECB_CBD1' u 'ECB_OFI1', din id-dimensjoni tindika l-maturità oriġinali tal-BSI. Għad-DSD 'ECB_MIR1', għall-ammonti pendenti, din id-dimensjoni tindika t-tqassim tal-maturità oriġinali jew il-perjodi ta' avviż tad-depożiti jew self; għal partiti jew negozju ġdid, tindika t-tqassim skont il-maturità oriġinali jew il-perjodu ta' avviż fil-każ ta' depożiti u l-perjodu inizjali ta' fissazzjoni fil-każ ta' self.

Valutazzjoni tat-titoli. Din id-dimensjoni tidentifika l-metodu ta' valutazzjoni użat għal statistika dwar l-emissjonijiet ta' titoli fid-DSD 'ECB_SEC1'.

Tip ta' dejta. Din id-dimensjoni tiddeskrivi t-tip ta' dejta rrapportata fid-DSDs 'ECB_BSI1', 'ECB_SSI1', 'ECB_OFI1', 'ECB_IVF1', 'ECB_FVC1' u 'ECB_CBD1'.

Tip ta' dejta MIR. Fid-DSD 'ECB_MIR1', din id-dimensjoni tiddistingwi l-istatistika tar-rata ta' imgħax tal-MFI minn dawk relatati mal-volumi ta' negozju ġdid jew ammonti pendenti.

Tip ta' dejta dwar it-titoli. Din id-dimensjoni tindika t-tip ta' dejta inkluża fl-istatistika dwar l-emissjonijiet tat-titoli fid-DSD 'ECB_SEC1'. L-emissjonijiet netti huma pprovduti biss, jekk l-emissjonijiet u l-fidjiet ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod separat.

Stokk, fluss. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tindika l-istokk jew il-fluss tat-tip ta' dejta tad-dejta li hija rrapportata.

Kodiċi tal-qasam ta' referenza għal BIS-IFS. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tirrappreżenta l-qasam ta' residenza tal-istituzzjonijiet ta' rapportar.

Tip ta' bank CBS. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tirreferi għall-grupp tas-settur ta' rapportar korrispondenti. Għat-trażmissjoni lill-BĊE, għandu jintuża l-kodiċi "4P", jiġifieri, għandha tiġi rrapportata dejta biss għal uffiċċji tal-banek domestiċi li jirreferu għall-gruppi bankarji kbar tas-CBD.

Bażi ta' rapportar CBS. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tirrappreżenta l-bażi ta' reġistrazzjoni ta' talba jew espożizzjoni.

Tip ta' pożizzjoni CBS. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tirrappreżenta t-tip ta' pożizzjoni finanzjarja rreġistrata mid-dejta.

Maturitajiet pendenti CBS. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tirrappreżenta l-maturità tat-talbiet jew l-espożizzjonijiet irreġistrati.

Tip ta' valuta ta' CBS tal-post tal-ibbukkjar. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tirrappreżenta t-tip tal-valuta tal-klejms irreġistrati.

Settur tal-kontropartijiet CBS. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', hija marbuta mat-tqassim settorjali tal-kontroparti għall-pretensjonijiet jew l-espożizzjonijiet irreġistrati.

Qasam tal-kontropartijiet tas-CBS. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għal 'BIS_CBS', tagħti l-pajjiż ta' residenza tal-kontroparti tal-partita rilevanti.

Qasam tal-kontropartijiet. Din id-dimensjoni tagħti l-qasam ta' residenza tal-kontroparti tal-partita rilevanti.

Kategorija tal-ammont. Din id-dimensjoni tagħti l-kategorija tal-ammont tas-self il-ġdid lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji; self ġdid jiġi rrapportat ukoll skont id-daqs tiegħu. Hija rilevanti biss għad-DSD 'ECB_MIR1'.

Settur tal-kontroparti tal-karta tal-bilanċ. Din id-dimensjoni hija marbuta mat-tqassim settorjali tal-kontroparti tal-BSIs.

Settur tal-kontroparti. Din id-dimensjoni, hija ddefinita għad-DSD 'ECB_PSS1', tirrappreżenta t-tqassim tas-setturi tat-tip ta' benefiċjarju (kontroparti) involuti fit-tranżazzjoni tal-pagamenti.

Settur oriġinatur tal-korporazzjonijiet li huma veikoli finanzjarji. Din id-dimensjoni, iddefinita fid-DSD 'ECB_FVC1', tirrappreżenta s-settur ta' min jittrasferixxi (oriġinatur) tal-assi, jew ġabra ta' assi, u/jew ir-riskju tal-kreditu tal-assi jew ġabra ta' assi lill-istruttura tat-titolizzazzjoni.

Munita tat-tranżazzjoni. Din id-dimensjoni tiddeskrivi l-munità li jinħarġu biha t-titoli (għad-DSD 'ECB_SEC1'), jew li huma ddenominati fiha dawn li ġejjin: (a) il-partiti tal-karta tal-bilanċ tal-MFI (għad-DSD 'ECB_BSI1'); (b) l-indikaturi finanzjarji strutturali (għad-DSD 'ECB_SSI1'); (c) id-depożiti u s-self (għad-DSD 'ECB_MIR1'); (d) l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-IF (għad-DSD 'ECB_IVF1'); (e) it-tranżazzjonijiet tal-pagamenti (għad-DSD 'ECB_PSS1'); (f) l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-FVC (għad-DSD 'ECB_FVC1'); (g) il-partiti tal-karta tal-bilanċ OFI (għad-DSD 'ECB_OFI1'); u (h) il-partiti CBD (għad-DSD 'ECB_CBD1').

Denominazzjonijiet tas-serje jew kalkolu speċjali. Din id-dimensjoni tindika l-munita tad-denominazzjoni li fiha huma espressi l-osservazzjonijiet f'serje ta' żmien, jew tispeċifika l-kalkolu sottostanti.

Suffiss tal-karta tal-bilanċ. Din id-dimensjoni, preżenti fid-DSD 'ECB_BSI1', tagħti l-munita tad-denominazzjoni li fiha huma espressi l-osservazzjonijiet f'serje ta' żmien, jew tispeċifika l-kalkolu sottostanti.

Suffiss tas-serje fil-kuntest tat-titoli. Din id-dimensjoni tinkludi t-tipi ta' dejta supplimentari għas-serje derivata. Tintuża biss għad-DSD 'ECB_SEC1'.

Kopertura tan-negozju tar-rati ta' imgħax. Din id-dimensjoni, li hija speċifika għad-DSD 'ECB_MIR1' DSD, tindika jekk ir-rati ta' statistika jirreferux għall-ammonti pendenti jew għal negozju ġdid.

PARTI 4

Attributi

It-taqsimiet ta' hawn taħt jispjegaw fid-dettall l-attributi assoċjati mad-dejta skambjata. Taqsima 1 tiddefinixxi l-attributi għad-DSD inkluż il-format tagħhom u l-livell ta' involviment. Taqsima 2 tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-imsieħba fl-iskambju tad-dejta SEBĊ fil-ħolqien tal-attributi u l-manutenzjoni tagħhom, kif ukoll l-istat tal-attributi. Taqsimiet 3, 4 u 5 jiffukaw fuq il-kontenut tal-attributi ssortjati skont il-livell ta' involviment, rispettivament il-livell ta' parentela, serje ta' żmien u osservazzjoni.

Taqsima 1: Attributi kkodifikati u mhux ikkodifikati fid-DSDs ECB_BSI1, ECB_SSI1, ECB_MIR1, ECB_OFI1, ECB_SEC1, ECB_PSS1, ECB_IVF1, ECB_FVC1, ECB_CBD1 u BIS_CBS

Minbarra d-dimensjonijiet li jiddefinixxu l-ispjegi tas-serje, hija ddefinita serje ta' attributi. L-attributi huma involuti f'diversi livelli tal-informazzjoni skambjata: fil-livell ta' parentela, ta' serje ta' żmien u ta' osservazzjoni. Kif indikat hawn taħt, dawn jieħdu l-valur tagħhom minn listi ddefiniti minn qabel ta' kodiċijiet jew mhumiex kodifikati, u jintużaw biex iżidu spjegazzjonijiet bil-miktub dwar l-aspetti rilevanti tad-dejta.

Il-valuri tal-attributi huma skambjati biss meta jiġu stabbiliti għall-ewwel darba u kull meta jinbidlu bl-eċċezzjoni tal-attributi obbligatorji involuti fil-livell ta' osservazzjoni, li huma involuti ma' kull osservazzjoni u rrapportati f'kull trażmissjoni ta' dejta.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni dwar l-attributi ddefiniti għal kull DSD ikkunsidrat, fil-livell li huma involuti fih, il-format tagħhom u l-isem tal-listi ta' kodiċijiet minn fejn l-attributi kkodifikati jieħdu l-valuri tagħhom.

	Definizzjoni tal-istruttura tad-dejta (DSD)									Kunċett statistiku		Format ([1])	Lista ta' kodiċijiet	
BSI	SSI	MIR	OFI	SEC	PSS	IVF	FVC	CBD	CBS	ATTRIBUTI FIL-LIVELL TA' PARENTELA			*(skambjati permezz tal-grupp FNS)*	
√	√		√	√			√	√		TITLE	Titolu	AN..70	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	UNIT	Unità	AN..12	CL_UNIT	Lista ta' kodiċijiet tal-unità
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	UNIT_MULT	Moltiplikatur tal-unitajiet	AN..2	CL_UNIT_MULT	Lista tal-kodiċijiet tal-moltiplikatur tal-unitajiet
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	DECIMALS	Deċimali	N1	CL_DECIMALS	Lista ta' kodiċijiet tad-deċimali
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	TITLE_COMPL	Komplement tat-titolu	AN..1050	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√			√		NAT_TITLE	Titolu bil-lingwa nazzjonali	AN..350	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	COMPILATION	Kompilazzjoni	AN..1050	*mhux ikkodifikat*	
	√	√	√	√				√	√	KOPERTURA	Kopertura	AN..350	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	SOURCE_AGENCY	Aġenzija tas-sors	AN3	CL_ORGANISATION	Lista ta' kodiċijiet tal-organizzazzjoni
					√					METHOD_REF	Referenza għall-metodoloġija	AN..1050	*mhux ikkodifikat*	
BSI	SSI	MIR	OFI	SEC	PSS	IVF	FVC	CBD	CBS	ATTRIBUTI FIL-LIVELL TAS-SERJE TAŻ-ŻMIEN			*(skambjati permezz tal-grupp FNS)*	
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	COLLECTION	Indikatur tal-ġbir	AN1	CL_COLLECTION	Lista ta' kodiċijiet tal-indikatur tal-ġbir
√	√	√	√	√	√	√	√	√		DOM_SER_IDS	Identifikatur tas-serje domestiku	AN..70	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√			√	√	BREAKS	Interruzzjonijiet	AN..350	*mhux ikkodifikat*	

	Definizzjoni tal-istruttura tad-dejta (DSD)									Kunċett statistiku		Format ([1])	Lista ta' kodiċijiet	
BSI	SSI	MIR	OFI	SEC	PSS	IVF	FVC	CBD	CBS	ATTRIBUTI FIL-LIVELL TAS-SERJE TAŻ-ŻMIEN			*(skambjati permezz tal-grupp FNS)*	
√		√		√		√	√			UNIT_INDEX_BASE	Bażi tal-indiċi ta' unità	AN..35	*mhux ikkodifikat*	
									√	AVAILABILITY	Disponibbiltà	AN1	CL_AVAILABI-LITY	Lista ta' kodiċijiet tad-disponib-biltà
√	√	√	√	√	√	√				PUBL_PUBLIC	Pubblikazzjoni tas-sors	AN..1050	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√	√	√			PUBL_MU	Pubblikazzjoni tas-sors (żona tal-euro biss)	AN..1050	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√					PUBL_ECB	Pubblikazzjoni tas-sors (BĊE biss)	AN..1050	*mhux ikkodifikat*	
BSI	SSI	MIR	OFI	SEC	PSS	IVF	FVC	CBD	CBS	ATTRIBUTI FIL-LIVELL TA' OSSERVAZZJONI			*(skambjati flimkien mad-dejta fis-segment ARR ewlieni ħlief għal OBS_COM li huwa skambjat fil-grupp FNS)*	
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	OBS_STATUS	Status ta' osser-vazzjoni	AN1	CL_OBS_STA-TUS	Lista ta' kodiċijiet tal-istatus ta' osservazzjoni
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	OBS_CONF	Kunfidenzjalità fl-osservazzjoni	AN1	CL_OBS_CONF	Lista ta' kodiċijiet ta' kunfiden-zjalità fl-osservazzjoni
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	OBS_PRE_BREAK	Valur ta' osservazz-joni qabel l-inter-ruzzjoni	AN..15	*mhux ikkodifikat*	
√	√	√	√	√	√	√	√	√	√	OBS_COM	Kumment ta' osser-vazzjoni	AN..1050	*mhux ikkodifikat*	

([1]) Dan jindika n-numru ta' ittri/numri permessi għat-trażmissjoni ta' kull attribut (eż. AN..1050 tfisser sekwenza alfranumerika twila sa 1050 karattru, ANI tfisser karattru alfanumeriku, N1 tfisser numru wieħed).

Taqsima 2: Attributi komuni fil-proprjetajiet għad-DSDs ECB_BSI1, ECB_SSI1, ECB_MIR1, ECB_OFI1, ECB_SEC1, ECB_PSS1, ECB_IVF1, ECB_FVC1, ECB_CBD1 u BIS_CBS: BĊNi li jirrapportaw għall-BĊE ([3])

Kull attribut huwa kkaretterizzat minn ċerti proprjetajiet, li huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt.

	Stat	L-ewwel valur stabbilit, maħżun u mxerred minn… ([1])	Modifikabbli mill-BĊNi
TITLE_COMPL	M	BĊE	Le (*)
NAT_TITLE	C	BĊN	Iva
COMPILATION	C	BĊN	Iva (**)
KOPERTURA	C	BĊN	Iva (**)
METHOD_REF	M	BĊN	Iva
DOM_SER_IDS ([2])	C	BĊN	Iva
BREAKS	C	BĊN	Iva
OBS_STATUS	M	BĊN	Iva
OBS_CONF	C	BĊN	Iva
OBS_PRE_BREAK	C	BĊN	Iva
OBS_COM	C	BĊN	Iva

(*) Jekk BĊN ikun irid jagħmel modifika jkun irid jikkonsulta mal-BĊE, li mbagħad jimplimenta l-bidla.
(**) Il-bidliet huma kkomunikati lill-qasam ta' negozju tal-BĊE responsabbli permezz tal-email.
([1]) Hawnhekk il-BĊE jirreferi għall-Istatistika tad-Direttorat Ġenerali.
([2]) Il-BĊE jirrakkomanda li l-BĊN iwassal dawn il-valuri biex jiżgura komunikazzjoni aktar trasparenti.
([3]) L-attributi kollha speċifikati fit-tabella f'Taqsima 1, li jiġu stabbiliti mill-BĊE, mhumiex koperti f'din it-tabella.
M: *obbligatorju,*
C: *kundizzjonali*

Id-definizzjoni ta' sett ta' attributi li għandu jiġi skambjat flimkien mad-dejta, tippermetti li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali dwar is-serje taż-żmien skambjata. Id-dettalji tal-informazzjoni pprovduta mill-attributi għas-settijiet ta' dejta statistiċi tal-BCE li qegħdin jiġu kkunsidrati huma rrapportati hawn taħt.

Taqsima 3: Attributi fil-livell ta' parentela

Obbligatorju

TITLE_COMPL (Komplement tat-titolu). Din l-attribut jippermetti numru akbar ta' karattri mill-attribwit TITLE u għal din ir-raġuni jieħu post TITLE bħala l-attribut obbligatorju biex jinħażen it-titolu tas-serje.

UNIT (unità)

BSI	Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: EUR
SSI	Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: EUR Għas-serje rrapportati bħala valuri assoluti u għal indiċijiet: PURE_NUMB Għas-serje rrapportati bħala perċentwali: PCT
OFI	Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: EUR
MIR	Għall-volumi tan-negozju: EUR Għar-rati ta' imgħax: PCPA
SEC	Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: EUR
PSS	Għal serje dwar unitajiet oriġinali (Tabella 5 tal-Parti 16 tal-Anness II), numru ta' tranżazzjonijiet (Tabelli 3, 4, 6 u 7 Parti 16 tal-Anness II) u serje dwar il-proporzjonijiet ta' konċentrazzjonijiet (Tabella 6 tal-Parti 16 tal-Anness II): PURE_NUMB Għal serje dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet (Tabelli 3, 4, 6 u 7 tal-Parti 16 tal-Anness II): EUR

IVF	Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: EUR
FVC	Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: EUR
CBD	Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: EUR jew PURE_NUMB (fejn mhija rilevanti l-ebda denominazzjoni tal-munita)
CBS	Għal dejta rrapportata mill-pajjiżi kollha f'dollari US: USD; għad-dejta għal liema mhija rilevanti l-ebda denominazzjoni ta' munita: PURE_NUMB.

UNIT_MULT (multiplikatur tal-unità)

BSI	6
SSI	0
OFI	6
MIR (1)	Għall-volumi tan-negozju: 6 Għar-rati ta' imgħax: 0
SEC	6
PSS	Għal serje dwar l-unitajiet oriġinali ħlief serje dwar it-tranżazzjonijiet (Tabella 5 tal-Parti 16 tal-Anness II): 0 Għal serje dwar tranżazzjonijiet (Tabelli 3, 4, 6 u 7 tal-Parti 16 tal-Anness II, ħlief il-proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni): 6 Għal serje dwar il-proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni (Tabella 6 tal-Parti 16 tal-Anness II): 0
IVF	6
FVC	6
CBD	3
CBS	6

(1) Id-dejta tar-rata ta' imgħax hija sottomessa bħala perċentwali.

DECIMALS (deċimali)

BSI	0
SSI	Għal valuri assoluti: 0 Għal serje tal-indiċi u perċentwali: 4

OFI	0
MIR	Għall-volumi tan-negozju: 0 Għar-rati ta' imgħax: 4
SEC	0
PSS	Serje dwar l-unitajiet oriġinali, ħlief dwar it-tranżazzjonijiet u l-proporzjonijiet ta' konċetrazzjonijiet (Tabella 5 tal-Parti 16 tal-Anness II): 0 Serje dwar it-tranżazzjonijiet u l-proporzjonijiet tal-konċentrazzjonijiet (Tabella 3, 4, 6, u 7 tal-Parti 16 tal-Anness II): 3
IVF	0
FVC	0
CBD	0
CBS	0

METHOD_REF (referenza għall-metodoloġija). Dan l-attribut jintuża biss għas-sett ta' dejta PSS u jindika jekk, għal kull serje ta' żmien jew għal parti minnu, tintuża d-definizzjoni "mtejba" tal-2005 jew definizzjoni preċedenti. Żewġ valuri huma ddefiniti:

PSS	Jintużaw id-definizzjonijiet "imtejba" implimentati fis-sena 2005: '2005'. Jintużaw id-definizzjonijiet implimentati fis-snin preċedenti (2004 jew qabel): "Ta' Qabel".

L-attribut għandu jindika wkoll il-perjodu għal liema tapplika kull definizzjoni. Pereżempju "definizzjonijiet tal-2005 għas-serje sħiħa", "definizzjonijiet tal-2005 mid-dejta li tagħmel referenza għall-2003, definizzjonijiet preċedenti għall-bqija", jew "definizzjonijiet preċedenti sad-dejta li tagħmel referenza għall-2004".

Kundizzjonali

TITLE (titolu). Il-BĊNIi jistgħu jużaw l-attribut TITLE għall-formulazzjoni ta' titoli qosra.

NAT_TITLE (titolu tal-lingwa nazzjonali). Il-BĊNi jistgħu jużaw l-attribut NAT_TITLE biex jipprovdu deskrizzjoni preċiża u speċifikazzjonijiet supplimentari jew distintivi oħra fil-lingwa nazzjonali. Għalkemm l-użu ta' ittri kbar u żgħar ma jikkawżax problema, il-BĊNi huma mitluba li jillimitaw lilhom infushom għas-sett ta' karattri tal-Latin-1. B'mod ġenerali, l-iskambju ta' karattri aċċentati u simboli alfanumeriċi estiżi jeħtieġ li jiġi ttestjat qabel l-użu regolari.

COMPILATION (kompilazzjoni). Għas-settijiet ta' dejta BSI, IVF, FVC u MIR, dan l-attribut jista' jintuża għal spjegazzjoni testwali ulterjuri tal-metodi ta' kompilazzjoni, l-iskemi ta' ppeżar u l-proċeduri statistiċi użati biex tiġi kkompilata s-serje sottostanti, b'mod partikolari jekk ikunu diverġenti mir-regoli u l-istandards tal-BĊE. B'mod ġenerali, l-istruttura tan-noti spjegatori nazzjonali meħtieġa hija kif ġejja:

— sorsi ta' dejta/sistema ta' ġbir tad-dejta,

— proċeduri ta' kompilazzjoni (inkluż deskrizzjoni tal-istimi/suppożizzjonijiet li saru),

— devjazzjonijiet mill-istruzzjonijiet ta' rapportar tal-BĊE (klassifikazzjoni ġeografiċi/settorjali u/jew metodi ta' valutazzjoni),

— informazzjoni relatata mal-qafas legali nazzjonali.

Għas-sett ta' dejta SSI, l-attribut "kompilazzjoni" jinkludi l-informazzjoni dwar il-links għall-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-intermedjarji minbarra l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Għas-sett ta' dejta OFI, għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni ddettaljata tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża taħt dan l-attribut fil-punti 1-5 tan-noti spjegatorji nazzjonali (ara Parti 11 tal-Anness II).

Bl-istess mod, għas-sett ta' dejta SEC, deskrizzjoni ddettaljata tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża taħt dan l-attribut fil-punti 1, 2, 4, 5, 8, 9 u 10 tan-noti spjegatorji nazzjonali (ara Parti 12 tal-Anness II).

COVERAGE (kopertura)

Informazzjoni dwar		Noti
SSI	— kopertura ta' kategoriji differenti ta' intermedjarji — tip ta' intermedjarju għall-indikaturi differenti	— jekk l-istima ntużatx fil-każ ta' kopertura parzjali — indikazzjoni ta' żieda (jekk ikun hemm)
OFI	— kopertura tas-serje totali ta' assi/obbligazzjonijiet — tip ta' OFIs koperti fil-kategoriji ewlenin	— jekk l-istima ntużatx fil-każ ta' kopertura parzjali — indikazzjoni ta' ngrossar (jekk ikun hemm) — irreferi wkoll għall-Parti 11 tal-Anness II (ara noti spejgatorji nazzjonali, punt 6)
MIR	— kriterji ta' stratifikazzjoni, proċedura ta' għażla (probabbiltà ugwali/probabbiltà proporzjonali għad-daqs/l-għażla tal-akbar istituzzjonijiet) fil-każ tal-kampjun	
SEC	— klassifikazzjoni tal-emissjonijiet	— irreferi wkoll għall-Parti 12 tal-Anness II (Taqsima 2 (punt 4) u Taqsima 3 (punt 6))
CBD	— deskrizzjoni tal-popolazzjoni li tirrapporta	— jekk istituzzjonijiet partikolari kienu esklużi minn din il-ġabra — ir-raġunijiet għall-esklużjoni

SOURCE_AGENCY (aġenzija tas-sors). Dan l-attribut sejjer jiġi stabbilit mill-EĊB għal valur li jirrappreżenta l-isem tal-BĊN li jipprovdi d-dejta.

Taqsima 4: Attributi fil-livell tas-serje ta' żmien

Obbligatorju

COLLECTION (indikatur tal-kollezzjoni). Dan l-attribut jipprovdi informazzjoni dwar il-perjodu jew il-punt fiż-żmien fejn jitkejjel serje ta' żmien (eż. fil-bidu, fin-nofs jew fit-tmiem tal-perjodu) jew indikazzjoni ta' jekk id-dejta hijiex medja.

BSI	Għal ammonti pendenti: tmiem il-perjodu (E) Għal serje ta' flussi: is-somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S)
SSI	*Tmiem il-perjodu (E)*
OFI	Għal ammonti pendenti: tmiem il-perjodu (E) *Għal serje ta' flussi: is-somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S)*
MIR	Għal rati ta' imgħax fuq ammonti pendenti: tmiem il-perjodu (E) *Għal rati ta' imgħax fuq in-negozju: medja ta' osservazzjonijet matul il-perjodu (A)* *Għal volumi ta' negozju fuq ammonti pendenti: tmiem il-perjodu (E)* Għal volumi ta' negozju ġodda: is-somma tal-osservazzjonijiet (ingrossar) matul il-perjodu (S)

SEC:	Għal ammonti pendenti: tmiem il-perjodu (E) *Għal serje ta' flussi: is-somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S)*
PSS	Għan-numru ta' parteċipanti u proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni (Tabelli 5 u 6 tal-Parti 16 tal-Anness II): tmiem il-perjodu (E) Għal tranżazzjonijiet ħlief proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni (Tabelli 3, 4, 6 u 7 tal-Parti 16 tal-Anness II): total tal-osservazzjonijiet matul il-perjodu (S)
IVF	Għal ammonti pendenti: tmiem il-perjodu (E) *Għal serje ta' flussi: is-somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S)*
FVC	Għal ammonti pendenti: tmiem il-perjodu (E) *Għal serje ta' flussi: is-somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S)*
CBD	tmiem il-perjodu (E)
CBS	tmiem il-perjodu (E)

Kundizzjonali

DOM_SER_IDS (identifikatur tas-serje domestiku). Dan l-attribut jagħmilha possibbli biex isir referenza għall-kodiċi użata fid-dejtabejż nazzjonali biex tiġi identifikata s-serje korrispondenti (formuli li jużaw kodiċijiet ta' referenza nazzjonali jistgħu jiġu speċifikati wkoll).

UNIT_INDEX_BASE (bażi tal-indiċi tal-unità). Dan l-attribut huwa obbligatorju meta assoċjat għal spjega ta' serje li tesprimi indiċi. Jindika r-referenza ta' bażi u l-valur bażi għall-indiċijiet u jintuża biss għas-serje ta' indiċi ta' stokks nozzjonali derivati mill-BĊE u mxerrda lill-SEBĊ.

BREAKS (interruzzjonijiet). Dan l-attribut jipprovdi deskrizzjoni tal-interruzzjonijiet u bidliet ewlenin maż-żmien fil-kollezzjoni, kopertura ta' rapportar u kompilazzjoni tas-serje. Fejn ikun possibbli, fil-każ ta' interruzzjonijiet, għandha tiġi indikata l-firxa sa liema d-dejta l-ġdida u dik qadima għandha tiġi ikkunsidra.

PUBL_PUBLIC, PUBL_MU, PUBL_ECB (pubblikazzjoni tas-sors, pubblikazzjoni tas-sors (żona tal-euro biss), pubblikazzjoni tas-sors (BĊE biss)). Dawn l-attributi sejrin jiġu stabbiliti mill-BĊE jekk id-dejta hija ppubblikata fil-pubblikazzjoni tal-BĊE, f'pubblikazzjonijiet pubbliċi tal-BĊE jew kunfidenzjali tal-BĊE. Jagħtu referenza (jiġifieri pubblikazzjonijiet, partiti, eċċ.) għad-dejta pubblikata.

Taqsima 5: Attributi fil-livell ta' osservazzjoni

Jekk BĊN ikun jixtieq jirrevedi attribut assenjat fil-livell ta' osservazzjoni, l-osservazzjoni(jiet) rilevanti għandhom jiġu sottomessi mill-ġdid fl-istess ħin. Jekk BĊN jirrevedi osservazzjoni mingħajr ma jipprovdi l-valur ta' attribut rilevanti, il-valuri eżistenti sejrin jiġu sostitwiti mill-valuri predefiniti.

Obbligatorju

OBS_STATUS (Status ta' osservazzjoni). Il-BĊNi jirrapportaw valur tal-istatus ta' osservazzjoni assenjat lil kull osservazzjoni skambjata. Dan l-attribut huwa obbligatorju u għandu jiġi pprovdut b'kull trażmissjoni ta' dejta għal kull osservazzjoni individwali. Meta l-BĊNi jirrevedu l-valur tal-attribut, kemm il-valur ta' osservazzjoni (anki jekk ikun l-istess) u l-indikatur tal-istatus ta' osservazzjoni għandhom jerġgħu jintbagħtu.

Il-lista ta' hawn taħt tispeċifika l-valuri mistennija għal dan l-attribut, skont il-gerarkija maqbula, għall-fini ta' din l-istatistika:

'A' = valur normali (predefinit għal osservazzjoni mhux nieqsa),

'B' = valur tal-interruzzjoni għas-settijiet ta' dejta li ġejjin: SSI, MIRCBD u PSS ([1]),

([1]) Jekk OBS_STATUS jiġi rrapportat bħala 'B' għandu jiġi rrapportat valur taħt l-attribut OBS_PRE_BREAK.

'M' = valur nieqes, id-dejta ma teżistix,

'L' = valur nieqes, id-dejta teżisti iżda ma nġabritx,

'E' = valur stmat ([1]),

'P' = valur proviżorju (dan il-valur jista' jintuża, f'kull trażmissjoni ta' dejta, b'referenza għall-aħħar osservazzjoni disponibbli, jekk din titqies provviżorja).

F'ċirkostanzi normali, il-valuri numeriċi għandhom jiġu rrapportati bl-istatus ta' osservazzjoni 'A' (valur normali) indikat. Inkella, jingħata valur differenti minn 'A' skont il-lista ta' hawn fuq. Jekk osservazzjoni tkun ikkwalifikata minn żewġ karatteristiċi, l-aktar importanti tiġi rrapportata, skont il-ġerarkija indikata hawn fuq.

F'kull trażmissjoni tad-dejta, l-osservazzjonijiet l-aktar riċenti disponibbli jistgħu jiġu rrapportati bħala provviżorji, u indikati bil-valur tal-istatus ta' osservazzjoni 'P'. Dawn l-osservazzjonijiet jieħdu valuri definittivi u huma rrapportati bl-indikatur tal-istatus ta' osservazzjoni 'A' fi stadju aktar tard meta l-valuri riveduti l-ġodda tal-indikaturi tal-istatus ta' osservazzjoni jissostitwixxu dawk provviżorji.

Huma rrapportati valuri neqsin ('-') meta ma jkunx possibbli li jiġi rrapportat valur numeriku (eż. minħabba dejta mhux eżistenti jew peress li ma tinġabarx dejta). Osservazzjoni nieqsa ma għandha qatt tiġi rrapportata bħala 'żero', peress li ż-żero huwa valur numeriku normali li jindika ammont preċiż u validu. Jekk il-BĊNi ma jkunux jistgħu jidentifikaw ir-raġuni għal valur nieqes, jew jekk ma jkunux jistgħu jużaw il-medda sħiħa ta' valuri ppreżentati fil-lista ta' kodiċijiet CL_OBS_STATUS għar-rapportar ta' osservazzjonijiet nieqsa ('L' jew 'M'), għandu minflok jintuża l-valur 'M'.

Meta, minħabba kundizzjonijiet statistiċi lokali, id-dejta minn serje ta' żmien ma tkunx miġbura f'dati speċifiċi jew għat-tul totali tas-serje ta' żminijiet (il-fenomenu ekonomiku sottostanti jeżisti, iżda mhuwiex issorveljat b'mod statistiku), jiġi rrapportat valur nieqes ('-') bi status ta' osservazzjoni 'L' għal kull perjodu.

Meta, minħabba prattiki tas-suq lokali jew il-qafas legali/ekonomiku, serje ta' żmien (jew parti minnha) ma tkunx applikabbli (il-fenomenu sottostanti ma jkunx jeżisti), jiġi rrapportat valur nieqes ('-') bl-istatus ta' osservazzjoni 'M'.

Kundizzjonali

OBS_CONF (kunfidenzjalità tal-osservazzjoni). Il-BĊNi jirrapportaw valur tal-kunfidenzjalità fl-osservazzjoni assenjat lil kull osservazzjoni skambjata. Filwaqt li dan l-attribut huwa ddefinit bħala kundizzjonali fid-definizzjoni strutturali tal-BĊE, għandu jiġi pprovdut f'kull trażmissjoni ta' dejta għal kull osservazzjoni individwali, peress li kull osservazzjoni kunfidenzjali għandha tiġi indikata b'mod xieraq. Meta l-BĊNi jirrevedu l-valur ta' dan l-attribut, kemm il-valur ta' osservazzjoni assoċjat u l-indikatur tal-istatus ta' osservazzjoni (anki jekk jibqa' l-istess) għandhom jerġgħu jintbagħtu.

Il-lista ta' hawn taħt tispeċifika l-valuri mistennija għal dan l-attribut, għall-fini ta' din l-istatistika:

'F' = liberi għall-pubblikazzjoni,

'N' = mhux għall-pubblikazzjoni, ristrett għal użu intern biss,

'C' = informazzjoni kunfidenzjali dwar l-istatistika fis-sens tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98,

'D' = kunfidenzjalità sekondarja stabbilità u ġestita mill-benefiċjarju, mhux għall-pubblikazzjoni,

'D' = kunfidenzjalità sekondarja stabbilità mill-mittent, mhux għall-pubblikazzjoni. **Dan il-kodiċi jista' jintuża mill-BĊNi li diġà jiddifferenzjaw bejn kunfidenzjalità primarja u sekondarja fis-sistemi ta' rapportar tagħhom. Jekk le, il-BĊN ta' rapportar għandu juża 'C' biex jindika l-kunfidenzjalità sekondarja.**

([1]) Għandu jintuża l-istatus ta' osservazzjoni 'E' għall-osservazzjonijiet jew perjodi kollha ta' dejta li huma r-riżultat tal-istimi u ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala valuri normali.

OBS_PRE_BREAK (Valur ta' osservazzjoni qabel l-interruzzjoni). Dan l-attribut fih valur ta' osservazzjoni qabel l-interruzzjoni, li huwa qasam numeriku bħall-osservazzjoni ([1]). B'mod ġenerali, jiġi pprovdut meta jkun hemm interruzzjoni; f'dan il-każ,l-istatus ta' osservazzjoni għandu jiġi stabbilit għal 'B' (valur tal-interruzzjoni).

Għall-fini tas-settijiet ta' dejta BSI, IVF, FVC u OFI, dan l-attribut mhuwiex mitlub peress li din l-informazzjoni hija diġà disponibbli mis-serje ta' riklassifikazzjoni. Din ġiet miżjuda mal-lista tal-attributi peress li hija parti mis-sottosett komuni ta' attributi għas-settijiet ta' dejta kollha.

OBS_COM (Kumment ta' osservazzjoni). Dan l-attribut jista' jintuża biex jipprovdi kummenti testwali fil-livell ta' osservazzjoni (eż. jiddeskrivi l-istima li saret għal osservazzjoni speċifika minħabba nuqqas ta' dejta, fejn tiġi spjegata r-raġuni għal osservazzjoni anormali possibbli jew jingħataw dettalji ta' bidla fis-serje ta' żmien irrapportat).

([1]) L-erba' oġġetti *valur ta' osservazzjoni* flimkien ma' OBS_STATUS, OBS_CONF u OBS_PRE_BREAK huma ttrattati bħala entità waħda. *Dan ifisser li l-BĊNi huma obbligati li jibagħtu l-informazzjoni kumplimentari għal osservazzjoni. (Meta l-attributi ma jiġux irrapportati, il-valuri preċedenti tagħhom jiġu sostitwiti minn valuri predefiniti.)*

ANNESS IV

DERIVAZZJONIJIET TA' TRANŻAZZJONIJIET FIL-KUNTEST TAL-PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ TAL-ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI MONETARJI, IL-FONDI TA' INVESTIMENT U L-ISTATISTIKA TAL-KORPORAZZJONIJIET TAL-VEIKOLI FINANZJARJI

PARTI 1

Deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura għad-derivazzjoni tat-tranżazzjonijiet

Taqsima 1: Pluriennali

1. Il-qafas għad-derivazzjoni tat-tranżazzjonijiet għall-isituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM), il-partiti tal-karti tal-bilanċ (BSI), il-fondi ta' investiment u l-istatistika dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-korporazzjonijiet li huma veikoli finanzjarji (FVC) abbażi tas-sistema Ewropea tal-kontijiet (minn hawn 'il quddiem l-"ESA 2010"). Fejn ikun meħtieġ, isiru devjazzjonijiet minn dan l-istandard internazzjonali kemm fir-rigward tal-kontenut tad-dejta kif ukoll id-denominazzjonijiet tal-kunċett statistiku. Dan l-Anness huwa interpretat skont l-ESA 2010, sakemm ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38), ir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40), jew din il-Linja Gwida, b'mod espliċitu jew b'mod impliċitu tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tagħha.

2. Skont l-EASA 2010, it-tranżazzjonijiet finanzjarji huma ddefiniti bħala l-akkwist nett ta' assi finanzjarji jew t-tiġrib nett ta' obbligazzjonijiet għal kull tip ta' strument finanzjarju, jiġifieri s-somma tat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha li jseħħu matul il-perjodu ta' rapportar rilevanti. [1]. It-tranżazzjonijiet li jkopru kull partita speċifikata fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) u r-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40) huma kkalkolati fuq bażi netta, jiġifieri, m'hemm ebda rekwiżit biex jiġu identifikati t-tranżazzjonijiet finanzjarji gross jew il-fatturat [2]. Il-metodu ta' valutazzjoni għal kull tranżazzjoni għandha tieħu l-valur li bih jinkisbu/jiġu disposti l-assi ta' u/jew jinħolqu, jiġu likwidati jew skambjati l-obbligazzjonijiet. Madankollu, mhumiex permessi devjazzjonijiet mill-ESA 2010.

3. Dan l-Anness jirrevedi l-metodoloġija għat-tranżazzjonijiet ta' derivazzjoni fil-kuntest tal-istatistika BSI, IF u FVC. Din il-parti tiffoka fuq il-kalkolu tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u r-rapportar tal-informazzjoni sottostanti mill-BĊNi, filwaqt li l-Parti 2 tiffoka fuq il-kunċetti ta' aġġustamenti fil-fluss. Il-partijiet 3, 4 u 5 imbagħad jipprovdu informazzjoni speċifika relatata mal-oqsfa ta' kompilazzjoni għall-istatistika BSI, IF u FVC, rispettivament.

Huma pprovduti aktar dettalji u eżempji numeriċi fil-manwali dwar din l-istatistika fuq il-websajt tal-BĊE.

Taqsima 2: Kalkolu tad-dejta tat-tranżazzjonijiet mill-BĊE u r-rapportar mill-BĊNi lill-BĊE

1. Introduzzjoni

1.1 Għall-istatistika BSI u IF, il-BĊE jikkalkola t-trażazzjonijiet billi għal kull partita ta' assi u obbligazzjonijiet, jieħu d-differenza bejn il-pożizzjonijiet tal-istokk fid-dati ta' rapportar fi tmiem il-perjodu u mbagħad ineħħi l-effett tal-iżviluppi li mhuwiex riżultat tat-tranżazzjonijiet, jiġifieri "bidliet oħra". 'Bidliet oħrajn' huma raggruppati f'żewġ kategoriji ewlenin "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" u "aġġustamenti tar-rivalutazzjoni", b'din tal-aħħat tkopri rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezz u r-rati ta' kambju [3]. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jirrapportaw "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" u "aġġustameni tar-rivalutazzjonijiet" lill-BĊE biex b'hekk dawn l-effetti mhux ta' tranżazzjoni jistgħu jitneħħew fil-kalkolu tal-istatistika tal-flussi.

Fil-każ tal-istatistika BSI, il-BĊNi jirrapportaw id-dejta tal-aġġustamenti lill-BĊE skont il-Parti 1 tal-Anness II. L-"aġġustamenti tar-rivalutazzjonijiet" irrapportati mill-BĊNi jikkonsistu mit-tħassir/tniżżil bil-valur tas-self u l-aġġustamenti

(1) Dan huwa skont l-ESA 2010 u standards statistiċi internazzjonali oħrajn.

(2) Madankollu, fil-każ tal-istatistika IF, ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) jitlob rapportar separat ta' emissjoni ġdid u tifdijiet ta' ishma/unitajiet IF matul ix-xahar ta' rapportar.

(3) Id-definizzjoni u l-klassifikazzjoni ta' "bidliet oħra" hija fil-biċċa l-kbira konsistenti mal-ESA 2010. "Riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" hija ġeneralment ekwivalenti għal "bidliet oħra fil-volum tal-assi u l-obbligazzjonijiet" (K.1-K.6, ara l-paragrafi 6.03-25), filwaqt li "rivalutazzjonijiet" tista' tiġi ttrasferita għal "qligħ u telf ta' parteċipazzjonijiet nominali" (K.7, ara l-paragrafi 6.26-64). Għall-istatistika BSI, differenza importanti tikkonċerna l-inklużjoni ta' "tħassir ta' self" fir-"rivalutazzjonijiet" (u speċifikament bħala rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezzijiet), filwaqt li fl-ESA 2010 li ġeneralment jitqiesu bħala "tibdil ieħor fil-volum" (paragrafu 6.14) - bl-eċċezzjoni ta' telf realizzat fuq il-bejgħ ta' self; dan it-telf, li huwa ugwali d-differenza bejn il-prezz tat-tranżazzjoni u l-ammont miżmum tal-karta tal-bilanċ tas-self, għandu jiġi rreġistrat bħala rivalutazzjoni (paragrafu 6.58). L-inklusjoni ta' "tħassir tas-self" fi ħdan ir-"rivalutazzjonijiet" tiddevja wkoll mir-regoli dwar il-pożizzjoni tal-investimenti internazzjonali (i.i.p). Fl-i.i.p. dawn huma ttrattati bħala "aġġustamenti oħra" u mhux bħala "bidliet fil-prezz jew ir-rata ta' kambju". Għal statistika IF, mhuwiex mitlub "tħassir/tniżżil bil-valur" tas-self.

tar-rivalutazzjoni minħabba l-bidliet fil-prezz. L-aġġustamenti tar-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fir-rati ta' skambju huma normalment ikkalkolati mill-BĊE, iżda meta l-BĊNi jkunu f'pożizzjoni biex jikkompilaw aġġustament aktar preċiżi, dawn jistgħu wkoll jibagħtu dawn l-aġġustament lill-BĊE direttament ([1]).

Fil-każ tal-istatistika IF, il-BĊNi jirrapportaw id-dejta tal-aġġustamenti lill-BĊE skont il-Parti 17 tal-Anness II. L-"aġġustamenti tar-rivalutazzjonijiet" irrapportati mill-BĊNi jikkonsistu mill-aġġustamenti tar-rivalutazzjoni minħabba l-bidliet fil-prezz u r-rata ta' kambju.

1.2 Fil-kuntest tal-istatistika FVC, it-tranżazzjonijiet huma rrapportati direttament mill-BĊNi lill-BĊE, aktar milli mill-aġġustamenti tal-flussi. Il-kalkolu tat-tranżazzjonijiet (direttament mill-aġenti ta' rapportar, jew mill-BĊNi) għandu jkun konsistenti mal-approċċ ġenerali għar-riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti u rivalutazzjonijiet oħra pprovduti f'dan l-Anness.

2. Riklassifikazzjonijiet mill-ġdid u aġġustamenti oħra

2.1 Il-BĊNi jikkompilaw dejta dwar "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra", kif meħtieġ minn din il-Linja Gwida, permezz tal-informazzjoni superviżjorja, il-verifiki ta' plawsibbiltà (eż. relatati ma' varjazzjonijiet kbar), rekwiżiti statistiċi nazzjonali, informazzjoni dwar min jissieħeb u min jitlaq mill-popolazzjoni li tirrapporta u kwalunkwe sors ieħor disponibbli għalihom. Il-BĊE mhuwiex mistenni li jagħmel aġġustamenti ex post sakemm il-BĊNi jidentifikaw bidliet drastiċi fid-dejta finali.

2.2 Il-BĊNi jidentifikaw il-bidliet fl-istokks li huma dovuti għar-riklassifikazzjonijiet u jdaħlu l-ammont nett identifikat taħt "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". Żieda netta fl-istokks minħabba r-riklassifikazzjonijiet tiddaħħal b'sinjal pożittiv, tnaqqis nett fl-istokks b'sinjal negattiv.

2.3 Fi prinċipju, il-BĊNi jissodisfaw r-rekwiżiti kollha relatati mar-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" speċifikati f'din il-Linja Gwida. Bħala minimu, il-BĊNi jibagħtu r-"riklassifikazzjonijiet u l-aġġustamenti" kollha 'l fuq minn EUR 50 miljun. Dan il-valur limitu huwa maħsub biex jgħin lill-BĊNi jiddeċiedu jekk jagħmlux aġġustament jew le. Madankollu, meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli minnufih jew ta' kwalità ħażina, tista' ssir deċiżjoni jew biex ma jsir xejn jew biex isiru stimi. Għal din ir-raġuni, hija meħtieġa flessibbiltà fit-tħaddim ta' tali limitu, mhux l-anqas minħabba l-eteroġeneità tal-proċeduri eżistenti għall-kalkolu tal-aġġustamenti. Pereżempju, fejn tinġabar informazzjoni ddettaljata relattiva irrispettivament mil-limitu, jaf ikun kontroproduttiv li jsir tentattiv biex jiġi applikat tali limitu.

3. Aġġustamenti tar-rivalutazzjoni

3.1 Sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti relatati mal-"aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" speċifikati f'din il-Linja gwida, il-BĊNi jista' jkollhom bżonn jikkalkolaw l-aġġustamenti mit-tranżazzjonijiet, dejta dwar titolu b'titolu jew dejta oħra rrapportata mill-popolazzjoni li tirrapporta u/jew jiġi stmat l-aġġustamenti fir-rigward ta' xi wħud mit-tqassim mhux irrapportat mill-popolazzjoni li tirrapporta għaliex mhumiex ikkunsidrati bħala "rekwiżiti minimi".

3.2 L-"aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" huma ġeneralment ikkompilati mill-BĊNi abbażi tad-dejta rrapportata direttament mill-popolazzjoni li tirrapporta. Madankollu, il-BĊNi, jistgħu wkoll ikopru dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar b'mod indirett (eż. bil-ġbir tad-dejta fuq tranżazzjonijiet diretti) u fi kwalunkwe każ huma permessi li jiġbru dejta addizzjonali mill-aġenti ta' rapportar. Irrispettivament minn liema approċċ jintuża fil-livell nazzjonali, il-BĊNi huma mitluba li jissottomettu sett ta' dejta sħiħ lill-BĊE skont il-Parti 1 tal-Anness II għall-istatistika tal-BSI u l-Parti 17 tal-Anness II għall-istatistika IF.

PARTI 2

L-aġġustamenti tal-fluss inġenerali

Taqsima 1: Riklassifikazzjonijiet mill-ġdid u aġġustamenti oħra

"Riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" tinkludi kwalunkwe bidla fil-karta tal-bilanċ tas-settur ta' referenza li tinqala' bħala riżultat ta' bidiet fil-kompożizzjoni u l-istruttura tal-popolazzjoni li tirrapporta, il-bidliet fil-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u l-kontropartijiet, il-bidliet fid-definizzjoniji statistiċi u l-korrezzjoni (parzjali) tal-iżbalji ta' rapportar, li kollha kemm huma jagħtu lok għal interruzzjonijiet fis-serje, u b'hekk jaffettwaw il-komparabbiltà ta' żewġ stokks fi tmiem il-perjodu suċċessivi. Tkabbir taż-żona tal-euro jista' jitqies bħala każ speċjali ta' "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra".

([1]) L-aġġustamenti li jikkorrispondu għall-karta tal-bilanċ proprja tal-BĊE huma rrapportati mid-Direttorat Amministrazzjoni Ġenerali tal-BĊE.

1. Il-bidliet fil-kompożizzjoni tas-settur ta' rapportar

1.1 Il-bidliet fil-kompożizzjoni tas-settur ta' rapportar jistgħu jagħtu lok għat-trasferiment tan-negozju fil-konfini tas-settur ekonomiku. Tali trasferimenti ma jirrappreżentawx tranżazzjonijiet u għalhekk huma trattati bħala aġġustament fir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra".

1.2 Istituzzjoni li tissieħeb is-settur ta' rapportar tista' tittrasferixxi negozju fis-settur, filwaqt li istituzzjoni li titlaq minnu tista' tittrasferixxi n-negozju barra mis-settur. Madankollu, sal-firxa li l-istituzzjoni li tissieħeb tibda n-negozju ex novo tagħha wara li tkun issieħbet fis-settur ta' rapportar, dan jirrappreżenta tranżazzjoni finanzjarja li ma titneħħiex mid-dejta statistika ([1]). Bl-istess mod, fejn istituzzjoni li tkun sejra tnaqqas l-attivitajiet tagħha qabel ma titlaq is-settur ta' rapportar, dan jitqies bħala tranżazzjoni fid-dejta statistika.

1.3 L-effett nett ta' min jissieħeb jew min jitlaq fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet aggregati tas-settur ta' rapportar huwa kkalkolat billi jiġu aggregati l-ewwel assi u obbligazzjonijiet irrapportati minn parteċipanti ġodda u l-aħħar assi u obbligazzjonijiet rrapportati mill-persuni li jħallu u, għal kull partita, it-teħid tad-differenza bejn it-tnejn. Din il-figura netta tiddaħħal taħt "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". F'ċerti ċirkostanzi jista' jkun hemm effetti fuq ir-rapportar tal-kontropartijiet, b'hekk dan l-effett għandu wkoll jiġi inkluż fl-aġġustamenti, f'dan il-każ bħala bidla fis-settur. Pereżempju, jekk MFI iċċedi l-awtorizzazzjoni tagħha imma tkompli topera bħala intermedjarju finanzjarju ieħor (OFI) iffinanzjat permezz tas-suq interbankarju, allura hemm żieda artifiċjali fis-self ta' MFI lil OFIs, li teħtieġ aġġustament (kopert minn "bidliet fil-kontropartijiet tal-klassifikazzjoni").

2. Il-bidliet fl-istruttura tas-settur ta' rapportar

2.1 Il-bidliet fl-istruttura tas-settur ta' rapportar jinqalgħu fil-kuntest tar-riorganizzazzjonijiet ġewwa l-grupp jew il-fużjonijiet, l-akkwiżizzjonijiet u d-diviżjonijiet. Dawn l-operazzjonijiet ta' ristrutturar korporattiv ġeneralment iwasslu għal bidliet fil-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji; aġġustamenti fir-rivalutazzjoni jiddaħħlu biex jirriflettu dawn il-bidliet u għalhekk jippermettu li t-tranżazzjonijiet jiġu derivati b'mod korrett. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ħafna drabi jagħtu lok għat-trasferment ta' assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mill-karta tal-bilanċ ta' unità istituzzjonali waħda lil oħra (bidla fis-sjieda). Il-limitu biex it-trasferimenti tal-assi jiġu indirizzati bħala tranżazzjonijiet huwa ddefinit mill-eżistenza ta' żewġ unitajiet istituzzjonijiet separati li jaġixxu bi ftehim reċiproku. Madankollu, jekk it-tasferimenti jseħħu bħala riżultati tal-ħolqien jew it-tneħħija ta' unità istituzzjonali, dawn għandhom jiġi kkunsidrati bħala "riklassifikazz-jonijiet jew aġġustamenti oħra". B'mod partikolari, jekk fużjoni jew akkwiżizzjoni twassal għall-għajbien ta' waħda jew aktar mill-unitajiet istituzzjonali, il-pożizzjonijiet inkroċjati li eżistew qabel bejn l-istuzzjonijiet amalgamati u li huma netti fiż-żmien meta l-unitajiet ma jibqgħux jeżistu, jisparixxu mis-sistema l-aġġustamenti tar-riklassifikazzjoni għandhom jiġu rrapportati kif xieraq. Diviżjonijiet tal-korporazzjonijiet ittrattati b'mod simmetriku.

2.2 Analiżi aktar iddettaljata tal-bidliet fl-istruttura tas-settur ta' rapportar li jinqalgħu fil-kuntest tar-ristrutturar korporattiv u eżempji numeriċi ddettaljati tista' tinsab fil-materjal ta' gwida pprovdut mill-BĊE, eż il-"Manwal dwar l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI" u l-"Manwal dwar l-istatistika tal-fond ta' investiment".

3. Każijiet oħra ta' "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra"

3.1 Il-bidliet fis-settur tal-klassifikazzjoni jew ir-residenza tal-klijenti jagħtu lok għal riklassifikazzjoni tal-assi/obbligazz-jonijiet vis-à-vis dawn il-kontropartijiet. Tali bidliet fil-klassifikazzjoni jseħħu għal numru ta' raġunijiet eż. peress li entità tal-gvern tibdel is-settur ekonomiku wara privatizzazzjoni, jew peress li l-fużjonijiet/qasmiet jibdlu l-attività prinċipali tal-korporazzjonijiet. Bl-istess mod, il-klassifikazzjoni tal-istrumenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet tista' tinbidel, pereżempju meta s-self isir negozjabbli u għaldaqstant jitqies bħala titoli ta' dejn għal finijiet ta' statistika. Peress li dawn ir-riklassi-fikazzjonijiet jirriżultaw f'bidliet fil-pożizzjonijiet tal-istokks irrapportati iżda ma jirrappreżentawx tranżazzjoni, għandu jiġi introdott aġġustament biex jitneħħa l-impatt tagħhom mill-istatistika.

3.2 Fil-limiti ddefiniti mill-politika ta' reviżjoni, il-BĊNi jirranġaw l-iżbalji ta' rapportar fl-istokk dejta malli jiġu identifikati l-iżbalji. Idealment, il-korrezzjonijiet ineħħu kompletament l-iżball mid-dejta, speċjalment fejn l-iżball jaffettwa perjodu unika jew medda ta' żmien limitat. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma sseħħ ebda interruzzjoni fis-serje. Madankollu, fejn l-iżball jaffettwa d-dejta storika u ma ssir ebda korrezzjoni tad-dejta ta' qabel jew issir għal medda ta' żmien limitat, allura

([1]) Dan il-kriterju japplika f'każijiet estremi. Pereżempju, l-istabbiliment ta' bank ġdid li jieħu f'idejn l-operazzjonijiet li twettqu preċedentement minn uffiċċju rappreżentattiv f'isem bank mhux residenti jagħti lok għal fluss ta' tranżazzjonijiet li ma jitneħħiex mill-fluss statistiku.

sseħħ interruzzjoni bejn l-ewwel perjodu bil-figura korretta u l-aħħar perjodu li fih il-figura inkorretta. F'dan il-każ, il-BĊNi jidentifikaw id-daqs tal-interruzzjoni li sseħħ u jdaħlu aġġustament taħt "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". Għall-implimentazzjoni tal-bidliet tad-definizzjonijiet statistiċi japplikaw prattiki simili li jaffettwaw id-dejta rapportata, kif ukoll għall-korrezzjoni tal-interruzzjonijiet li jistgħu jkunu dovuti għall-introduzzjoni, il-bidla jew l-abbandun ta' metodi ta' ngrossar.

Taqsima 2: Aġġustamenti tar-rivalutazzjoni

1. Tħassir/tniżżil bil-valur tas-self

L-aġġustamenti għal "tħassir/tniżżil bil-valur" jirreferi għall-impatt tal-bidliet bil-valur tas-self irreġistrat fil-karta tal-bilanċ li huwa kkawżat mill-applikazzjoni tat-tħassir/tniżżil bil-valur tas-self. Dan l-aġġustament jirrifletti wkoll il-bidliet fil-livell tal-provvedimenti għat-telf minn self, pereżempju jekk l-istokks pendenti jiġu rreġistrati netti mill-provvedimenti skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Huwa inkluż ukoll it-telf rikonoxxut fiż-żmien meta jsir is-self, jinbiegħ jew jiġi ttrasferit lil parti terza, fejn ikun identifikabbli.

2. Aġġustamenti tar-rivalutazzjoni minħabba bidliet fil-prezzijiet

2.1 L-aġġustament tar-rivalutazzjoni tal-prezz tal-assi u l-obbligazzjonijiet jirreferi għall-varjazzjonijiet fil-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet li jseħħu minħabba bidla fil-prezz b'liema l-assi u l-obbligazzjonijiet huma rreġistrati jew innegozjati. L-aġġustament jinkludi l-bidliet li jseħħu maż-żmien bil-valur tal-istokks ta' tmiem il-perjodu minħabba bidliet bil-valur ta' referenza li jiġu rreġistrati bih il-valur ta' referenza tal-assi u l-obbligazzjonijiet, jiġifieri l-qligħ/telf tal-parteċipazzjoni. Jaf ikun jinkludi wkoll bidliet fil-valutazzjoni minn tranżazzjonijiet fl-assi/obbligazzjonijiet, jiġifieri qligħ/telf realizzat; madankollu; hemm prattiki nazzjonali diverġenti f'dan ir-rigward.

2.2 In-natura u l-firxa tal-"aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" huma ddeterminati skont il-metodu ta' valutazzjoni. Għalkemm huwa rrakkomandat li jiġu rreġistrati ż-żewġ naħat tal-karta tal-bilanċ, fil-prattika tista' tintuża varjetà sħiħa ta' metodi ta' valutazzjoni differenti kemm fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet kif ukoll tal-assi.

Taqsima 3: Aġġustamenti tar-rivalutazzjoni minħabba bidliet fir-rata ta' kambju

1. Għall-fini tas-sottomissjoni tad-dejta statistika lill-BĊE, il-BĊNi jiżguraw li l-pożizzjonijiet tal-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'muniti barranin jinqelbu f'euro fir-rati ta' kambju tas-suq prevalenti fil-jum li tirreferi għalih id-dejta. Għandhom jintużaw ir-rati tal-kambju ta' referenza tal-BĊE ([1]).

2. Iċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju meta mqabbel mal-euro li jseħħ bejn id-dati ta' rapportar fi tmiem il-perjodu jagħti lok għal bidliet bil-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-munita barranija meta espressi f'euro. Peress li dawn il-bidliet jirrappreżentaw il-qligħ/telf ta' parteċipazzjoni u mhumiex tranżazzjonijiet finanzjarji, jeħtieġ li jiġu identifikati l-effetti tal-valutazzjoni biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu esklużi mit-tranżazzjonijiet. L-aġġustamenti tar-rivalutazzjoni minħabba bidliet fir-rata ta' kambju jaf ikunu jinkludu wkoll bidliet fil-valutazzjoni minn tranżazzjonijiet fl-assi/obbligazzjonijiet, jiġifieri qligħ/telf realizzat; madankollu; hemm prattiki nazzjonali diverġenti f'dan ir-rigward.

PARTI 3

Aġġustamenti fil-fluss: karatteristiċi speċjali fl-istatistika BSI

Taqsima 1: Introduzzjoni

1. Fil-każ ta' statistika dwar il-BSI, kull BĊN jissottometti dejta ta' aġġustamenti separata li tkopri l-karta tal-bilanċ tagħha stess u l-karta ta' bilanċ tal-MFIs l-oħra. Aġġustamenti fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE huma kkompilati wkoll mid-Direttorat Finanzi Intern tal-BĊE. Il-BĊNi jissottomettu l-aġġustamenti għall-partiti kollha fuq il-karta tal-bilanċ tal-MFIs skont il-frekwenza indikata fl-Artikolu 3(2) ta' din il-Linja Gwida. F'dan il-proċess, il-BĊNi jistgħu jikkalkolaw u/jew jestimaw l-aġġustamenti għal xi tqassim mhux irrapportat mill-MFIs peress li mhumiex ikkunsidrati "rekwiżiti minimi" fit-Tabella 1A tal-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Parti 1 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida tindika jekk "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" biss jew anki "aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" għandhomx jiġu sottomessi lill-BĊE.

([1]) Ara l-istqarrija għall-istampa tal-BĊE tat-8 ta' Lulju 1998 "L-istabbiliment ta' standards tas-suq komuni", disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

L-aġġustamenti għall-movimenti fir-rati ta' kambju huma kkalkolati mill-BĊE. Għal din ir-raġuni, l-aġġustamenti pprovduti mill-BĊNi fir-rigward tal-bilanċi denominati f'muniti barranin jeskludu l-effett tal-bidliet minħabba r-rata ta' kambju. Il-BĊE jikkalkola l-aġġustamenti tar-rata ta' kambju permezz ta' proporzjonijiet tal-muniti derivati mit-tqassim tal-assi u l-obbligazzjonijiet f'muniti ewlenin li huma disponibbli fit-Tabella 4 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Il-metodu ddettaljat użat biex il-BĊE jikkalkola l-aġġustamenti fir-rata ta' kambju, huwa pprovdut fil-"Manwal dwar l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI". Meta l-BĊNi jkunu f'pożizzjoni li jikkompilaw aġġustamenti aktar preċiżi, dawn jistgħu jibagħtu wkoll dawn l-aġġustamenti lill-BĊE.

2. L-aġġustamenti tal-flussi huma soġġetti għall-istess sistema ta' kontabilità ta' kontroentrati bħala stokks. Fil-każijiet kollha, l-aġġustamenti għandhom kontroparti li, f'ħafna każijiet, x'aktatx li tkun "kapital u riżervi" jew "obbligazzjonijiet li jifdal", skont it-tħaddim jew ir-regoli ta' kontabilità nazzjonali.

3. Fil-kuntest tal-qafas ta' kompilazzjoni tal-BSI, it-tranżazzjonijiet finanzjarji għandhom ġeneralment jitkejlu bil-valur tat-tranżazzjoni, li jaf ma jkunux neċessarjament l-istess bħall-prezz elenkat fis-suq jew il-valur ġust tal-assi meta ssir t-tranżazzjoni. Il-valur tat-tranżazzjoni ma jinkludix imposti fuq is-servizz, tariffi, kummissjonijiet, jew pagamenti simili għal servizzi pprovduti fit-twettiq tat-tranżazzjoni.

4. L-interess u d-depożiti, is-self u t-titoli ta' dejn maħruġa u miżmuma għandhom jiġu rreġsitrati fuq bażi ta' akkumulazzjoni, iżda ma għandhom qatt jiġu rreġistrati bħala tranżazzjoni bl-istrument ikkonċernat. Għal self u depożiti, dan huwa ggarantit mir-rekwiżit speċifikat fil-Parti 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) biex jiġi rreġistrat l-imgħax akkumulat fuq dawn l-istrumenti fl-"assi li jifdal" u l-"obbligazzjonijiet li jifdal". Madankollu, ir-Regolament ma jinkludi ebda regola dwar l-indirizzar tal-imgħax akkumulat fuq it-titoli ta' dejn maħruġa jew miżmuma mill-MFIs. Fil-fatt, l-imgħax akkumulat huwa ħafna drabi intrinsiku għall-prezzijiet tas-suq u diffiċli biex jinfired mill-prezz kontabilistiku kif inhu rrapportat fil-karta tal-bilanċ statistika. Fl-interess ta' dejta koerenti u komparabbli bejn il-pajjiżi, għandha tiġi applikata r-regola li ġejja:

(a) l-imgħax akkumulat huwa intrinsiku għall-prezz kontabilistiku kif inhu rrapportat fil-karta tal-bilanċ statistika, dan għandu jkun suġġett għal aġġustament ta' rivalutazzjoni;

(b) jekk l-imgħax akkumulat huwa eskluż mill-valur tal-istokk tat-titoli li għandu x'jaqsam miegħu fil-karta tal-bilanċ statistiku, huwa kklassifikat taħt "assi li jifdal" jew "obbligazzjonijiet li jifdal", u mhux ikkunsidrat bħala aġġustament tar-rivalutazzjoni.

Dan it-trattament issuġġerit huwa rifless ukoll fir-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti f'din il-Linja Gwida (ara Taqsima 3 tal-Parti 4 tal-Anness II) ([1]).

Taqsima 2: Aġġustamenti tar-rivalutazzjoni

1. Tħassir/tniżżil tal-valur

1.1 Il-BĊNi jirrapportaw lill-BĊE, dejta dwar tħassir/tniżżil bil-valur tas-self skont il-Parti 1 tal-Anness II. Il-BĊNi huma mistennija li jissodisfaw ir-rekwiżiti abbażi tad-dejta rrapportata mill-MFIs. B'mod partikolari, il-BĊNi jiġbru, bħala minimu, ir-rekwiżiti obbligatorji speċfikati fit-Tabella 1A tal-Parti 4 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), iżda jistgħu jiġbru wkoll dejta addizzjonali mhux koperta minn tali rekwiżiti minimi. Sabiex jiġi pprovdut rapport sħiħ lill-BĊE, il-BĊNi huma mistennija jallokaw l-aġġustamenti filwaqt li jitqiesu r-regoli tal-kontabilità dwar is-self ħażin ([2]) u -riskju ta' kreditu relattiv ta' kull settur. Fejn hemm informazzjoni insuffiċjenti biex jiġi allokat l-aġġustament, dan jista' jitqassam f'kategoriji tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) fuq bażi ta' pro rata stabbilita mid-daqs tal-pożizzjonijiet tal-istokks.

([1]) It-trattament ta' imgħax akkumulat fl-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI ma jsegwix l-ESA 2010, li jistipula li "l-interess huwa rreġistrat bħala li jakkumula kontinwament maż-żmien lill-kreditur fuq l-ammont prinċipali dovut" u, speċifikament, bħala tranżazzjoni fi ħdan istrument finanzjarju li għandha x'taqsam miegħu t-tranżazzjoni taħt id-dħul tal-interess fil-kontijiet mhux finanzjarji (paragrafu 5.43). Fil-bilanċ tal-pagamenti u i.i.p., l-akkumulazzjonijiet huma rreġistrati fil-kategorija ta' strumenti rilevanti.

([2]) Dan huwa self fir-rigward ta' liema r-ripagament skada jew inkella huwa identifikat bħala indebolit, b'mod parzjali jew b'mod sħiħ, skont id-definizzjoni ta' inadempjenza fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

1.2 Tniżżil fill-valur li jseħħ meta jiġi titolizzat self (jew inkella ttrasferit) u tħassir/tniżżil bil-valur fuq self b'servizz huwa rrapportat lill-BĊE fuq bażi tal-aqwa sforzi skont it-Tabella 3 tal-Parti 1 tal-Anness II ([1]).

2. Aġġustamenti tar-rivalutazzjoni minħabba bidliet fit-titoli

2.1 Ir-rivalutazzjonijiet tal-prezzijiet jaffettwaw biss medda limitata ta' partiti tal-karta tal-bilanċ: fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, il-partita "titoli tas-sigurtà maħruġa" u, fuq in-naħa tal-assi, "titoli ta' dejn miżmuma", "ekwità" u "ishma/unitajiet tal-fond ta' investiment". Min-naħa tagħhom il-kontrapartijiet jiġu allokati prinċipalment għal "kapital u riżervi" u "obbligazzjonijiet li jifdal". Id-depożiti u s-self għandhom valuri nominali fissi u għalhekk mhumiex suġġetti għal bidliet fil-prezz. Ara l-"Manwal dwar l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI" għal deskrizzjoni ddettaljata tar-rabtiet bejn ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz u l-entrati tal-kontropartijiet tagħhom.

2.2 Fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, ir-rivalutazzjonijiet għal bidliet fil-prezzijiet tat-titoli ta' dejn jibqgħu barra r-"rekwiżiti minimi" stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u għalhekk mhumiex obbligatorji. Fuq in-naħa tal-assi, ir-rekwiżiti minimi għar-rivalutazzjonijiet tal-prezz fuq it-titoli tas-sigurtà miżmuma jkopru biss il-faxxa ta' maturità "aktar minn sentejn", jekk ma tkun disponibbli ebda informazzjoni oħra, wieħed jista' jassumi li huma ugwali għall-ammont totali ta' aġġustamenti tar-rivalutazzjoni tal-prezz fir-rigward tal-parteċipazzjonijiet tat-titoli ta' dejn maħruġa minn kull settur rilevanti.

2.3 Id-daqs tal-kontenut tal-aġġustamenti tar-rivalutazzjoni fuq il-parteċipazzjonijiet ta' titoli jiddependi fuq il-metodu ta' valutazzjoni użat fil-kompilazzjoni tal-karta tal-bilanċ statistika. Għall-fini tal-ġbir ta' din id-dejta, il-BĊNi jistgħu javviċinaw l-aġenti ta' rapportar b'żewġ modi. Approċċ minnhom huwa li l-MFIs ikunu jistgħu jirrapportaw aġġustamenti tar-rivalutazzjoni li mbagħad jiġu aggregati u minbgħuta lill-BĊE. Inkella, il-BĊNi jistgħu jitolbu lill-aġenti ta' rapportar biex jirrapportaw it-tranżazzjonijiet osservati direttament, li minnhom il-BĊNi jidderivaw aġġustamenti fir-rivalutazzjoni li għandhom jintbagħtu (fuq bażi aggregata) lill-BĊE. Il-"Manwal dwar l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI" jipprovdi deskrizzjoni metodoloġika ddettaljata taż-żewġ approċċi u l-metodi ta' kompilazzjoni ammessi korrispondenti.

2.4 Il-BĊNi jistgħu wkoll jiġbru l-informazzjoni statistika meħtieġa dwar it-titoli (eż. il-valur trasferit fuq il-karta tal-bilanċ, il-valur tas-suq, il-bejgħ u xiri) fuq bażi ta' titolu b'titolu, u jidderivaw l-informazzjoni statistika aggregata (inkluż dejta fuq aġġustamenti tar-rivalutazzjoni tal-prezz) skont l-istandards minimi speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

2.5 Fi prinċipju, il-BĊNi huma ristretti għall-metodi ta' hawn fuq. Madankollu, jistgħu jintużaw metodi oħra jekk jintwerew li huma kapaċi li jwasslu dejta ta' kwalità paragunabbli.

Taqsima 3: Aġġustamenti fil-fluss ta' kull xahar - adattamenti speċjali

1. Statistika tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE/BĊN

1.1 Ir-rekwiżiti għall-BĊE/BĊNi ġew immodifikati xi ftit meta mqabbel mar-rekwiżiti ta' MFIs oħra biex jirriflettu l-attivitajiet tal-BĊE/BĊNi. Ċerti partiti tneħħew, jiġifieri mhija meħtieġa l-ebda dejta dwar it-tqassim tar-repos jew depożiti ma' perjodi ta' notifika. Ġew miżjuda termini oħra, jiġifieri fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, "kontroparti tal-SDRs" u, fuq in-naħa tal-assi, "deheb u riċevibbli tad-deheb" u "riċevibbli minn drittijiet ta' ġbid, SDRs, oħrajn", bħala stokks għal dawk il-partiti huma meħtieġa wkoll taħt din il-Linja Gwida. Il-BĊE/BĊNi jissottomettu dejta ta' aġġustament għal kull waħda minn dawn il-partiti.

1.2 Il-BĊE/BĊNi jissottomettu aġġustament skont il-proċeduri deskritti hawn fuq. Madankollu, jistgħu jiġi identifikati xi modifiki:

— ir-riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra: mhux is-sorsi kollha tal-aġġustamenti huma rilevanti; eż il-"bidliet fil-kompożizzjoni tas-settur tar-rapportat" mhumiex applikabbli. B'deroga mill-gwida ġenerali, huwa stabbilit limitu aktar baxx ta' EUR 5 miljuni f'dan il-każ biex tiġi ggarantita l-eżattezza tal-flussi fil-karti tal-bilanċ tal-BĊN,

([1]) Tħassir/tniżżil bil-valur fuq self għal liema l-MFI jaġixxi bħala dak li jagħti servizz jista' jseħħ peress li s-self għadu suġġett għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ, jew fuq il-kontijiet individwali tal-MFI jew fil-livell ta' grupp, u d-dejta ta' servisjar irrapportata lill-BĊN toriġina minn dawn. Dawn jistgħu jseħħu wkoll meta min jagħti s-servizz irid jiddikjara tnaqqis fil-bilanċ tas-self prinċipali għal self indebolit sabiex ikun f'konformità mal-ftehimiet tal-investitur.

— aġġustamenti tar-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezzijiet u r-rati ta' kambju: japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali ħlief fir-rigward tal-BĊE, li jista' jirrapporta direttament l-aġġustamenti tar-rata ta' kambju abbażi tad-dejta tal-kontabilità.

2. Fondi tas-suq tal-flus

2.1 Il-BĊNi jinkludu d-dejta tal-aġġustament dwar il-fondi tas-suq tal-flus (MMFs) meta jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom fir-rigward tar-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" u "aġġustamenti tar-rivalutazzjoni". Dawn l-aġġustamenti huma rrapportati wkoll b'mod separat għall-MMFs skont l-iskema ta' rapportar trimestrali ddedikata.

22 L-Artikolu 9(3) tar-Regolamen (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) jipprovdi li l-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-MMFs kollha jew xi wħud minnhom fir-rigward ta' rapportar ta' xi aġġustamenti tar-rivalutazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-BĊNi huma madankollu mistennija li jipprovdu informazzjoni fuq bażi tal-aqwa sforzi, speċjalment meta l-ammonti involuti huma sinifikanti.

2.3 Il-kalkolu tar-rivalutazzjoni tal-prezz fuq l-assi MMF isegwi l-proċedura komuni applikabbli għall-MFIs kollha. Fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, il-bidliet pożittivi bil-valur tal-ishma/unitajiet MMF kienu tradizzjonalment kkunsidrati bħala tranżazzjonijiet, b'mod parallel mal-ħlas (meta mqabbel mal-akkumulazzjoni) tal-interess fuq id-depożiti, u dan jimplika li l-kontroparti tar-rivalutazzjonijiet fuq in-naħa tal-assi ma jkunux "ishma/unitajiet tal-fondi tas-suq" iżda jibqgħu "obbligazzjonijiet li jifdal". Madankollu, fir-rigward tal-każijiet fejn ikun hemm tnaqqis fil-prezz tal-ishma/unitajiet MMF minħabba telf fl-assi tal-fond, dan ma jistax jitqabbel mal-pagamenti tal-interess. F'dan l-isfond, it-Tabella 1A tal-Parti 4 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) tinkludi rekwiżiti dwar ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz għall-ishma/unitajiet tal-MMF; il-BĊNi huma mitluba li jużaw din il-partita biex jibbilanċjaw ir-rivalutazzjoni tal-prezz fuq in-naħa tal-assi, meta jkun rilevanti. L-allokazzjoni għandha ssir b'tali mod biex tkopri biss ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz attwali li huma riflessi bħala bidliet bil-valur tal-ishma/unitajiet tal-MMF.

3. Assi (u obbligazzjonijiet) tal-gvern ġenerali

Tinġabar stokk dejta għal obbligazzjonijiet u assi ta' depożitu tal-gvern ġenerali. Għall-fini tal-kompilazzjoni tat-tranżazzjonijiet, id-dejta tal-aġġustamenti hija, fi prinċipju, fornita wkoll skont ir-rekwiżiti stabbiliti għall-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI. Fil-prattika, il-bidliet minbarra t-tranżazzjonijiet, jiġifieri minħabba r-rata ta' kambju jew il-bidliet fil-prezz tas-suq, huma improbabbli li jseħħu. Din id-dejta hija rrapportata kif indikata fil-Parti 3 tal-Anness II.

4. Partiti tal-memorandum

L-istokk dejta għat-tqassim tat-titoli ta' dejn maħruġa mill-MFIs skont ir-residenza tad-detentur huma miġbura għall-kalkolu tal-aggregati tal-flus. Sabiex jiġu dderivati t-tranżazzjonijiet, huma kkalkolati l-aġġustament tar-riklassifikazzjoni, l-aġġustamenti tar-rata ta' kambju u l-aġġustamenti tar-rivalutazzjoni għal dawn il-partiti tal-memorandum. Din id-dejta hija rrapportata kif indikata fil-Parti 4 tal-Anness II.

Taqsima 4: Kalkolu tal-flussi tal-aġġustamenti fuq rekwiżiti ta' rapportar trimestrali

1. Il-proċedura għall-kalkolu tat-tranżazzjonijiet trimestrali għall-partiti tal-karta tal-bilanċ tat-Tabella 2 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) hija simili għal dik applikata għad-derivazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' kull xahar għall-partiti tal-karta tal-bilanċ tat-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness I għal dak ir-Regolament. L-aġġustamenti fil-fluss huma kkalkolati skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) Meta jiġi sottomess aġġustament għat-Tabella 1, dan jista' jaffettwa l-partiti ta' tqassim inklużi fit-Tabella 2. Għandha tiġi żgurata konsistenza bejn iż-żewġ settijiet ta' dejta, jiġifieri s-somma tal-aġġustamenti ta' kull xahar għandha tkun ugwali għall-aġġustament tat-trimestru. Jekk jiġi stabbilit valur limitu għall-aġġustament trimestrali, jew l-aġġustamenti trimestrali ma jistgħux jiġu identifikat b'mod sħiħ jew fuq l-istess livell ta' dettall bħall-aġġustament ta' kull xahar, l-aġġustament jiġi kkalkolat biex jiġu evitati diskrepanzi mal-aġġustament irrapportat għad-dejta ta' kull xahar.

(b) Fir-rigward tar-"rivalutazzjoni tal-prezz tat-titoli", jista' jkun hemm inkonsistenzi bejn id-dejta ta' kull xahar u dik trimestrali skont l-approċċ li jiġi segwit biex jiġu dderivati l-aġġustamenti. Il-"Manwal dwar l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI" jipprovdi gwida ddettaljata dwar il-proċedura li għandha tiddaħħal fis-seħħ f'dawk il-każijiet biex tiżgura konsistenza bejn l-aġġustamenti ta' kull xahar u trimestrali.

(c) Jaf ikunu meħtieġa aġġustamenti għat-tabelli trimestrali anki jekk ma jiġi rrapportat ebda aġġustament fit-Tabella 1. Dan huwa l-każ meta ssir riklassifikazzjoni fil-livell trimestrali ta' dettall iżda tiġi kkanċellata fil-livell aktar aggregat ta' kull xahar. Jista' japplika wkoll għall-"aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" meta l-komponenti differenti ta' partita ta' kull xahar jiċċaqalqu f'direzzjonijiet differenti. F'dawn il-każijiet hija żgurata wkoll konsistenza bejn id-dejta ta' kull xahar u trimestrali.

L-istess prinċipji huma applikati għad-derivazzjoni tal-aġġustamenti tal-fluss għall-partiti tal-memorandum miġbura taħt ir-rekwiżiti tal-Partijiet 3 u 4 tal-Anness II.

2. Il-firxa sa liema l-BĊNi jfornu aġġustamenti għall-istatistika trimestrali tiddependi fuq l-abbiltà tagħhom li jidentifikaw jew jestimaw, sa grad raġonevoli ta' preċiżjoni, il-klassifikazzjoni settorjali/tal-istrumenti ddettaljata tal-aġġustamenti eżistenti ta' kull xahar. Fir-rigward tar-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra", l-informazzjoni hija normalmenti disponibbli. B'mod partikolari, il-BĊNi ġeneralment għandhom informazzjoni ddettaljata biżżejjed biex jallokaw faċilment aġġustamenti ta' darba kbar (eż. riklassifikazzjoni minħabba żball ta' rapportar) għal partiti trimestrali speċifiċi. Bl-istess mod, l-aġġustamenti trimestrali minħabba bidliet fil-popolazzjoni li tirrapporta ma jimplikawx diffikultajiet għall-BĊNi. Fir-rigward tal-"aġġustamenti fir-rivalutazzjoni", it-tħassir u r-rivalutazzjonijiet fil-prezz ħafna drabi huma aktar diffiċli biex jinkisbu minħabba n-nuqqas ta' tqassim xieraq fis-sorsi ta' dejta oriġinali. Huwa mistenni li l-"aġġustament tar-rivalutazzjoni" ikun ibbażat, tal-anqas inparti, fuq l-istimi. Il-provvediment tal-istimi huwa akkumpanjat minn noti spjegatorji dwar il-metodu użat (eż. tqassim nieqes huma stmat fuq bażi ta' pro rata permezz ta' stokk dejta).

PARTI 4

Aġġustamenti fil-fluss: karatteristiċi speċjali fi statistika IF

Taqsima 1: Introduzzjoni

1. Għall-istatistika IF, il-BĊNi jissottomettu l-aġġustamenti tar-rivalutazzjonijiet, li jkopru kemm ir-rivalutazzjonijiet minħabba l-bidliet fil-prezzijiet u r-rata ta' kambju u l-aġġustamenti fir-riklassifikazzjoni għall-partiti kollha fuq il-karta tal-bilanċ IF, skont il-frekwenza indikata fl-Artikolu 19. F'dan il-proċess, il-BĊNi jistgħu jikkalkolaw u/jew jestimaw l-aġġustamenti għal xi tqassim mhux irrapportat mill-IFs peress li mhumiex ikkunsidrati "rekwiżiti minimi" fit-Tabella 3 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38).

2. L-aġġustamenti tal-flussi huma soġġetti għall-istess sistema ta' kontabilità ta' kontroentrati bħala stokks. Fil-każijiet kollha, l-aġġustamenti għandhom kontroparti li, f'ħafna każijiet, x'aktarx li tkun "ishma/unitajiet IF maħruġa" jew "obbligazzjonijiet li jifdal", skont it-tħaddim jew regoli ta' kontabilità lokali.

3. Fi prinċipju, tingħata l-gwida li ġejja għall-valuri ta' tranżazzjoni tad-depożiti/self u t-titoli. Il-valur tat-tranżazzjoni tad-depożiti/self u t-titoli jeskludi t-tariffi, eċċ. Il-valur tat-tranżazzjoni ta' depożitu/self jeskludi l-imgħax akkumulat li huwa riċevibbli/pagabbli iżda li għadu ma wasalx jew ma tħallasx. Minflok, l-imgħax akkumulat fuq id-depożiti/self huwa rreġistrat taħt "assi li jifdal" jew "obbligazzjonijiet li jifdal", kif xieraq.

Huwa inkluż imgħax akkumulat fuq it-titoli miżmuma u maħruġa fl-istokk dejta dwar titoli u bil-valur tat-tranżazzjoni.

Taqsima 2: Aġġustamenti tar-rivalutazzjoni

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) jippermetti flessibbiltà f'termini tat-tip ta' dejta meħtieġa biex jiġu kkalkolati l-aġġustamenti tar-rivalutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet u l-għamla li din id-dejta tinġabar u tiġi kkompilata. Id-deċiżjoni dwar il-metodu titħalla f'idejn il-BĊNi.

2. Iż-żewġ opzjonijiet li ġejjin jeżistu għad-derivazzjoni tal-aġġustamenti tar-rivalutazzjoni tat-titoli miġbura fuq bażi ta' titolu b'titolu:

— IFs jirrapportaw informazzjoni dwar kull titolu li tippermetti lill-BĊNi jidderivaw l-aġġustamenti fir-rivalutazzjoni: IFs jirrapportaw lill-BĊNi l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafi 1, 2 u 4 tat-Tabella 2 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) fuq bażi ta' titolu b'titolu. Din l-informazzjoni tippermetti lill-BĊNi jiksbu informazzjoni preċiża dwar l-"aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" li għandhom jiġu sottomessi lill-BĊE. Meta tiġi segwita din l-għażla, il-BĊNi jistgħu jidderivaw l-"aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" skont il-metodu komuni tal-Eurosistema, jiġifieri l-"metodu tad-derivazzjoni tal-flussi", kif deskritt fil-manwal IF li jakkumpanja r-Regolament,

— L-IFs jirrapportaw b'mod dirett tranżazzjonijiet fuq bażi ta' titolu b'titolu lill-BĊN: IFs jirrapportaw l-ammonti akkumulati ta' xirjiet u bejgħ ta' titoli li seħħew matul il-perjodu ta' referenza kif stabbilit fil-paragrafi 1 u 3 tat-Tabella 2 tal-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) fuq bażi ta' titolu b'titolu. Il-BĊNi jikkalkolaw l-"aġġustamenti tar-rivalutazzjonijiet" billi jieħdu d-differenza bejn l-istokks ta' tmiem il-perjodu u jneħħu t-tranżazzjonijiet, u jissottomettu l-aġġustamenti tar-rivalutazzjonijiet lill-BĊE skont din il-Linja Gwida.

3. Għal assi u obbligazzjonijiet minbarra titoli jew għal dawk it-titoli li ma jinġabrux fuq bażi ta' titolu b'titolu, jeżistu ż-żewġ għażliet li ġejjin għad-derivazzjoni tal-aġġustamenti tar-rivalutazzjoni:

— L-IFs jirrapportaw aġġustamenti aggregati: L-IFs jirrapportaw l-aġġustamenti applikabbli għal kull partita, li jirriflettu l-bidliet fil-valutazzjoni minħabba l-bidliet fil-prezz u r-rata ta' kambju ([1]). Il-BĊNi li jagħżlu dan il-metodu jaggregaw l-aġġustamenti rrapportati mill-IFs għas-sottomissjoni ta' dejta lill-BĊE,

— L-IFs jirrapportaw tranżazzjonijiet aggregati: IFs jakkumulaw tranżazzjonijiet matul ix-xahar u jibagħtu l-valur tax-xirjiet u l-bejgħ lill-BĊN. Il-BĊNi li jirċievu dejta tat-tranżazzjonijiet jikkalkolaw l-"aġġustamenti tar-rivalutazzjoni" bħala residwali mid-differenza bejn l-istokks u t-tranżazzjonijiet, u jissottomettu l-aġġustament tar-rivalutazzjoni lill-BĊE skont din il-Linja Gwida.

PARTI 5

Aġġustamenti fil-fluss: karatteristiċi speċjali fl-istatistika FVC

Taqsima 1: Introduzzjoni

Għal statistika dwar l-FVC, il-BĊNi jissottomettu tranżazzjonijiet għall-partiti kollha fuq il-karta tal-bilanċ tal-FVC skont l-Artikolu 20. L-aġenti ta' rapportar jipprovdu t-tranżazzjonijiet kif iddefinit fil-Parti 3 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40) direttament lill-BĊN rilevanti jew, inkella, l-aġenti ta' rapportar jistgħu minflok jipprovdu, bi ftehim mal-BĊN, aġġustamenti tar-rivalutazzjoni u bidliet oħra fil-volum li jippermettu lill-BĊN jidderivaw it-tranżazzjonijiet skont il-prinċipji stabbiliti f'dan l-Anness.

Taqsima 2: Tħassir/tniżżil tal-valur

1. Il-BĊNi jirrapportaw lill-BĊE, id-dejta dwar it-tħassir/tniżżil bil-valur f'self titolizzat skont l-Artikolu 20. Huwa inkluż ukoll tħassir/tnizżil bil-valur rikonoxxut meta jsir self jew dan jiġi ttrasferiti lil parti terza, fejn ikun identifikabbli.

2. Minflok li jipprovdu d-dejta dwar it-tħassir/tniżżil bil-valur, l-aġenti ta' rapportar bi qbil mal-BĊN rilevanti, jipprovdu informazzjoni oħra li tippermetti lill-BĊN jidderiva d-dejta meħtieġa dwar it-tħassir/tinżżil bil-valur.

([1]) Skont l-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38), il-BĊNi jew jiġbru d-dejta dwar ir-rivalutazzjonijiet minħabba l-prezz u r-rata tal-kambju minn IFs jew, inkella, jiġbru biss id-data fuq ir-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezzijiet u d-dejta li tkopri, bħala minimu, tqassim tal-munita fi sterlina Ingliża, dollaru Amerikan, yen Ġappuniż u franks Svizzeri, biex jinġiebu r-rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fir-rata tal-kambju.

ANNESS V

LISTA' TA UNITAJIET ISTITUZZJONALI GĦAL FINIJIET STATISTIĊI

PARTI 1

Immappjar tal-lista tal-attributi tad-Dejtabejż tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD) kontra settijiet ta' dejta speċifiċi miżmuma għal finijiet statistiċi

Attribute name ([a])	Rilevanti fil-kuntest tal-lista ta'							
	MFIs		IFs		FVCs		PSRIs ([b])	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
'Non-industry' IDs								
— RIAD code	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
— Nationals business register	E	d	E	q	E	q	O	a
— EGR code	E	d			E	q		
— LEI (kif ikun disponibbli)	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
'Industry' IDs								
— BIC	E	d						
— ISINs	E	d	**M**	**q**	**M**	**q**		
Isem	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Country of residence	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Address	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Area code	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Legal form	E	d	E	q	E	q	E	a
Flag Listed	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	O	a
Flag Supervised	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Reporting requirements	E	d	E	q	E	q	E	a
Type of licence	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	O	a
Capital variability			**M**	**q**				
UCITS compliance			**M**	**q**				
Legal set-up			**M**	**q**				
Flag Sub-fund			**M**	**q**				
Nature of securitisation					**M**	**q**		
Flag E-money issuer - licence							**M**	**a**
Flag E-money issuer - business							**M**	**a**

Attribute name ([a])	Rilevanti fil-kuntest tal-lista ta'							
	MFIs		IFs		FVCs		PSRIs ([b])	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
Flag Payment service provider - licence							**M**	**a**
Flag Payment service provider - business							**M**	**a**
Flag Payment service operator							**M**	**a**
Comment	O	d	O	q	O	q	O	a
NACE code	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	E	a
Total employment	E	a	O	a	E	a	O	a
Total solo balance sheet (ECB Regulation)	**M**	**a**	E	a	E	a		
Net assets, net asset value	E	a	**M**	a				
ESA 2010	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Sub-sector type	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Birth date	O	d	O	q	O	q	O	a
Closure date	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Flag Activity status	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**
Dejta ta' referenza minima ([a]) mitluba għal								
Originator of FVC					**M**	**q**		
Management company			**M**	**q**	**M**	**q**		
Headquarter of branch	**M**	**d**						

M (obbligatorju), E (imħeġġeġ), O (fakultattiv), vojt (mhux applikabbli)
Frekwenza: a (annwali), q (trimestrali), m (ta' kull xahar) d (kuljum/malli sseħħ bidla).
Puntwalità: għal dejta annwali hija (jekk mhux speċifikat x'imkien ieħor) xahar wara d-data ta' referenza.
([a]) Għal deskrizzjoni u metadejta oħra ara l-Parti 3.
([b]) PSRIs: Istituzzjonijiet rilevanti għall-istatistika tal-pagamenti; jekk jogħġbok innota li l-lista tal-PSRIs tista' tikkoinċidi mal-lista tal-MFIs

PARTI 2

Tipi ta' relazzjonijiet bejn unitajiet organizzattivi

	Tip	Frekwenza ta' aġġor-nament
1. Relazzjonijiet organizzattivi fi ħdan impriża		
Relazzjoni bejn unità/unitajiet legali u impriża.	O	—
2. Relazzjonijiet fi ħdan grupp ta' impriżi		
Relazzjoni tal-kontroll	E ([c])	q
Relazzjoni tas-sjieda	E ([c])	q

	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
3. Relazzjonijiet oħrajn		
Link bejn 'oriġinatur' u l-FVC tiegħu	**M**	**q**
Rabta bejn 'kumpanija ta' ġestjoni' u l-FVC/IF tiegħu	**M**	**q**
Rabta bejn 'fergħa mhux residenti' u l-'kwartieri ġenerali' tagħha	**M**	**d**
Rabta bejn 'sottofond' u 'fond ġeneriku'	**M**	**q**
Rabta ma' predeċessur/suċċessur fil-każ ta' assorbiment/qsim	**M**	**d / q**

([c]) għal 'gruppi bankarji kbar' biss b'kwartieri ġenerali fiż-żona tal-euro (ara l-Artikolu 12)

PARTI 3

Definizzjonijiet u rfinar tal-istruzzjonijiet ta' rapportar

RIAD code	Dan il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku għal kwalunkwe organizzazzjoni fl-RIAD huwa inkluż minn żewġ partijiet: il-'host' u l-'id'. Il-valuri għaż-żewġ partijiet ikkombinati jiżguraw li din l-ispjega primarja hija unika: — Kodiċijiet tal-pajjiż ISO-3166 ta' pajjiżi b'2 numri, — sekwenza libera. *[partita obbligatorju għall-ħolqien ta' entità fl-RIAD]*
Alias identifiers	Lista miftuħa ta' għadd kbir ta' kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jikkonsistu minn identifikaturi li jistgħu jew ma jistgħux jaderixxu ma' kwalunkwe (semi) standard industrijali. Peress li jista' jinkludi kodiċijiet 'nazzjonali', il-lista sħiħa mhijiex obbligatorja għal istituzzjonijiet li jipprovdu dejta. L-eżempji huma kodiċijiet ta' reġistru tan-negozju nazzjonali, il-kodiċi tar-Reġistru tal-Gruppi tal-Euro, l-Identifikatur tal-Entità Legali (kif disponibbli) u l-kodiċi 'BIC'. Sabiex ikun operattiv fl-iskambju ta' dejta bejn NCB u RIAD, l-identifikatur għandu jkun irreġistrat f'lista ta' kodiċijiet speċifikati tas-sistema.
ISIN	'Numru li Jidentifika t-Titoli Internazzjonali' kif iddefinit fl-ISO 6166. Fl-RIAD, il-kodiċi ISIN jidher b'żewġ modi: — fil-każ ta' IFs u FVCs, ir-rekwiżiti ta' rapportar jinkludu l-obbligu li jiġu rrapportati t-titoli pendenti (mhux mifdija) (kollha) maħruġa minn korporazzjoni finanzjarja, — peress li kull titolu maħruġ minn korporazzjoni jidentifika ugwalment l-entità b'mod uniku, kwalunkwe kodiċi ISIN uniku tal-emissjoni (u possibbilment) ishma kkwotati jew titoli ta' dejn pendenti jistgħu jintużaw biex jidentifikaw l-unità organizzattiva nnifisha.

Name	Isem sħiħ tar-reġistrazzjoni, inkluż denominazzjonijiet tal-kumpaniji (eż. Plc, Ltd, SpA, AG, eċċ.).
Country of residence	Pajjiż ta' inkorporazzjoni jew reġistrazzjoni legali. *[partita obbligatorja għall-ħolqien ta' entità fl-RIAD]*

Address	Id-dettalji ta' fejn tinsab unità organizzattiva; fejn ikun applikabbli komposta minn erba' partijiet:
City	— il-belt tal-lokazzjoni,
Address	— l-isem tat-triq u n-numru tal-bini,
Postal code	— il-kodiċi postali, permezz ta' konvezjonijiet tas-sistema postali nazzjonali,
Postal box	— in-numru tal-kaxxa tal-uffiċċju postali, permezz ta' konvenzjonijiet tas-sistema postali nazzjonali.
Area code	Klassifikazzjoni ġeografika meħtieġa għal finijiet statistiċi.
Legal form	Il-qasam tal-forom legali applikabbi isegwi l-listi ta' kodiċijiet nazzjonali individwali applikabbli, li jeħtieġ li jiġu rreġistrati fl-RIAD qabel ma jkunu jistgħu jintużaw fit-trasferiment tad-dejta minn xi BĊNi li jipprovdu d-dejta.
Flag Listed ([d])	Indikatur li jindika jekk unità organizzattiva hijiex elenkata fuq il-borża (domestika jew barra 'l pajjiż) jew l-istokks tagħhom humiex ikkummerċjalizzati permezz ta' kambju; jista' b'mod invers jintuża biex jindika "tneħhija mill-elenkar" ta' entità.
Flag Supervised ([d])	Indikatur li jindika jekk entità hijiex suġġetta għal xi reġim superviżorju fdat lill-awtoritajiet nazzjonali u/jew supranazzjonali.
Reporting requirements	Listi ta' kodiċijiet miftuħa li jistgħu jintużaw biex jirreġistraw f'repożitorju ċentrali li entità hija suġġetta għall-obbligi ta' rapportar nazzjonali u/jew supranazzjonali tiegħu; entità waħda tista' tkun suġġetta għal diversi rekwiżiti. Il-qasam tal-listi ta' kodiċijiet nazzjonali individwali applikabbli li jeħtieġ li jiġu rreġistrati fl-RIAD qabel ma jkunu jistgħu jintużaw fit-trasferiment tad-dejta minn xi BĊN li jipprovdi d-dejta.
Type of licence	L-attribut li jindika jekk entità għandhiex liċenzja (speċifika) kif iċċertifikat mill-awtoritajiet nazzjonali u/jew supranazzjonali. Il-listi ta' kodiċijiet nazzjonali ddettaljati jistgħu jiġu rreġistrati fl-RIAD biex biex issir l-identifikazzjoni ta' reġimi/oqsma ta' liċenzji speċifiċi.

Capital variability	Dan il-varjabbli jispeċifika kwalunkwe restrizzjoni fuq l-ammont tal-ishma li jista' joħroġ fond, jiġifieri jirrappreżenta fond "mingħajr limiti" jew "b'limiti".
UCITS compliance	Indikatur li jispeċifika jekk fond huwiex konformi mal-'UCITS'.
Legal set-up	Dan il-varjabbli jispeċifika l-forma legali li jista' jieħu IF.
Sub-fund	Dan il-varjabbli jispeċifika jekk IF huwiex sottofond.
Nature of securitisation	Dan il-varjabbli jispeċifika it-tip ta' titolizzazzjoni mwettqa minn FVC.
Flag E-money issuer - licence ([d])	Indikatur li jindika jekk entità għandhiex liċenzja speċifika ta' "emittent tal-flus elettroniku" (skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ([1]).
Flag E-money issuer - business ([d])	Indikatur li jindika jekk entità hijiex effettivament twettaq in-negozju ta' 'emittent tal-flus elettroniku'.

Flag Payment service provider - licence ([d])	Indikatur li jindika jekk entità għandhiex liċenzja speċifika ta' "fornitur ta' servizzi tal-pagament" (skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE).
Flag Payment service provider - business ([d])	Indikatur li jindika jekk entità hijiex effettivament twettaq in-negozju ta' 'fornitur ta' servizzi ta' pagament'.
Flag Payment system operator ([d])	Indikatur li jindika jekk entità hijiex "operatur ta' sistema tal-pagamenti" skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43)
Comment	Test liberu.

NACE	Attività prinċipali skont NACE Rev.2 (klassi ta' 4 numri).
Total employment	Numru ta' impjegati; jekk ikun possibbli mkejjel f'"ekwivalenti f'full-time' (FTEs).
Total solo balance sheet (ECB Regulation)	Ammont totali tal-karta tal-bilanċ skont ir-Regolament BSI/IF/FVC rispettiv (denominati f'EUR).
Net assets, NAV	Għal IFs, il-valur tal-"ishma/unitajiet" (NAV); għal istituzzjonijiet ta' kreditu approssimati minn "kapital u riżervi" (denominati f'EUR).
ESA 2010	Is-setturi istituzzjonali tal-ESA 2010 (kodiċi b'4 numri); jistgħu jinkludu l-klassifikazzjoni pubbliċi/privati nazzjonali/ikkontrollati mill-barranin.
Sub-sector type	Espansjoni tal-klassifikazzjoni tal-ESA 2010, li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sottokategoriji tat-tqassim standard tal-Kontijiet Nazzjonali.

Birth date	Data ta' inkorporazzjoni legali ta' unità legali jew reġistrazzjoni ta' unità istituzzjonali; jekk din l-informazzjoni ma tistax tiġi derivata (bi sforz raġonevoli), jeħtieġ li tiġi pprovduta approssimazzjoni. *[partita obbligatorja għall-ħolqien ta' entità fl-RIAD; tista' tkun approssimata]*
Closure date	Data ta' de-reġistrazzjoni ta' entità. L-entitajiet kollha jibqgħu f'RIAD anka wara d-'data ta' għeluq' tagħhom.
ad existence	*Talbiet dwar jekk 'teżistix' unità individwali f'punt speċifiku fiż-żmien (jew le) jistgħu jiġu derivati mid-'data ta' għeluq'.*
Activity status ([d])	Indikatur li jindika jekk entità hijiex '*attiva*', '*mhux attiva*' jew '*f'likwidazzjoni*'; dan l-attribut huwa żieda mal-informazzjoni dwar jekk entità (għadhiex) teżisti(x).
ad liquidation	*Id-data ta' bidu tal-validità tal-valur 'f'likwidazzjoni' (ara 'status ta' attività') timmarka d-data ta' bidu tal-proċess ta' likwidazzjoni.*
ad absorption	*Fl-RIAD, il-qbid korporattiv bħal fużjonijiet u qasmiet huma identifikati billi jiġi rreġistrat it-tħassir, il-modifiki jew il-kreazzjonijiet rilevanti flimkien mar-relazzjonijiet tal-predeċessur/suċċessuri relatati.*

Relationship between legal unit(s) and enterprise	Tippermetti r-reġistrazzjoni tar-relazzjoni bejn unità legali u l-intrapiża li tħaddimha, billi tirrifletti l-kunċett li intrapriża tista' tikkorrispondi jew għal unità legali waħda jew għal kombinazzjoni ta' unitajiet legali.
Control relationship	Rabta bejn unitajiet legali, abbażi tal-kunċett ta' 'kontroll' kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (> 50 % regola ta' sjieda).

Ownership relationship	Rabta bejn l-unitajiet legali, abbażi tal-kunċett ta' perċentwali "sehem tal-kapital", "drittijiet ta' votazzjoni" eċċ. bħal pereżempju rrappreżentat mir-regola > 10 % iddefinita fil-parametru referenzjarju tal-IDB tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp.
Link between a 'sub-fund' and an 'umbrella fund'	Jippermetti r-reġistrazzjoni tar-relazzjonijiet rispettivi jekk fond ġeneriku jissegrega l-assi fis-sottofondi differenti tiegħu b'tali mod li l-ishma/l-unitajiet relatati ma' kull sottofund huma sostnuti indipendentament minn assi differenti (ara r-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38).

Management company	Deskrizzjoni tal-kumpanija ta' ġestjoni rreġistrata ta' fond jew korporazzjoni ta' veikolu finanzjarju - isem, residenza, kodiċi ta' settur istituzzjonali u kodiċi RIAD (għall-unitajiet ta' residenti tal-Unjoni). Jeħtieġ li jkunu marbuta ma' IF(s) jew FVC(s) relatati li l-entità qiegħda timmaniġġja.
Headquarter	Deskrizzjoni tal-kwartieri ġenernali (l-aħħar wieħed) ta' fergħa li topera fi Stat Membru tal-Unjoni - isem, residenza, kodiċi ta' settur istituzzjonali u kodiċi RIAD (għall-unitajiet ta' residenti tal-Unjoni). Jeħtieġ li jiġi marbut mal-fergħa rilevanti stabbilita f'pajjiż tal-Unjoni.
Originator	Deskrizzjoni tal-kumpanija rreġistrata li stabbilixxiet l-FVC għall-fini ta' titolizzazzjoni u ttrasferixxiet l-assi, jew grupp ta' assi, u/jew riskju ta' kreditu tal-assi jew ġabra ta' assi għall-istruttura ta' titolizzazzjoni - isem, residenza, kodiċi settorjali istituzzjonali u kodiċi RIAD (għal unitajiet residenti tal-Unjoni). Jeħtieġ li jkun marbut mal-FVC(s) rilevanti li stabbilixxiet l-entità.

([d]) Għal indikaturi sempliċi, jaf ikunu meħtieġa jiġu pprovduti firxiet ta' validità speċifiċi mal-ewwel darba.

([1]) Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

([2]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, dikjarazzjonijet finanzjarji kkonsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/ŻEE u 83/349/ŻEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

PARTI 4

Trażmissjoni tad-Dejta

Il-BĊNi jistgħu jipprovdu (aġġornamenti ta') dejta ta' referenza online jew f'lott permezz ta' RIAD, skont wieħed mill-formati ppreżentati fid-dokument bl-isem "Speċifikazzjoni tal-Iskambju għas-Sistema ta' Skambju tad-Dejta RIAD". Hija possibbli wkoll l-inserzjoni ta' entitajiet ġodda fl-RIAD (kif ukoll tħassir eċċezzjonali mid-dejtabejż) fuq l-internet jew f'lottijiet.

L-RIAD jieħu approċċ li jibża għall-flus għall-ġestjoni tad-dejta ta' referenza, li jfisser li kwalunkwe bidla fid-dejta ta' referenza ta' entità individwali tista' tiġi applikata għal attributi (uniċi) speċifiċi. Ħlief fil-każ ta' żball materjali, ma jitħassar ebda unità rreġistrata fl-RIAD; it-tul ta' ħajja tagħha hija ddeterminata billi tiddaħħal dejta ta' ħolqien jew għeluq. Huma implimentati modifiki ta' attributi uniċi permezz tal-bidla (tal-medda tal-validità) ta' valuri speċifiċi.

ANNESS VI

REKWIŻITI TA' RAPPORTAR TAL-DEJTA B'LURA

1. **Rekwiżti ta' ESA 2010 – dejta b'lura jew stimi trimestrali għal blokok tal-bini ta' MFS (stokks u flussi** [1] **dejta)**

Tabella 1: Rekwiżiti mir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33)		Dejta meħtieġa
1	Self mogħti lil: (a) is-sottosetturi tal-MFI (b) gvern ġenerali u FVCs b'analiżi tal-maturità	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja)*
2	Tqassim tal-ishma u ekwità oħra: (a) għal emittenti ta' MFI totali, mhux MFI totali u l-bqija tad-dinja, tqassim tal-'ishma u ekwità oħra' fi: 'ishma kkwotati', 'ishma mhux ikkwotati' u 'ekwità oħra' (b) għal intermedjarji finanzjarji oħra ta' sottosetturi mhux tal-MFI (OFIs), korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (ICs), fondi tal-pensjoni (PFs) u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFCs): tqassim tal-'ishma u ekwità oħra' fi: 'ishma elenkati', 'ishma mhux elenkati' u 'ekwità oħra'	Dejta b'lura lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja)*
3	It-tqassim tad-depożiti rċevuti mis-sottosetturi tal-MFIs: ċifri totali tad-depożiti għal kull (sotto) settur tal-kontropartijiet mhux tal-MFIs (ġodda) u depożiti mil-lum għall-għada għall-gvern ċentrali, biex tingħata ħarsa ġenerali aħjar fis-sottosetturi kollha mhux tal-MFIs	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja ħafna)*
4	Tqassim tad-derivattivi finanzjarji: skont is-settur (MFIs/non-MFIs) u ż-żona ġeografika (domestika/Stati Membri oħra taż-żona tal-euro/il-bqija tad-dinja)	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità baxxa)*
5	Settur OFIs - identifikazzjoni separata tal-IFs	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja)*
6	Setturi OFIs ġodda - sottosetturi amalgamati S.125-S.127 u kumpaniji azzjonarji tal-NFCs	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja ħafna)*
7	Qsim tas-settur tal-ICPFs attwali fis-settur ICs u s-settur PFs	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja)*

[1] Hija indikata prijorità aktar baxxa għal sforzi addizzjonali biex jiġu stmati l-aġġustamenti għall-back data tal-ESA 2010 għal perjodi qabel 2014Q2, speċjalment fil-każijiet fejn l-eżerċizzju tas-sejba tal-fatti tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika Monetarja u Finanzjarja li kwalunkwe stima tkun jew ta' kwalità baxxa jew tirriżulta minn differenza fl-istokks.

Tabella 2: Rekwiżiti mir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38)		Dejta meħtieġa
1	Setturi tal-ESA 2010: identifikazzjoni separata tas-settur tal-fondi ta' investiment	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja)*
2	Setturi tal-ESA 2010: fużjoni tas-settur OFI l-ġdid	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità għolja ħafna)*

Tabella 3: Rekwiżiti mir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40)		Dejta meħtieġa
1	Self titolizzat - tqassim tas-settur	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi *(prijorità baxxa)*

2. **Back data jew stimi għall-karatteristiċi ta' prijorità għolja li ġejjin adottati fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) minn Ġunju 2014**

Tabella 4: Rekwiżiti mir-Regolament (BĊE/2013/33)		Dejta meħtieġa
1	Self ta' kull xahar mogħti lil: (a) is-sottosetturi tal-MFI (b) gvern ġenerali u FVCs b'analiżi tal-maturità	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
2	Dejta ta' kull xahar dwar il-bejgħ b'self u t-titolizzazzjoni	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
3	Dejta ta' kull xahar dwar it-tqassim tad-depożiti: (a) irċevuta mis-sottosetturi tal-MFI (b) ċifri totali tad-depożiti għal (sotto)setturi tal-kontroparti mhux tal-MFI (ġodda) u depożiti mil-lum għal għada għall-gvern ċentrali	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
4	Interess akkumulat totali għal kull strument tal-karta tal-bilanċ, is-self, it-titoli ta' dejn miżmuma, id-depożiti u t-titoli ta' dejn maħruġa, fuq bażi trimestrali	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
5	Dejta ta' kull xahar dwar is-settur tal-OFI - identifikazzjoni separata tal-IFs	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
6	Dejta ta' kull xahar dwar is-settur OFI l-ġdid - sottosetturi amalgamati S.125-S.127 inkluż kumpaniji azzjonarji tal-NFCs	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
7	Dejta ta' kull xahar dwar il-qasma tas-settur attwali tal-ICPF fis-setturi IC u PF	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
8	Dejta ta' kull xahar dwar il-linji ta' kreditu maqsuma skont is-settur tal-kontroparti	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi
9	Dejta ta' kull xahar dwar il-pożizzjonijiet ġewwa l-grupp	Dejta b'lura jew stimi għall-istokks u d-dejta tal-flussi

3. **Dejta b'lura jew stimi għall-karatteristiċi l-ġodda li ġejjin adottati fir-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34) u din il-Linja Gwida minn Ġunju 2014**

Tabella 5: Rekwiżiti mir-Regolament (BĊE/2013/34) u din il-Linja Gwida		Dejta meħtieġa
1	Dejta ta' kull xahar dwar tqassim ġdid mill-maturità li jifdal u ssettjar mill-ġdid tar-rata ta' imgħax għal MIR fuq ammonti pendenti	Dejta b'lura jew stimi għal rati ta' imgħax
2	Dejta ta' kull xahar dwar analiżijiet ġodda mis-self rinegozjati għal MIR	Dejta b'lura jew stimi għal rati ta' imgħax u volumi

GLOSSARJU

Attributi huma kunċetti statistiċi li jipprovdu lill-utenti b'informazzjoni addizzjonali kkodifikata (eż. l-unità) u mhux ikkodifikata (eż. il-metodu tal-kumpilazzjoni) dwar dejta skambjata. "Obbligatorju" tapplika għall-attributi li jrid ikollhom valur, inkella l-osservazzjonijiet li għalihom jirreferu jitqiesu bla tifsira. "Kundizzjonat" tapplika għall-attributi li huma ddefiniti biss jekk ikunu disponibbli fl-istituzzjoni li tirrapporta (eż. identifikazzjoni ta' serje domestika) jew kull meta jkunu relevanti (eż. kumpilazzjoni, waqfiet, eċċ.), u jista' jkollhom valuri vojta.

Awżiljari finanzjarji jikkonsistu fil-korporazzjonijiet finanzjarji u l-kważi-korporazzjonijiet li jkunu involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li huma nfushom mhumiex intermedjarji finanzjarji. L-uffiċċji prinċipali li s-sussidjarji tagħhom huma kollha jew fil-parti l-kbira tagħhom korporazzjonijiet finanzjarji huma wkoll awżiljari finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95-2.97).

"**Bank ċentrali**" huwa korporazzjoni finanzjarja u kważi-korporazzjoni li l-funzjoni prinċipali tagħha hija l-ħruġ tal-munita, iż-żamma tal-valur intern u estern tal-munita u l-kontroll tar-riżervi internazzjonali kollha tal-pajjiż. jew ta' parti minnhom.

Bonds b'kupun żero jinkludu kull ħruġ mingħajr pagament b'kupun. Normalment kupuni bħal dawn jinħarġu bi skont u jinfdew bil-valur nominali. Dawn jinkludu wkoll bonds maħruġa bil-valur nominali u mifdija bi primjum, eż. bonds li l-valur ta' fidi tagħhom ikun marbut ma' rata ta' kambju jew indiċi. Il-biċċa l-kbira tal-iskont jew primjum jirrappreżentaw l-ekwivalenti tal-imgħax akkumulat matul ħajjet il-bond.

Bonds globali huma bonds li jinħarġu simultanjament fis-suq domestiku u f'dak Ewropew.

Bonds maħruġin privatament huma bonds ristretti bi ftehim bilaterali għal ċerti investituri, jekk il-bonds ikunu ta' mill-inqas potenzjalment trasferibbli.

Bonds subordinati, spiss imsejħa dejn subordinat, jipprovdu pretensjoni sussidjarja fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ li tista' tiġi eżerċitata biss wara li l-pretensjonijiet kollha bi status ogħla (eż. depożiti/self jew titoli ta' dejn ta' livell ogħla) ikunu ġew sodisfatti, li f'ċerti ċirkostanzi jista' jagħtihom xi wħud mill-karatteristiċi ta' "ishma u ekwità oħra".

Ċekk huwa ordni bil-miktub minn parti waħda (it-traent) lil persuna oħra (it-trattarju; normalment istituzzjoni ta' kreditu) li teħtieġ li t-trattarju jħallas somma speċifikata fuq talba lit-traent jew lil terza persuna speċifikata mit-traent.

Depożiti b'maturità miftiehma huma depożiti li mhumiex trasferibbli li ma jistgħux jinqalbu f'munita qabel terminu fiss miftiehem jew li jistgħu jinqalbu biss f'munita qabel dak it-terminu miftiehem, iżda d-detentur għandu jħallas xi tip ta' penali. Prodotti finanzjarji b'dispożizzjonijiet roll-over iridu jiġu kklassifikati skont il-maturità li tagħlaq l-ewwel. Għalkemm depożiti b'maturità miftiehma jista' jkollhom il-possibiltà li jinfdew aktar kmieni wara notifika minn qabel, jew jistgħu jinfdew mat-talba bla ħsara għal ċerti penali, dawn il-karatteristiċi mhumiex meqjusa bħala rilevanti għal għanijiet ta' klassifikazzjoni.

Depożiti li jinfdew b'avviż huma depożiti li mhumiex trasferibbli mingħajr ebda maturità miftiehma, li ma jistgħux jinqalbu f'munita mingħajr perjodu ta' avviż preċedenti, li qabel it-terminu tiegħu il-konverżjoni fi flus kontanti ma tkunx possibbli jew tkun possibbli biss soġġett għal penali. Dawn jinkludu depożiti li, għalkemm forsi jistgħu jiġu rtirati legalment mat-talba, ikunu suġġetti għal penali u restrizzjonijiet skond il-prattika nazzjonali (klassifikata fil-faxxa ta' maturità "li twassal sa u tinkludi tliet xhur"), u kontijiet ta' investimenti mingħajr perjodu ta' avviż jew maturità miftiehma, imma li fihom dispożizzjonijiet restrittivi ta' ħrug ta' flus (klassifikati fil-faxxa ta' maturità ta' "aktar minn tliet xhur").

Depożiti oħrajn huma kull investiment f'depożiti minbarra depożiti trasferibbli. Depożiti oħrajn ma jistgħux jintużaw biex isiru pagamenti fi kwalunkwe ħin u huma konvertibbli biss f'valuta jew depożiti trasferibbli soġġett għal tnaqqis sinifikanti jew penali. Din is-subkategorija tinkludi depożiti b'terminu, depożiti ta' tfaddil, eċċ.

Depożiti ta' bil-lejl huma depożiti li jistgħu jinqalbu f'valuta u/jew li huma trasferibblimat-talba permezz ta' ċekk, ordni bankarja, dħul ta' dejn jew mezz simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Bilanċi li jirrappreżentaw ammonti mħallsa bil-quddiem fil-kuntest ta' flus elettroniċi, jew fil-forma ta' flus elettroniċi bbażati fuq ħardwer (eż. kards imħallsa bil-quddiem) jew fil-forma ta' flus elettroniċi bbażati fuq softwer maħruġa minn MFSs, huma inklużi. Depożiti mhux trasferibbli, li teknikament jistgħu jinġibdu fuq talba iżda li huma soġġetti għal penali sinifikanti, huma esklużi.

Depożiti trasferibbli huma depożiti ta' matul il-lejl li huma trasferibbli direttament fuq talba biex jagħmlu pagamenti lil aġenti ekonomiċi oħra permezz ta' mezzi ta' pagament użati normalment, bħal trasferiment ta' kreditu u debitu dirett, possibbilment ukoll permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu, tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi, ċekkijiet, jew mezzi simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali.

Derivattivi finanzjarji huma strumenti finanzjarji li huma marbuta ma' strument finanzjarju, jew indikatur jew kommodita speċifikati, li permezz tagħhom riskji finanzjarji speċifiċi jistgħu jkunu nnegozjati fi swieq finanzjarji bħala tali.

Ekwità oħra tinkludi t-tranżazzjonijiet kollha li m'humiex koperti minn ishma kkwotati u mhux ikkwotati.

Emittenti mhux residenti jikkonsistu f'unitajiet li: (a) jinsabu fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta, iżda li ma jkunux u ma jkollhomx il-ħsieb li jwettqu attivitajiet jew transazzjonijiet ekonomiċi għal perjodu ta' sena jew aktar fit-territorju tal-pajjiż li jirrapporta; jew (b) jinsabu barra t-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta.

Emittenti ta' titoli huma dawk il-korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet involuti fil-ħruġ ta' Titoli u li jassumu obbligu legali lejn id-detenturi ta' dawn l-istrumenti skont it-termini tal-ħruġ.

Eurobonds huma bonds, li jitpoġġew simultanjament fis-suq ta' tal-anqas żewġ pajjiżi u li jkunu ddenominati f'munita li mhux bilfors tkun dik ta' xi wieħed minnhom, normalment permezz ta' sindikat internazzjonali ta' korporazzjonijiet finanzjarji minn bosta pajjiżi.

Fergħa ta' attività hija attività ekonomika inkluża fil-klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni – NACE Rev.2. ([1])

Fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu tfisser il-post tan-negozju, minbarra l-uffiċċju prinċipali, li jkun jinsab fil-pajjiż li jirrapporta u jkun ġie stabbilit minn istituzzjoni ta' kreditu li tkun inkorporata legalment f'pajjiż ieħor. Kull post ta' negozju stabbilit fil-pajjiż tar-rappurtar mill-istess istituzzjoni inkorporata legalment f'pajjiż ieħor, jikkostitwixxu fergħa waħda. Kull wieħed minn dawn il-postijiet tan-negozju jingħadd bħala uffiċċju individwali (ara **Uffiċċju**).

Fergħat huma entitajiet mhux inkorporati, mingħajr status legali indipendenti, li jkunu kollha proprjetà tal-parent

Flus elettroniċi tfisser valur monetarju maħżun b'mod elettroniku, inkluż b'mod manjetiku, kif irrappreżentat minn talba kontra l-emittent maħruġa mar-riċeviment ta' fondi bil-għan li jsiru tranżazzjonijiet ta' pagament kif iddefiniti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2007/64/KE, u aċċettat minn persuna fiżika jew ġuridika apparti mill-emittent tal-flus elettroniċi.

Flus elettroniċi bbażati fuq ħardwer jinkludu prodotti ta' flus elettroniċi li jipprovdu lill-konsumaturi bi strument elettroniku portabbli, tipikament kard b'ċirkwit integrat li tkun tinkludi ċippa ta' mikroproċessur (eż. kards imħallsa bil-quddiem).

Flus elettroniċi bbażati fuq software tirreferi għal prodotti ta' flus elettroniċi li jużaw software speċjalizzat fuq kompjuter personali u tipikament jistgħu jintużaw biex jiġi ttrasferit il-valur elettroniku permezz ta' netwerks tat-telekomunikazzjoni bħall-Internet.

([1]) Kif stipulat fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'l- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar oqsma speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Flussi, imsejħa wkoll transazzjonijiet (finanzjarji), huma kkalkolati billi tittieħed id-differenza bejn stokks ta' tmiem ix-xahar u mbagħad jitneħħew dawk l-effetti li ma jirriżultawx minn transazzjonijiet. Żviluppi li mhumiex transazzjoni għandhom jitneħħew permezz ta' aġġustamenti tal-fluss.

Fondi tfisser karti tal-flus u muniti, flus skritturali u flus elettroniċi **Fondi f'bonds** huma fondi ta' investment (FI) li jinvestu primarjament f'titoli ta' dejn. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' fondi ta' investiment f'fondi f'bonds huma dderivati mill-prospektus pubbliku, ir-regoli tal-fond, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew by-laws stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' marketing, jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra b'effett simili.

Fondi ħeġġ, għall-iskop ta' din il-Linja Gwida, tfisser kull impriża ta' investiment kollettiv irrispettivament mill-istruttura legali tagħha taħt il-liġijiet nazzjonali, li tapplika strateġiji ta' investiment relattivament mingħajr restrizzjoni sabiex tikseb redditi assoluti pożittivi, u li l-maniġers tagħhom, minbarra l-pagamenti għall-ġestjoni, jitħallsu skont il-prestazzjoni tal-fond. Għal dak l-iskop, il-fondi ħeġġ ftit għandhom restrizzjonijiet fir-rigward tat-tip ta' strumenti finanzjarji li fihom jistgħu jinvestu u b'hekk jistgħu jużaw b'mod flessibbli varjetà wiesgħa ta' tekniċi finanzjarji, li jinvolvu ingranaġġ, bejgħ ta' pożizzjoni qasira jew kwalunkwe teknika oħra. Din id-definizzjoni tkopri wkoll fondi li jinvestu, bis-sħiħ jew parzjalment, f'fondi ħeġġ oħrajn sakemm altrimenti jissodisfaw id-definizzjoni. Dawn il-kriterji għall-identifikazzjoni ta' fondi ħeġġ għandhom jiġu vvalutati kontra l-prospektus pubbliku kif ukoll ir-regoli tal-fond, statuti jew by-laws, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' marketing, jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra b'effett simili fir-rigward tal-fond.

Fondi mħallta huma fondi ta' investiment li jinvestu kemm f'ekwità kif ukoll f'bonds mingħajr ebda politika prevalenti favur xi strument jew ieħor. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' fondi ta' investiment f'fondi mħallta huma dderivati mill-prospektus pubbliku, ir-regoli tal-fond, l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew by-laws stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' marketing, jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra b'effett simili.

Fondi nnegozjati fil-borża (Exchange traded funds - ETFs) huma ddefiniti skont il-Linji Gwida tal-Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority - ESMA) dwar l-ETFs (ESMA/2012/832). L-ESMA tiddefinixxi UCITS ETF bħala UCITS li ta' mill-inqas unità jew klassi ta' sehem waħda minnha tiġi nnegozjata matul il-ġurnata fuq ta' mill-inqas suq irregolat wieħed jew Faċilità ta' Negozjar Multilaterali waħda ma' ta' mill-inqas ġeneratur tas-suq wieħed li jieħu azzjoni biex jiżgura li l-valur tal-borża tal-ishma tal-unitajiet jew ishma tiegħu ma jvarjawx b'mod sinifikanti mill-valur nett tal-assi tiegħu u fejn applikabbli mill-Valur Nett tal-Assi Indikattiv tiegħu. Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, non-UCITs li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' ETF mill-ESMA għandhom jiġu inklużi hawnhekk.

Fondi oħrajn huma fondi ta' investiment minbarra fondi ta' bonds, fondi ta' ekwità, fondi mħallta, fondi fi proprjetà immobbli jew fondi ħeġġ.

Fondi ta' ekwità huma fondi ta' investment li jinvestu primarjament f'ekwità. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' fondi ta' investiment f'fondi ta' ekwità huma dderivati mill-prospektus pubbliku, ir-regoli tal-fond, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew by-laws stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' marketing, jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra b'effett simili. Dawn għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija ta' fondi li fihom jinvestu primarjament

Fondi ta' ekwità privata (Private equity funds - PEFs) huma fondi ta' investiment mhux ingranati li jinvestu b'mod predominanti fi strumenti ta' ekwità u strumenti li huma ekonomikament simili għal strumenti ta' ekwità maħruġa minn kumpaniji mhux elenkati. Subkategorija ta' PEFs huma fondi ta' kapital spekulattiv (venture capital funds - VCFs), li jinvestu f'kumpaniji ġodda. PEFs (inklużi VCFs) huma normalment ikkostitwiti bħala fondi magħluqa jew bħala sħubijiet limitati ġestiti minn kumpanija ta' ekwità privata (Private Equity Company - PEC) jew minn kumpanija ta' kapital spekulattiv (venture capital company - VCC) fil-każ ta' VCFs. Waqt li l-PEFs (inklużi VCFs) huma kklassifikati bħala fondi ta' investiment b'mod konformi mal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38),PECs u VCCs huma kklassifikati bħala awżiljari finanzjarji (ESA 2010 kategorija S.126) jekk jiġġestixxu unikament l-assi ta' PEFs u VCFs; u bħala intermedjarji finanzjarji oħrajn (ESA 2010 kategorija S.125) jekk jinvestu f'isimhom stess f'ekwità privata.

Fondi ta' investiment huma ddefiniti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38).

Fondi ta' investiment bi tmiem magħluq huma FI b'numru fiss ta' ishma maħruġa li l-azzjonisti tagħhom ikollhom iħallsu jew ibiegħu ishma eżistenti sabiex jidħlu jew jitilqu mill-fond.

Fondi ta' investiment flessibbli huma fondi ta' investiment li l-unitajiet jew ishma tagħhom ikunu, fuq talba tad-detenturi, mixtrija mill-ġdid jew mifdija direttament jew indirettament mill-assi tal-impriża.

Fondi ta' kapital spekulattiv (venture capital funds - VCFs) jikkostitwixxu sub-kategorija ta' fondi ta' ekwità privata.

Fondi tal-pensjonijiet huma korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjoni bħal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu introjtu waqt l-irtirar, u ħafna drabi benefiċċji għal mewt u diżabbiltà (ESA 2010, paragraphs 2.105 to 2.110).

Fondi ta' proprjetà immobbli huma fondi ta' investment li jinvestu primarjament fi proprjetà immobbli. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' fondi ta' investiment f'fondi ta' proprjetà immobbli huma dderivati mill-prospektus pubbliku, ir-regoli tal-fond, l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew by-laws stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' marketing, jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra b'effett simili.

Fondi tas-sigurtà soċjali huma unitajiet istituzzjonali ċentrali, tal-istat, u lokali li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu benefiċċji soċjali u li jissodisfaw iż-żewġ kriterji li ġejjin: (a) permezz tal-liġi jew permezz ta' regolament ċerti gruppi tal-popolazzjoni huma obbligati jipparteċipaw fl-iskema jew biex iħallsu kontribuzzjonijiet; u (b) il-gvern ġenerali huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni fir-rigward tas-saldu jew tal-approvazzjoni tal-kontribuzzjonijiet indipendentement mir-rwol tiegħu bħala korp superviżorju jew

Fondi tas-Suq Monetarju (Money Market Funds - MMFs) huma ddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

Fornitur ta' servizz ta' pagament (payment service provider - PSP) kif iddefinit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2007/64/KE huwa persuna fiżika jew ġuridika li l-okkupazzjoni jew attività ta' negozju regolari tiegħu tinkludi l-forniment ta' servizzi ta' pagament lil utenti ta' servizzi ta' pagament.

Gvern ċentrali jikkonsisti minn dipartimenti amministrattivi tal-istat u aġenziji ċentrali oħrajn li l-kompetenza tagħhom testendi għat-territorju ekonomiku kollu, ħlief għall-aministrazzjoni ta' fondi ta' sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafu 2.114).

Gvern ġenerali jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali kollha li huma produtturi mhux għas-suq li l-output tagħhom huwa maħsub għall-konsum individwali jew kollettiv, u li huma ffinanzjati minn pagamenti obbligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid nazzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.114 sa 2.117). Il-gvern centrali jinkludi l-gvern ċentrali, il-gvern tal-istat, il-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafi 2.114 sa 2.116). Għal aktar gwida dwar il-klassifikazzjoni settorjali ta' unitajiet, jekk jogħġbok irreferi għall-Monetary, financial institutions and markets statistics sector manual: Guidance for the statistical classification of customers, Bank Ċentrali Ewropew, it-tielet edizzjoni Marzu 2007.

Gvern statali u lokali: gvern statali tfisser dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li huma unitajiet istituzzjonali separati li jwettqu wħud mill-funzjonijiet tal-gvern, għajr għall-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali, f'livell taħt dak ta' gvern ċentrali u ogħla minn ta' unitajiet istituzzjonali governattivi li jeżistu fil-livell lokali. Gvern lokali tfisser dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li l-kompetenza tagħha testendi biss sa parti lokali mit-territorju ekonomiku, minbarra aġenziji lokali ta' fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafi 2.115 sa 2.116).

Ħruġ b'rata fissa tinkludi kull ħruġ fejn il-pagament tal-kupun, ibbażat fuq ir-rata tal-kupun tal-garanzija prinċipali, ma jinbidilx matul il-ħajja tal-ħruġ. Titoli li ma jinħarġux b'rati fissi dritti jew rati varjabbli dritti, jiġifieri ħruġ b'rata imħallta, huma inklużi wkoll (eż. ħruġ b'rata fissa u mbagħad varjabbli, ħruġ b'rata varjabbli u mbagħad fissa, ħruġ li ma jkollhomx l-istess pagament ta' kupun tul il-ħajja tat-titoli, titoli step-up u titoli step-down).

Ħruġ b'rata varjabbli jinkludu l-emissjonijiet kollha bi pagament ta' kupun fejn il-kupun jew il-kapital jiġi aġġustat mill-ġdid perjodikament b'referenza għal rata ta' imgħax indipendenti jew indiċi.

Ħruġ ta' ishma bonus huwa l-għoti ta' ishma ġodda lill-azzjonisti bi proporzjon mal-ishma eżistenti tagħhom.

Ħruġ ta' ishma maqsuma huma ħruġ ta' ishma fejn il-korporazzjoni jew kważi-korporazzjoni żżid in-numru ta' ishma bi proporzjon jew multiplu.

Impostamenti privati jirreferu għall-bejgħ ta' ħruġ ta' titoli ta' ekwità lil bejjiegħ wieħed jew lil numru limitat ta' bejjiegħa mingħajr offerta pubblika.

Impriżi ta' Investimenti Kollettivi f'Titoli Trasferibbli (Undertakings for Collective Investments in Transferable Securities - UCITS) huma fondi ta' investiment li jkunu ġew stabbiliti skont id-Direttiva UCITS 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Intermedjarji finanzjarji oħrajn minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet (OFIs) huma korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji li jkunu prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu obbligazzjonijiet apparti valuta, depożiti (jew sostituti qrib ta' depożiti), ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment, jew b'rabta ma' assigurazzjoni, pensjoni u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94).

Ishma (ikkwotati u mhux ikkwotati) tinkludi l-assi finanzjarji kollha li jirrappreżentaw drittijiet ta' proprjetà fuq korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet. Dawn l-assi finanzjarji ġeneralment jintitolaw lid-detenturi għal sehem mill-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet u għal sehem mill-assi netti tagħhom fil-każ ta' likwidazzjoni.

Ishma elenkati, imsejħa wkoll ishma kkwotati, esklużi ishma/unitajiet f'fondi ta' investiment huma titoli tal-ekwità kkwotati fuq borża. Din il-borża tista' tkun borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati huma wkoll imsejħin ishma elenkati. L-eżistenza ta' prezzijiet ikkwotati ta' ishma kkwotati f'borża tfisser li l-prezzijiet attwali tas-suq normalment ikunu faċilment disponibbli.

Ishma kapitali maħruġa minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata huma titoli li jagħtu lid-detenturi tagħhom l-istatus ta' proprjetarji konġunti u jintitolawhom għal sehem mill-profitti totali ddistribwiti u mill-assi netti f'każ ta' likwidazzjoni.

Ishma mhux ikkwotati, esklużi ishma f'fond ta' investment, huma titoli ta' ekwità mhux ikkwotati f'Borża.

Ishma mifdija f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata huma ishma li l-kapital tagħhom ikun tħallas lura iżda li jinżammu mid-detenturi li jkomplu jkunu sidien konġunti u li jibqgħu intitolati għal sehem fil-profitti li jibqa' wara li jkunu tħallsu d-dividendi fuq il-kapital irreġistrat li jibqa', kif ukoll għal sehem minn kwalunkwe eċċessi li jibqa' wara likwidazzjoni.

Ishma ta' dividendi maħruġin minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata huma titoli, li skont il-pajjiż u ċ-ċirkustanzi li fihom jinħolqu, ikollhom varjetà ta' ismijiet bħal ishma tal-fundaturi, ishma ta' profitti, ishma ta' dividendi, eċċ. Dawn it-titoli: (a) ma jiffurmawx parti mill-kapital irreġistrat; (b) ma jagħtux lid-detenturi l-istatus ta' proprjetarji konġunti stricto sensu; u (c) ma jintitolawx lid-detenturi għal proporzjon ta' kwalunkwe profitti li jibqa' wara li d-dividendi jkunu tħallsu fuq il-kapital irreġistrat u għal frazzjon ta' kwalunkwe eċċess li jibqa' f'każ ta' likwidazzjoni.

Ishma u ekwita' oħra, esklużi ishma f'fond ta' investment tirreferi għal investimenti f'titoli, li jirrappreżentaw drittijiet ta' proprjetà f'korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet. Ġeneralment dawn it-titoli jagħtu d-dritt lid-detenturi għal sehem fil-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet u għal sehem mill-fondi tagħhom stess fil-każ ta' stralċ.

Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus huma korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira jew tal-assi tagħhom jew tal-obbligazzjonijiet tagħhom mhumiex innegozjati fis-swieq miftuħa. Dan is-sottosettur jinkludi kumpaniji holding li għandhom fil-pussess tagħhom livelli ta' kontroll tal-ekwità ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjieda tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tkun qed tinżamm din l-ekwità; jiġifieri, ma jkunux jamministraw jew jiġġestixxu unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 sa 2.99)

([1]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

Istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (Non-monetary financial institutions - non-MFIs) huma ddefiniti fl-Anness I, Parti 2 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (Monetary financial institutions, MFI) minbarra banek ċentrali huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn huma l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha f'sistema ta' pagament li jkunu taħt us-superviżjoni tal-awtoritajiet relevanti, jiġifieri jew il-bank ċentrali jew is-superviżur prudenzjali, iżda li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

Istituzzjonijiet giro ta' uffiċċju tal-posta (Post office giro institutions - POGI) huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1074/2013 (BĊE/2013/39).

Istituzzjonijiet internazzjonali jinkludu organizzazzjonijiet supranazzjonali u internazzjonali, bħal ma huma l-Bank Ewropew tal-Investiment, l-IMF u l-Bank Dinji.

Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet dometiċi (Non-profit institutions serving households - NPISHs) jikkonsistu f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċi, u huma produtturi privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus kontanti jew pagament b'oġġetti minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvern ġenerali u minn introjtu minn proprjetà (ESA 2010, paragrafi 2.129 sa 2.130).

Istituzzjonijiet Relevanti għall-Finijiet tal-Istatistiċi dwar il-Pagamenti (Payment Statistics Relevant Institutions - PSRI) jinkludu l-entitajiet kollha ddefiniti fl-Artikolu 2.1 tar-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43). PSRIs huma identifikati jew billi joffru servizzi ta' pagament u/jew billi jkunu intitolati li jagħmlu dan. Dawn jistgħu jkunu kklassifikati f'setturi istituzzjonali differenti.

Istituzzjoni ta' flus elettroniċi hija persuna ġuridika li tkun ingħatat awtorizzazzjoni biex toħroġ flus elettroniċi kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE.

Istituzzjoni ta' kreditu għandha l-istess tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Istituzzjoni ta' pagament għandha l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/64/KE.

Kards joffru lid-detentur tal-kard, skont il-ftehim mal-emittent tal-kard, waħda jew aktar mill-funzjonijiet li ġejjin: flus kontanti, debitu, debitu mdewwem, kreditu u flus elettroniċi.

Karti tal-flus tal-euro u muniti miżmuma mill-gvern ċentrali huma karti tal-flus u muniti maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew, banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro u gvernijiet ċentrali, u li huma miżmuma mill-gvern ċentrali.

Kategoriji oħrajn ta' OFIs hija kategorija residwali li tikkonsaisti f'korporazzjonijiet finanzjarji li ma jispeċjalizzawx f'xi waħda mill-oqsma ta' attività li japplikaw għaż-żewġ kategoriji oħrajn ta' OFI (negozjanti ta' titoli u derivattivi u korporazzjonijiet finanzjarji involuti f'għoti b'self). Pereżempju, korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati bħalma huma kumpaniji ta' spekulazzjoni u żvilupp tal-kapital jew kumpaniji li jiffinanzjaw l-esportazzjoni/importazzjoni huma inklużi f'din il-kategorija.

Korporazzjonijiet finanzjarji involuti f'għoti b'self (Financial corporations engaged in lending - FCLs), ikklassifikati bħala OFIs, huma korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati prinċipalment f'finanzjament ta' assi għal unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Korporazzjonijiet li jispeċjalizzaw f'lokazzjoni finanzjarja, fatturament, self b'ipoteka u self lil konsumaturi huma inklużi f'din il-kategorija. Dawn il-korporazzjonijiet finanzjarji jistgħu joperaw taħt il-forma legali ta' soċjetà tal-bini, istituzzjoni tal-kreditu muniċipali, eċċ.

Korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produtturi tas-suq u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll kważi-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.54).

Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni huma korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni diretta (ESA 2010, paragrai 2.100 sa 2.104)

Korporazzjonijiet ta' veikoli finanzjarji involuti fi transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (Financial vehicle corporations - FVCs) huma ddefiniti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40).

Lokazzjonijiet finanzjarji huma kuntratti fejn is-sid legali ta' beni li jservi (iktar 'il quddiem il-'lokatur') jisilfu lil parti terza (iktar 'il quddiem 'il-kerrej') għall-biċċa l-kbira jekk mhux għall-ħajja kollha ekonomika tal-beni, bi skambju għal pagamenti bin-nifs li jkopru l-ispejjeż tal-beni magħduda ma' pagament tal-interessi attribwiti. Il-kerrej huwa fil-fatt stmat li jirċievi l-benefiċċji kollha li joħorġu mill-użu tal-beni u li jġarrab l-ispejjeż u r-riskji assoċjati mal-proprjetà.

Mezzi ta' pagament, li jissejħu wkoll mezz ta' saldu, huma assi jew pretensjonijiet fuq assi li huma aċċettati mill-prenditur bħala saldu għal obbligu ta' pagament tal-pagatur fil-konfront tal-prenditur.

Mezzi ta' saldu, li jissejħu wkoll mezzi ta' pagament, tfisser assi jew pretensjonijiet fuq assi li jintużaw għall-pagamenti.

Munita f'ċirkolazzjoni huma l-karti tal-flus u l-muniti li jinħarġu jew jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet monetarji.

Munita tal-ħruġ hija ddefinita bħala d-denominazzjoni tal-munita tas-sigurtà.

Negozjanti tat-titoli u d-derivattivi (security and derivative dealers - SDDs) ikklassifikati bħala OFIs huma korporazzjonijiet finanzjarji awtorizzati biex jipprovdu servizzi ta' investiment lil partijiet terzi billi jinvestu fi strumenti finanzjarji f'isimhom stess bħala n-negozju tagħhom u li jkunu involuti prinċipalment fl-attivitajiet ta' intermedjazzjoni finanzjarji li ġejjin.

a) Negozjar f'isimhom stess u/jew għar-riskju tagħhom stess, bħala "negozjanti ta' titoli u derivattivi", fi strumenti finanzjarji ġodda jew pendenti permezz tal-akkwist u l-bejgħ ta' dawk l-istrumenti finanzjarji għall-iskop esklużiv li jibbenefikaw mill-marġni bejn il-prezz tal-akkwist u tal-bejgħ. Dan jinkludi wkoll attivitajiet ta' ħolqien tas-suq.

b) Sottosrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew l-impostazzjoni ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod.

c) L-għoti ta' assistenza lil ditti fil-ħruġ ta' strumenti finanzjarji ġodda permezz tal-impostazzjoni ta' strumenti finanzjarji ġodda li jinvolvu jew impenn ta' sottoskrizzjoni sod jew impenn temporanju lill-emittenti ta' ħruġ ġdid.

Operatur ta' servizz ta' pagament (payment service operator - PSO) huwa persuna fiżika jew ġuridika li l-okkupazzjoni jew attività ta' negozju regolari tiegħu tinkludi l-forniment ta' infrastruttura teknika (e.ż. terminals ta' telekomunikazzjoni jew pagament installati għand il-bejjiegħa bl-imnut).

Ordni ta' pagament hija kwalunkwe struzzjoni minn pagatur jew prenditur lill-fornitur tiegħu ta' servizz ta' pagament li permezz tagħha jitlob l-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagament.

Partecipant huwa entità identifikata/rikonoxxuta mis-sistema ta' trasferiment u li titħalla tibgħat u tkun kapaċi tirċievi ordnijiet ta' trasferiment lil/minn is-sistema, jew direttament jew indirettament.

Residenza tal-emittent: l-unità emittenti hija ddefinita bħala resident tal-pajjiż li jirrapporta meta jkollu ċentru ta' interess ekonomiku fit-territorju ekonomiku ta' dak il-pajjiż; jiġifieri, meta tinvolvi ruħha għal perijodu estiż (sena jew aktar) f'attivitajiet ekonomiċi f'dan it-territorju.

Reviżjoni eċċezzjonali hija reviżjoni ta' dejta li tirreferi għal perijodi qabel il-perijodu ta' referenza preċedenti.

Reviżjoni ordinarja hija r-reviżjoni ta' dejta li tirreferi għall-perjodu ta' qabel dak preżenti.

Self huma fondi mislufa minn aġenti ta' rappurtar lill-persuni li jissellfu, li m'għandhomx dokumenti bħala xhieda jew huma rappreżentati minn dokument wieħed (anki jekk ikun sar negozjabbli).

Servizz ta' pagament kif iddefinit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE huwa attività ta' negozju li tikkonsisti fl-eżekuzzjoni ta' transazzjonijiet ta' pagament f'isem persuna fiżika jew ġuridika, fejn ta' mill-inqas wieħed mill-fornituri tas-servizz ta' pagament ikun jinsab fl-Unjoni. Għall-finijiet tal-istatistiċi ta' pagament, servizz ta' pagament jinftiehem bħala l-aċċettazzjoni minn entità (eż. istituzzjoni ta' kreditu) ta' transazzjoni ta' pagament għal eżekuzzjoni ulterjuri (li jista' jkun il-kompitu ta' entità oħra) permezz ta' kklerjar u/jew saldu mingħajr flus kontanti.

Settur li jżomm il-flus tinkludi r-residenti kollha fiż-żona tal-euro li mhumiex MFI, eskluż is-settur tal-gvern ċentrali.

Strument ta' pagament huwa għodda jew sett ta' proċeduri li jippermetti t-trasferiment ta' fondi mill-pagatur lill-prenditur kif iddefinit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE.

Subfondi jispeċifikaw klassi separata jew denominazzjoni ta' unità fi ħdan fond li jinvesti f'ġabra separata jew portafoll ta' investimenti. "Sub-fond" huwa magħruf ukoll bħala "kompartiment". Kull sub-fond jikkostitwixxi stabbiliment awtonomu u speċjalizzat. Speċjalizzazzjoni tista' tkun relatata ma' strument finanzjarju partikolari jew suq partikolari.

Sussidjarji huma entitajiet separati inkorporati fejn entità oħra jkollha maġġoranza jew parteċipazzjoni sħiħa.

Terminals huma strumenti elettromekkaniċi li jippermettu lil utenti awtorizzati biex jaċċessaw firxa ta' servizzi. L-utenti jaċċessaw is-servizzi fit-terminal permezz ta' kard li jkollha waħda jew aktar mill-funzjonijiet li ġejjin: flus kontanti, debitu, debitu mdewwem, kreditu u flus elettroniċi. It-terminals huma punti ta' aċċess fiżiku u jistgħu jkunu jew taħt superviżjoni (li jeħtieġ l-involviment ta' operatur ta' terminal jew kaxxier) jew inkella mingħajr superviżjoni (iddisinnjati biex jintużaw mid-detentur tal-kard li jinqeda waħdu).

Terminals tal-punt tal-bejgħ (Point of sale - POS) huma strumenti li jippermettu l-użu ta' kards ta' pagament b'punt ta' bejgħ fiżiku (mhux virtwali). L-informazzjoni dwar il-pagament tinkiseb jew b'mod manwali fuq il-vawċers stampati jew permezz ta' mezzi elettroniċi, jiġifieri EFTPOS.

It-terminal POS huwa ddisinnjat biex jippermetti t-trażmissjoni ta' informazzjoni jew online, b'talba dak il-ħin stess għal awtorizzazzjoni, u/jew offline.

Titoli ta' dejn huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn li normalment jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji, jew jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ lid-detentur.

Titoli ta' dejn b'terminu qasir jikkonsistu fil-ħruġ kollu ta' titoli ta' dejn b'maturità oriġinali ta' sena jew inqas; titoli b'terminu qasir ġeneralment jinħarġu bi skont. Din is-subpożizzjoni ma tinkludix titoli li l-negozjabbiltà tagħhom, waqt li tkun teoretikament possibbli, tkun ristretta ħafna fil-prattika.

Titoli ta' dejn b'terminu twil tinkludi kull ħruġ ta' titoli ta' dejn li għandhom maturità oriġinali b'terminu twil ta' aktar minn sena; titoli b'terminu twil ġeneralment jinħarġu b'kupuni.

Titolizzazzjoni hija ddefinita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40).

Titolizzazzjonijiet marbuta mal-assigurazzjoni huma titolizzazzjonijiet fejn ikun hemm trasferiment ta' poloz tal-assigurazzjoni miksub jew permezz tat-trasferiment tat-titolu legali jew l-interess benefiċjarju lil FVC, jew inkella meta jkun hemm trasferiment ta' riskji tal-assigurazzjoni minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni lil FVC li tiffinanzja totalment l-iskopertura tagħha għal dawk ir-riskji permezz tal-ħruġ ta' strumenti ta' finanzjament, u d-drittijiet ta' ripagament tal-investituri f'dawk l-istrumenti ta' finanzjament ikunu subordinati għall-obbligi ta' riassigurazzjoni tal-FVC.

Titolizzazzjonijiet sintetiċi huma titolizzazzjonijiet fejn ikun hemm trasferiment ta' riskju ta' kreditu ta' assi jew ġabra ta' assi miksuba bl-użu ta' derivattivi tal-kreditu, garanziji jew kwalunkwe mekkaniżmu simili.

Transazzjoni POS hija tranżazzjoni mwettqa permezz ta' terminal POS li tuża kard b'funzjoni ta' debitu, kreditu jew debitu mdewwem. Transazzjonijiet li jużaw kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi mhumiex inklużi.

Transazzjoni ta' flus barra l-borża (over-the-counter - OTC) hija depożitu ta' flus fi jew ġbid ta' flus minn kont f'bank bl-użu ta' formola bankarja. Dawn it-transazzjonijiet ma jirrappreżentawx pagamenti stricto sensu peress li jikkonsistu biss f'bidla mill-flus tal-bank ċentrali għall-flus tal-kont bankarju jew viċe versa.

Transazzjoni ta' pagament hija att, mibdi mill-pagatur jew mill-prenditur, ta' depożitu, ġbid jew trasferiment ta' fondi minn pagatur lill-prenditur, irrispettivament minn kwalunkwe obbligu sottostanti bejn l-utenti tas-servizz ta' pagament. Ara wkoll **fondi** u **mezzi ta' pagament**. "Tranżazzjoni ta' pagament" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE.

Tranżazzjoni ta' pagament domestiku għandha l-istess tifsira bħal tranżazzjoni ta' pagament nazzjonali' kif iddefinita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012.

Uffiċċju huwa post ta' negozju li jifforma parti li tkun dipendenti legalment minn: (a) istituzzjonijiet ta' kreditu jew bank mhux ibbażat fiż-ŻEE; (b) bank ċentrali; jew (c) istituzzjoni oħra li toffri servizzi ta' pagament lil non-MFIs, u li twettaq direttament it-transazzjonijiet kollha jew uħud minnhom li huma inerenti għan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Unitajiet domestiċi jikkonsistu f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala intraprendituri li jipproduċu oġġetti għas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produzzjoni ta' prodotti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati ttrattati bħala kważi-korporazzjonijiet. Jinkludu wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji għal użu aħħari proprju b'mod esklużiv (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128).

Unitajiet residenti nozzjonali huma ddefiniti bħala: (a) dawk il-partijiet ta' unitajiet mhux residenti li jkollhom ċentru ta' interess ekonomiku predominanti (li normalment tfisser li jwettqu transazzjonijiet ekonomiċi għal sena jew aktar) fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż; (b) unitajiet mhux residenti fil-kapaċità tagħhom bħala proprjetarji ta' art jew bini fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż, iżda biss fir-rigward tat-transazzjonijiet li jaffettwaw tali art jew bini.

Utent ta' servizz ta' pagament huwa persuna fiżika jew ġuridika li tuża servizz ta' pagament bħala pagatur u/jew prenditur. Il-pagatur huwa parti fi transazzjoni ta' pagament li toħroġ l-ordni ta' pagament jew li taqbel li tittrasferixxi l-fondi lil prenditur. Il-prenditur jew benefiċjarju huwa persuna fiżika jew ġuridika li tkun ir-riċevitur finali intenzjkonat tal-fondi li jkunu s-suġġett ta' transazzjoni ta' pagament.

Valur nett tal-assi (Net asset value - NAV) ta' fond ta' investiment huwa l-valur tal-assi tiegħu wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet tiegħu, esklużi ishma f'fondi ta' investiment.